Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 378 / 2018

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**

**vs**

**Kevin Galea**

Illum 12 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Kevin Galea detenur tal-karta ta' identita' Maltija 396067M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-26 ta' Gunju, 2008, ghall-habta tad-disgha ta' filghodu, f' Marsaskala, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Jacqueline Susan Galea f' periklu car, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta ir-reat hawn fuq imsemmi meta bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat in-nota tar-rinviju għall-ġudizzju mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fit-28 ta' Diċembru 2009, fejn deherlu li l-imputat jista' jinstab ħati tas-segwenti reati kontemplati:

a) fl-artikoli 41(1)(b), 211(1)(2), 214 u 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) fl-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-3 t' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(b), 211(1)(2), 214, 216(1)(a) u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta elenkati fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, sabet lill-imputat ħati tar-reati kontemplati f' dawn l-artikoli, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ikkundannatu għal perjodu ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-ħati iħallas l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjeż għandhom jitħallsu fi żmien sitt (6) xhur minn meta jiġi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, b' dan li jekk din il-komunika issir lilu waqt li jkun għadu jiskonta l-piena karcerarja li qegħda tiġi b' din is-sentenza erogata, il-ħati għandu jħallas dawn l-ispejjeż fiż-żmien sitt (6) xhur minn meta jiskonta din il-piena, u għal dan il-fini ir-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħdax-il Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) dovut.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Kevin Galea, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 t' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza u tilliberah minn kull ħtija u piena, jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Rat illi <u>l-ewwel aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt issib lill-esponent hati taz-zewg reati msemmija fil-paragrafu (a) tar-rinviju ghal gudizzju ta' l-Avukat Generali, u cioe` kemm tar-reat kontemplat fl-artikolu 211(1)(2) (tentattiv ta' omicidju volontarju) bil-kwalifika indikata fl-artikolu 41(1)(b) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fir-reat kontemplat fl-artikoli 214 u 216(1)(a) ta' l-istess Kodici (offiza volontarja ta' natura gravi).

Illi jidher li l-Qorti tal-Magistrati giet zgwidata mill-Avukat Generali bil-mod insolitu u xejn ortodoss ta' kif gew indikati l-artikoli relattivi. Kif inghad l-Avukat Generali indika l-imsemmija artikoli 41(1)(b), 211(1)(2), 214 u 216(1)(a) f' paragrafu wiehed b' mod li ta' x' jifhem li kien qieghed jaddebita reat wiehed u mhux zewg reati distinti u necessarjament alternattivi ghal xulxin.

Illi r-reat ta' tentattiv ta' omicidju jirrikjedi intenzjoni specifika (specific intent), senjatament <u>il-hsieb li toqtol persuna jew li tqieghed il-hajja ta' dik il-persuna f' perikolu car</u> (artikolu 211(2)). Mill-banda l-ohra l-intenzjoni rikjesta ghar-reat ta' offiza fuq il-persuna hija wahda generika (generic intent) in kwantu mhux definita fil-ligi. L-artikolu 214 jeskludi pero` l-animus necandi bil-kliem car "<u>minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f' periklu car</u>". Dan necessarjament ifisser li dawn iz-zewg reati – li ghandhom ezistenza awtonoma – ma jistghu qatt jikkoezistu meta jkunu jemanu mill-istess att. Meta l-perpetratur jikkommetti l-att, l-element formali tieghu jkun jew l-animus necandi (fl-omicidju volontarju jew fit-tentattiv ta' omicidju volontarju) jew l-animus nocendi (fl-offiza volontarja fuq il-persuna).

Illi l-hekk imsejjha dezistenza volontarja (artikolu 41(1)(b)) ma tissostitwix retroattivament dak li kien l-element formali tar-reat de quo fil-waqt tal-kommissjoni tieghu. Fi kliem iehor, jekk fil-mument li l-esponent kien qieghed jikkommetti l-att li jivga lill-martu huwa kellu l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja taghha f' perikolu car, dak l-element formali ma jigix nieqes bil-fatt li l-istess esponent waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt. Kif inghad, il-ligi stess, fl-artikolu 214 tghid li sabiex jigi kommess ir-reat kontemplat fl-istess artikolu, ma jridx ikun hemm il-hsieb li wiehed joqtol jew iqieghed il-hajja f' perikolu car; altrimenti l-agent ikun passibbli ghal reat iktar gravi. Ghalhekk il-konsegwenza ta' din id-dezistenza volontarja ma tista' qatt

tkun is-sejbien ta' htija f' reat alternattiv li, f' dan il-kaz, addirittura jirrikjedi element formali divers.

Illi l-artikolu 41(1)(b) jghid li fl-eventwalita` fih kontemplata, l-agent jehel "il-piena ghall-atti li jkun lahaq ghamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-ligi". Il-kwistjoni ta' jekk kienx hemm o meno d-dezistenza volontarja hija llum ezawrita in kwantu koncessa mill-Avukat Generali. Ghalhekk dak li kellha taghmel il-Qorti tal-Magistrati kien illi tara – dejjem fil-parametri tar-rinviju ghal gudizzju ta' l-istess Avukat Generali – jekk kien hemm reati ohra li lahaq ikkommetta l-esponent. Issa l-unici reati indikati mill-Avukat Generali fl-imsemmi rinviju huma dawk kontemplati fl-artikolu 214 abbinat ma' l-artikolu 216(1)(a) u l-artikolu 141. Dan l-ahhar "reat" ma ghandux ezistenza awtonoma in kwantu jiddependi fuq sejbien ta' htija f' reat iehor. Ghalhekk, galadarba li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-esponent ma setghax jinstab hati tar-reat ta' offiza volontarja, kellu jigu lliberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi <u>t-tieni aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena imposta mill-Qorti tal-Magistrati hija sproporzjonata tenut kont kemm tar-rizultanzi fattwali kif ukoll ta' l-andament procedurali.

Illi, kif jirrizulta mis-sentenza appellata, l-esponent kien invoka l-eccezzjoni tal-genn quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Din l-eccezzjoni giet michuda a bazi tal-konkluzjonijiet ta' l-esperti psikjatri nominati mill-istess Qorti, Dr. Joseph Vella Baldacchino, Dr. George Debono u Dr. John Mifsud. Dawn l-esperti kkonkludew, inter alia, li fil-mument ta' l-incident l-esponent ma kienx fi stat ta' genn fit-termini tal-ligi u kellu l-kapacita` *di intendere e di volere*.

Illi, diversament, l-esperta psikjatra nominata fl-inkjesta magisterjali Dr. Ethel Felice, ikkonkludiet li fil-hin ta' l-att l-esponent ma kellux il-kapacita` di intendere e di volere. Il-psikjatra kuranti ta' l-esponent, Dr. David Cassar, li kien ezamina lill-esponent qabel l-incident meritu tal-kawza, spjega illi kien affett mill-marda tal-psikozi, jigifieri ma kienx hemm kuntatt mar-realta`.

Illi jinghad ghal kull buon fini li huwa risaput li opinjonijiet moghtija minn tobba li ma jkunux nominati minn Qorti jew minn Magistrat Inkwirenti jistghu jigu permessi mill-Qorti (vide, passim, is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi (30.07.2004). Jidher li l-opinjoni moghtija minn Dr. David Cassar giet imwarrba mit-tlett esperti nominati mill-Qorti, u kwindi wkoll mill-Qorti tal-Magistrati, principalment kemm minhabba li t-trattament li kien inghata minnu ma kienx jikkorrispondi mal-kundizzjoni tal-psikozi kif ukoll minhabba li l-esponent ma kienx gie mizmum fl-isptar Monte Karmeli.

Illi ghalkemm l-esponent ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet milhuqa mit-tlett esperti nominati mill-Qorti tal-Magistrati – u dan mhux biss minhabba l-konkluzjonijiet ta' Dr. Ethel Felice u Dr. David Cassar imma anke ghaliex wara l-incident l-esponent ghamel snin mizmum fl-Isptar Monte Karmeli u ghadu sallum, ' il fuq minn ghaxar snin wara l-incident, jattendi regolarment f' dan l-Isptar bhala outpatient – ma huwiex ser jerga' jiftah dan il-kapitolu fl-istadju ta' l-appell. Pero` l-esponent ma jistax ma jirrimarkax bl-akbar rispett li s-segwenti konkluzjoni tal-Qorti tal-Magistrati fil-konsiderazzjoni taghha dwar il-piena hija erronja:

"Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet tad-difiza li l-agir tal-imputat kien kagunat minn mard ta' natura psikjatriku, anke jekk dan il-mard ma jikkwalifikax bhala genn ai termini tal-ligi."

Illi anki jekk wiehed jaccetta l-konkluzjoni li fil-mument ta' l-incident l-esponent ma kienx fi stat ta' genn <u>fit-termini tal-ligi</u> u kellu l-kapacita` di intendere e di volere, dan ifisser biss, kif qalu espressament l-istess esperti, li ma kienx fi stat ta' genn fit-termini tal-ligi, u cioe` fit-termini ta' l-artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk mhux ezenti minn responsabilita` kriminali. Pero` li wiehed jekwipara n-nuqqas ta' l-estremi li jwasslu ghal tali ezenzjoni mas-sanita` mentali huwa zball. Ma jista' qatt ikun hemm dubju li l-esponent kien affett minn mard mentali liema mard kellu rabta diretta ma' l-incident meritu ta' dan il-kaz. Dan qalu mhux biss il-psikjatra kuranti tieghu li kien l-uniku psikjatra li ezaminah qabel l-incident, izda anke Dr. Ethel Felice li kienet esperta nominata mill-Magistrati Inkwirenti. Ma dawn tista' tizdied ukoll ix-xiehda ta' Dr. Alexandra Baldacchino li ratu ezatt wara l-incident u dehrilha li kellu

bzonn jara psikjatra kemm jista′ jkun malajr. Ukoll l-istess vittma tar-reat, mart l-esponent, ikkoncediet minghajr mezzi termini li dak li sehh sehh biss minhabba li l-esponent kien marid.

Illi ghalhekk kienet bl-akbar rispett zbaljata l-Qorti tal-Magistrati meta ma tat ebda piz lill-kundizzjoni mentali ta′ l-esponent. Filwaqt li huwa koncess li kienet libera li tiskarta, *inter alia*, l-opinjoni ta′ l-esperta Dr. Ethel Felice u tabbracca dik ta′ l-esperti nominati fl-istruttorja, ma kellha qatt tiskarta, ghall-finijiet tal-kalibrar tal-piena, il-kundizzjoni mentali serja ta′ l-esponent fil-hin ta′ l-incident. Qed jigi ghalhekk sottomess li dan il-fattur krucjali ghandu jittiehed in konsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti fl-eventwalita` li l-ewwel aggravju ta′ l-esponent ma jigix milqugh.

Illi fattur iehor li kellu jittiehed in konsiderazzjoni u li gie kompletament injorat mill-Qorti tal-Magistrati kien it-trapass ta′ iktar minn ghaxar snin mid-data ta′ l-incident sad-data tas-sentenza taghha.

Illi l-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom fit-3 ta′ Lulju, 2014 u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta′ April, 2015. Is-sentenza eventwalment inghatat fit-3 ta′ Ottubru, 2018 wara xejn inqas minn tlettax-il (13) differiment. Dan l-andament fil-proceduri, u cioe` l-ghoti tas-sentenza wara erba′ snin u tlett xhur, kien kawza ta′ stress mentali kbir fuq l-esponent. Dan il-fattur kellu necessarjament jittiehed in konsiderazzjoni galadarba l-esponent ma kien bl-ebda mod responsabbli ghalih. Kif intqal fis-sentenza ta′ din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Nicola Farrugia et.*** (02.10.2002), it-trapass taz-zmien jista′ jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta′ piena meta hija turi li tul dak iz-zmien tkun zammet lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wriet certu impenn biex tirriforma. Fil-kaz in dizamina l-incident meritu ta′ din il-kawza kien wiehed izolat u dovut ghall-istat mentali ta′ l-esponent f′ dak iz-zmien. A parti mill-fatt li l-esponent, la qabel u lanqas wara, ma kiser diffru mal-ligi, huwa ghamel minn kollox sabiex jikkura ruhu tant li anke ghamel sentejn fl-Isptar Monte Karmeli u ghadu jattendi regolarment sallum. Ghalhekk qed jigi sottomess li l-fattur tat-trapass taz-zmien mill-incident ma kellux jigi injorat mill-Qorti tal-Magistrati nonostante l-fatt li kienet l-istess Qorti l-kawza ta′ parti konsiderevoli ta′ dan id-dewmien.

Illi l-Qorti tal-Magistrati kkargat il-piena – fis-sens li erogat piena ta' prigunerija <u>effettiva</u> – ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok il-Qorti osservat li r-reat kien wiehed ta' tentattiv ta' omicidju u fit-tieni lok ir-reat kien wiehed ta' vjolenza domestika. Fir-rigward ta' din l-ahhar raguni, il-Qorti qalet specifikatament li l-prigunerija effettiva kienet qed tigi imposta proprja minhabba din ir-raguni.

Illi, fir-rigward tal-fatt li r-reat kien wiehed ta' tentattiv ta' omicidju, il-ligi stess tiggwida lill-gudikant billi tipprovdi li ghandu jehel il-piena ghall-atti li jkun lahaq ghamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-ligi. Dan ifisser li m' ghandux jinghata piena ghar-reat ta' tentattiv ta' omicidju u ghalhekk il-Qorti kienet bl-akbar rispett zbaljata meta kkalibrat il-kwalita` tal-piena fuq in-natura tar-reat.

Illi, fir-rigward tal-fatt li r-reat kien wiehed ta' vjolenza domestika, ghandu jinghad li d-definizzjoni ta' "vjolenza domestika" moghtija fl-Att dwar il-Vjolenza Domestika (vigenti fiz-zmien ta' l-incident izda illum abrogat) hija pjuttost vasta u tinkludi anke semplici insult bejn koppja mizzewga. Qed jigi pero` sottomess li att izolat, nonche` gravi, m' ghandux jittiehed in konsiderazzjoni sabiex il-kwalita` tal-piena tigi kkargata. Dan iktar u iktar meta, bhal f' dan il-kaz, hemm il-mahfra inkondizzjonata u genwina tal-vittma tar-reat li ddikkarat minghajr mezzi termini li ma rieditx lill-esponent imur il-habs ghaliex dak li ghamel ghamlu ghaliex kien marid.

Illi effettivament il-Qorti tal-Magistrati lanqas hasset il-htiega li timponi l-obbligu ta' garanzija fuq l-esponent sabiex ma javvicinax lil Jacqueline Susan Galea u lanqas harget ordni ta' trazzin favur taghha. Di piu`, fil-mori tal-proceduri lanqas biss intalbet ordni ta' protezzjoni favur Galea. Dan juri kemm dan ma kienx kaz tipiku ta' vjolenza domestika izda kien biss incident izolat, minghajr precedenti u minghajr segwitu, u hadd, lanqas l-istess Qorti, ma hass li kellu jitlob jew jiehu xi prekwazjoni minhabba possibilita` ta' ripetizzjoni.

Illi qed jigi sottomess li dawn il-fatturi kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni flimkien ta', mhux biss il-mahfra tal-vittma izda anke x-xewqa espressa taghha, u flimkien mal-fatt li l-esponent huwa persuna ta' kondotta tajba. Ghalhekk, fl-eventwalita` li l-

ewwel aggravju jigi michud, il-piena m' ghandiex tkun wahda ta' prigunerija effettiva.

Ikkunsidrat;

Fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja dak in-nhar preseduta minn din il-Qorti kif preseduta, l-Avukati Difensuri tal-appellant kienu nfurmaw lil Qorti li l-imputat jinsab rikoverat l-isptar Monte Carmeli. Fl-istess seduta xehdet Dr. **Ethel Felice** li qalet li l-imputat Kevin Galea jinsab taht il-kura ta' Dr. David Cassar. Spjegat li kienet ordnata fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) sabiex tezamina lil imputat u dan skond digriet tal-Magistrat Dr. Anthony Vella u dan sabiex tirelata dwar l-istat mentali tal-imputat u sabiex ikun jaf kif ghandu jindirizza lill-imputat. Hi ezaminatu dak in-nhar stess u cioe fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fil-kwartieri generali tal-Pulizija u hasset li dak inhar stess kellu jidahhal l-isptar Monte Carmeli u dan ghal gid tieghu. Xehdet li '*L-imputat dak inhar kien qed ibati minn . . . . . . jealousy jigifieri kellu hsibijiet u deluzjonijiet ffukati biss fuq persuna wahda. Kif wkoll kien qed ibati minn depression qawwija peress li kienu ilhom prezenti ghat-tliet xhur ta' qabel u ghal hekk minhabba dan seta kien hemm riskju kbir li jaghmel hsara lilu nnifsu bhal per ezempju jikkommetti suwicidju u ghal hekk tajt ir-rakomandazzjoni tieghi sabiex jiddahhal l-isptar u dan sabiex jiehu l-kura u trattament mehtieg.*' Spjegat li fil-prezent jinsab taht kura ta' Dr. David Cassar u jinsab taht constant watch l-isptar. Hija reghhet ratu darbtejn ohra u ghalhekk sabet li huwa kien fi stat li jaghti x-xhieda tieghu meta kellu jigi intervistat mill-pulizija. Qalet li llum il-gurnata l-imputat jinsab fi stadju li jista' jseegwi l-proceduri. Spjegat ukoll li l-impuatt jista' jinghata l-helsien mill-arrest pero' ghandu jinzamm l-isptar Monte Carmeli ghaliex hemm bzonn li huwa isegwi l-kura tieghu.

F'dik is-seduta l-Qorti kienet estendiet l-inkarigu ta' Dottor Ethel Felice nominata fl-inkjesta sabiex izzomm infurmata lil Qorti b'dak li ghaddej fir-rigward s-sahha mentali tal-imputat u tirrapporta bil-miktub lil Qorti dwar dan kull hmistax u dan temporanjament sakemm Doctor Ethel Felice tinforma lil Qorti li l-imputat ikun stabbli.

Fl-istess seduta gie prezentat estratt tac-certfikat tat-twelid, il-fedina penali, il-passaport u l-karta tal-identita' tal-imputat.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) xehed **l-Ispettur Chris Pullicino** li qal li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), il-Pulizija giet infurmata b'telefonata l-ghassa haz-Zabbar li gewwa Sunrise Flat 1, Triq il-Maghluq Marsascala kien ghadu kif sehh incident. Min kien qieghed icempel identifika ruhu bhala Kevin Galea li qal li kien ghadu kif prova jghallaq lil mara tieghu. Il-Pulizija accediet mill-ewwel fuq il-post li kien indikalhom il-persuna li cempel fejn hemmhekk sabu fil-kamra tal-banju lil Jacqueline Susan Galea mixhuta mal-art fil-kamra tal-banju mitlufa kwazi minn sensieha. Fuq il-post sabu wkoll lil Kevin Galea li gharaf fl-awla fejn spejagalhom x'kien gara fuq fuq. Spjega li '*Dan qalilhom li kien ilu xi tliet xhur jissuspetta hazin fil-mara u eventwalment dak inhar kienet wahda mill-granet fejn rega' argumenta maghha u in segwitu ta' dan l-argument sahnet il-qiegha, qabad il-wire taac-charger tal-mobile u dawwarulha ma ghonqa. Eventwalment minn rajh stess, fuq il-post, waqt li kien ghadu fuq il-post, anke tahon ic-charger tal-mobile li allegatament prova jghallaq lill-mara bih.*' Minhabba l-istat kif kien jidher, panikuz u taht anzjeta kbira, l-ispettur Jesmond Borg dak il-hin hass li kellu jiehdu anke sal-poliklinika, anke minhabba li kellu xi grif f'wiccu u dak inhar ratu Dr. Alexandra Baldacchino li kienet l-poliklinika ta' Rahal Gdid kienet ssuggeriet, bazikament kienet qalet fic-certifika taghha qalet li jumejn qabel kien ghadu kif ra psikjatra lil Dr. David Casar u ghalhekk '*he had to visit his wife, not the patient himself. In my oinion patint requires a psychiatric assessment as soon as possibli in view of full . . . . . as to his actions this morning.*' Hass li ma kellux jibda jkellmu kif gabuh id-Depot u informa lil Magistrat Inkwerenti bic-certifikat li kellu f'idu u l-Magistrat hatar lil Dr. Ethel Felice biex tarah fl-ufficju tieghu stess fejn qaltilha li ma kienx *suitable* li jigi mitkellem mill-Pulizija u qaltilhom li jkun ahjar ghalih li jitla' Mount Carmel. Dak in-nhar stess ma kompliex jigi mitkellem, tellawh Mount Carmel u fl-erbgha (4) ta' Lulju gew infurmati minn Dr. Ethel Felice li fuq ordni tal-Qorti baqghet issegwih u qaltilhom li dak inhar kien fi stat li seta jigi mitkellem mill-Pulizija. Proceda hemm hekk flimkien ma PS 1152 Saliba u hadlu stqarrija fl-isptar stess. Fl-istqarrija li hija daqsxejn iktar dettaljata mir-rapport inizjali, Kevin spjega li madwar tliet xhur qabel l-incident beda

josserva li l-mara qed tibghat hafna messaggi u anke tircievi messaggi anke f'hinijiet strambi bil-lejl, pero' ghall-ewwel ma kienx jaghti kaz minhabba li x-xoghol taghha huwa hair dresser u allura seta kienu klijenti li qed jibghatulha dawn il-messaggi. Imbaghad darba mar jiccekjalha l-messaggi fuq il-mobile u sab messagg li kien *jghid* '*you are all excuses saying that you have no credit to send me back. Your lady firend from Malta.*' Kif sab il-messagg, xi gimghatejn qabel l-incident, qajjimha dak il-hin tard filghaxija u talabha spjegazzjoni biex tispjegalu x'kien dak il-messagg. Spjegazzjoni cara ma taghtux pero' qaltlu '*I messed up, I messed and I am leaving and take care of the kids.*' Qaltlu li kien l-ahhar messagg li kienet baghtet lil dan il-persuna li kienet qed tibghatlu dawn it-tip ta' messaggi. Bl-argument, qamu anke t-tfal, ghannaq lil kulhadd mieghu, prova jiggbor lil familja kollha f'daqqa u rega′ pprova jirranga s-sitwazzjoni u prova jinsa dak li kien ghadu kif gara. Il-hsibijiet baqghu jittantawh u baqa' jahseb li l-mara qed taghmel xi haga minn wara daru. Sabiex jiprovaw jirrangaw is-sitwazzjoni, tkellem mal-mara li ahjar li jmorru holiday wahedhom, marru Pisa u eventwalment anke hemm hekk inqalghu certu intoppi waqt din il-vaganzi. Intqal certu diskors li speci argumenti fuq dan is-sens li xehed. Wara diversi incidenti simili, il-mara qaltlu li thoss li ma setghux jibqghu sejrin hekk u ser titlob l-assistenza, maru ghand psychologist u eventwalment qaltlu li kienet ghamlet appuntament il-Mater Dei ghand psikjatra. Kif dahlu ghand il-psikjatra sab li l-appuntament ma kienx ghaliha imma ghalih u ha ghalih hafna minhabba li l-mara speci laghbitu bid-diskors. Dak in-nhar tal-incident fis-sitta u ggoxrin (26) ta' Gunju Kevin spjega li kienu qamu filghodu. Hu mar iwassal lit-tifla u lin-neputja l-iskola u kif wasal id-dar kien imxarrab ghasra bil-gharaq. Kien qed ihossu ecitat u rega' qabad l-argument ta' dawn l-ahhar tlett (3) xhur mal-mara tieghu. Il-mara dak il-hin qaltlu '*I have to go to work. I cannot stay here and I am tired of hearing the same discussions.*' Qalet xi diskors iehor minn gol-kamra tal-banju li hu ma setax jifhem sew pero′ minn kliemha hadha li qisu qed idejjaqha hafna, mar minn fejn kien ghal gol-kamra tal-banju, l-ewwel qabadha b'idejh u mbghad gie f'idu ic-charger tal-mobile u dawwarulha ma ghonqha wkoll. Hekk kif gie f'*sessieh* u induna x'qed jaghmel, nehhielha l-wire immedjatament u cempel kemm l-ghassa kif wkoll ghall-ambulanza u taghha l-ewwel ghajnuna huwa stess sakemm waslet l-ghajnuna medika. Sussegwentement waslet il-Pulizija fuq il-post u kienet infethet anke inkjesta. F'dan is-sens kien ha l-ewwel stqarrija fl-isptar Monte Carmeli lil Kevin

Galea taht is-solitu twssija fil-presenza ta' PS 1152 fejn Kevin kien kkopera bis-shih u kien anke ffirma din l-istqarrija li kien ghamel. Din l-istqarrija giet esebita bhaa Dok CP1. Esebixxa certifikat mahrug minn Dr. Alexandra Baldacchino tal-Paola Health Centre esebit bhala Dok CP2. Esebixxa wkoll certifikat mahrug fil-konfront ta' Jacqueline Susan Galea nee' Busuttil mahrug minn Dr. Jonathan Joslin li ccertifika bhala li kienet qed issofri minn grievous injuries immarkat bhala Dok CP3. Spjega li dakinhar li hadlu l-istqarrija, hallieh Mount Carmel lil Kevin u eventwalment wara rega' kkonsulta ma' Dr. Ethel Felice biex jara jistax jerga ikellmu u jekk possibilment setax ikun hemm *arraignment* fil-konfront tieghu, din kienet kkonfertmat li fit-tmienja (8) ta' Lulju li setgha jaghmel dan. Rega' gab lil Kevin Galea fil-kwartieri generali tal-Pulizija fejn kellmu fl-ufficju tieghu stess. Iccaraw xi punti zghar li ma setghx jiccara fl-ewwel stqarrija wara li kien kellem lilha ghax kienet harget mill-coma li kienet fiha u sussegwentement Kevin gie mressaq il-Qorti u akkuzat quddiem il-Qorti. L-istqarrija mehuda fit-tmienja (8) ta' Lulju giet esebita bhala Dok CP4.

**L-Ispettur Jesmond Borg** xehed fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn qal li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), ircieva telefonata minghand PS 1330 Alexander Schembri fejn infurmah li kien niezel lejn Wied i-Ghajn mill-Ghassa ta' Haz-Zabbar peress li kien ghadu kemm cempillu certu Kevin Galea li nzertawh jafuh peress li huwa kuntistabbli wkoll u kien qalu fuq it-telefon li kien pprova jifga lil mara tieghu. Staqsieh ghall istruzzjonijiet fejn jinstab il-post u filwaqt li s-surgent niezel mill-Ghassa ta' Haz Zabbar, hu mar mill-Ghassa ta' Bormla fuq il-post indikat. Meta wasal, jiftakar li sab li l-ambulanza kienu diga' waslu fuq il-post. Il-Pulizija mill-Ghassa ta' Wied il-Ghajn kienu gew ukoll fuq il-post u s-surgent kien ghadu kemm wasal ftit tal-hin qablu u meta dahlu Flat 1, Sunrise, Triq il-Maghluq, Wied il-Ghajn, jiftakar li fil-kamra tal-banju sab mara wicca l' fuq fi stat aggitat semi-konxja u kienet qed tinghata l-ewwel ghajnuna mill-paramedici. Fl-akwata fejn il-kamra tal-banju kien hemm ukoll Kevin Galea li allegatament kien ghamel it-telefonata lill-Ghassa ta' Haz-Zabbar u kien infurmahom b'dak kollu li kien gara. Minn staharrig preliminari stabbilixxa li kien ir-ragel tal-vittma li gharaf fl-awla. Kien talbu biex imur fis-sitting room sakemm il-paramedici setghu jahdmu, sussegwentement haduha bl-ambulanza. Minn naha tieghu kien informa lil ohtha u qalilha b'dak li gara u akkumpanjatha bl-ambulanza

u huma baqghu mieghu sakemm kienet qed issir il-bicca tax-xoghol. Jiftakar li mill-mod kif ra l-affarijiet, Kevin Galea dak il-hin ma kien xejn sew. Kien jidher konfuz u kien jidher li lanqas jaf x'ser jaqbad jaghmel. Preokkupa ruhu peress li huma combined mal-kcina u jista' jaghmel xi hsara lilu nnifsu jew lilhom bhala pulizija li kienu hemm hekk fuq il-post u marru fis-salott u qaghdt jitkellem naqra mieghu bit-tama li jikkalmah biex jara naqra x'kienet is-sitwazzjoni. Preliminarjament stabbilixxa li dan kellu suspetti qawwijin fil-mara tieghu, il-vittma Jacqueline Susan Busuttil. Kien ilu ghal dawn l-ahhar tliet xhur jissuspetta hazin fiha. Jghid li l-hin kollu tibghat il-messaggi fuq il-mobiles u tircievi minn naha taghha u li llum kien pprova jifgaha. Xehed li qallu li intilef, u '*ghidtlu ok, issa speci hemm li hemm u hemm it-tfal. Qalli ghal hekk, qalli precizament ghal hekk waqaft jiena, qalli speci dak il-hin kont intlift, gibt quddiem ghajnejja lit-tfal u qalli jiena waqaft. Komplejt nitkellem naqra iktar mieghu fid-dettall biex nipprova speci ingibu jirraguna u sakemm konna qed nitkellmu wkoll kien qalli li kien uza il-wire tac-charger insomma u tlabtulu u fil-fatt hu kien ghaddiehuli min-naha tieghu. Ma jafx minn fejn kien gie f'idejh dak il-hin ghax qalli tant kont mitluf. Qalli kienet qaltli wkoll waqt li qed nitkellem maghha dalghodu li wara li jispiccaw l-ezamijiet it-tfal kienet ser titlaq mid-dar u qalli speci ma stajt nikkontrollah dak il-feeling. Fil-fatt minn iktar stharrig li konna ghamilna wara, konna stabbilejna li t-tifla, ghaliex huma ghandhom tifel u tifla, kienet ser tispicca l-ezamijiet dik il-gurnata stess fis-26 ta' Gunju u minn dak il-hin ahna konna elevajna il-wire, il-pulziija tal-forensika u hadnieh maghna l-ghassa ta' Haz Zabbar.*'

Peress li ma kienx f'sitwazzjoni, kien agitat hafna, kien koherenti f'dak li qed jghid imma kien agitat hafna. Huma min-naha taghhom hassew li jkun ghaqli li jiehduh fil-poliklinika tar-Rahal il-Gdid sabiex tarah tabiba u tghidilhom ftit x'inhi l-kundizzjoni tiehu. Baqa sejjer l-Ghassa ta' Bormla fejn informa lis-superjuri tieghu u baqa' sejjer l-Isptar Mater Dei biex jara x'inhi s-sitwazjoni ta' Jacqueline Susan Galea. Kif kienu hemmhekk kienu tkellmu ma Dr. Jonathan Joslin u qalilhom u stabbilixxa li kien hemm sinjali ta' wire ma ghonqha, '*u qalli speci, staqsieni, ghidtlu qed jghidli hekk, qalli iva kompatibbbli hafna ma dak li qed jghid. Ghidtlu x'inhi s-sitwazzjoni taghha? Qalli qeghda fil-periklu imminenti tal-mewt.*' Kien informa lil Magistrat tal-Ghassa li kien il-Magistrat Dr. Anthony Vella u hatar l-esperti kollha koncernati ma dan il-kaz. Kien informa lill kollega tieghu Chris Pullicino mill-iskwadra tal-omicidji u bdew bl-

investigazzjonijiet necessarji. Sakemm kien ghadu gewwa l-Isptar Mater Dei gewwa t-taqsima tal-emergenza, kien rcieva telefonata minghand Dr. Alexandra Baldacchino li kienet it-tabib tal-Paola Health Centre fejn din kienet qaltlu li ghadha kemm rat ll Kevin Galea u li hemm periklu kbir li dan jista' jaghmel hsara lilu nnifsu u qaltlu li jkun ahjar li jkun hemm psikjatra jara din is-sitwazzjoni. Il-Magistrat kien hatar il Dr. Ethel Felice biex taghmel assessment tieghu. Tiftakar li fil-kors tal-investigazzjonijiet li kienu saru, Dr. Ethel Felice kienet ikkonkludiet li jkun ghaqli li jittella' l-isptar Monte Carmeli ghal iktar kura u hekk sar. F'darba sussegwenti kienu gew infurmati li kienet giet f'sensieha l-mara tieghu, qabel kienet l-ITU u giet f'sensieha u stabbilew li jistghu ikellmuha u li hi f'kundizzjoni mentali li tista' tkellimhom. Kien kellimha fil-prezenza tal-espert Dr. Anthony Cutajar li kien mahtur fl-inkjesta u tat il-verzjoni ta' dak li kienet tiftakar, li ma keienx kollox ghax kellha amnesia fuq certu affarijiet ukoll. Spjega li '*Qalet li qabadha hekk u prova jaghmilha hekk pero' dik tal-wire ma kinitx tiftakarha. Nghid ukoll li sakemm kienet qed tkelimna fuq dak li gara stajt nara l-linja ta' wire fuq ghonqha, kienet ghadha tidher il-markatura. U kkollaborat dak li kien qalilna hu fuq dawn is-suspetti li hu kien qed jissuspetta fuqha fuq dak li seta' kellha relazzjoni ma haddiehor u li kienet spiccat f'estremita hi min-naha taghha li kull fejn tmur hi ggorru maghha, sahansitra tiehdu fis-salon maghha fejn kienet tahdem hi li taqla' l-hobza ta' kuljum. Hu kien wkoll nghata xi perjodu ta' sick leave peress li ma kienx fit li jista' jahdem dak iz-zmien wkol. Dak li stabbilejna maghha.*' Kienu kelmu lil oht il-vittma jidhirlu li jisimha Charmaine Busuttil u kienet qaltilhom li kien hemm xi problema bejn il-koppja u kemm il-darba kienet intervjeniet biex tipprova tirranga s-sitwazzjoni ta' bejniethom. Kienet toqghod fuqhom fil-flat. Wara xi perjodu il-kollega tieghu kien ikkuntatjah u qallu li kien diga' kellem lil Kevin Galea f'data iktar bikrija gewwa l-Isptar Monte Carmeli u hass il-htiega li jergghu ikellmuh flimkien. Huwa kkonferma li kien prezenti ghal din listqarrija. Xehed li regghet inqratlu l-ewwel stqarrija li rrilaxxa meta kien Monte Carmeli u kkonfrmaha u kien kkjarfika certu affarijiet fuq dak li kien gara bejnu u bejn il-mara tieghu. Ikkonferma t-tieni stqarrija li esebixxa l-kollega tieghu. B'referenza ghal Dok CP4 li tiehdet fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) wara li l-kollega tieghu tah is-solitu twissija kif titlob il-ligi, huwa ghazel li jirffirma. Gharaf il-firma tieghu stess u tal-Ispettur Pullicino u tal-imputat. Iz-zewg certifikati medici kien hadhom minghand it-tobba u ghaddiehom lil kollega tieghu li gew prezentati il-Qorti, dan b'referenza ghac-certifikat rilaxxjat minn Dr. Alexandra

Baldacchino u certifikat mahrug minn Dr. Joslin. Fis-sistema tal-PIRS hija imnizzla bhala Jacqueline Susan Busuttil, imnizzla nee' Busuttil pero' mizzewga Galea.

In kontro-ezami ikkonferma li kien Kevin Galea li cempel lil pulizija biex jirraporta biex imorru d-dar tieghu. Ikkonferma li kien qieghed fi stat ta' anzjeta kbira li inkwieta ruhu ghal sahhtu. Haduh il-poliklinika tar-Rahal il-Gdid u imbaghad minn hemm ratu Dr. Ethel Felice u ttella' l-isptar Monte Carmeli. Ikkonferma li t-tabiba kkonfermat il-biza' tieghu minhabba c-cirkostanzi kif inhuma, imbghad ratu Dr. Ethel Felice u kkonfermat l-ewwel diagnosi u ttella Mount Carmel ghal iktar kura u ghadu hemm sal-lum, jigifieri sa' dak in-nhar tax-xhieda. Ikkonferma li dak iz-zmien kien taht il-kura ta' psikjatra. Meta kien fuq il-post qallu rigward il-bicca xoghol ta' appuntament li xi granet qabel mar maghha ghax qaltlu li ried jaraha psikjartra Dr. David Cassar u skopra li l-vista kienet ghalih u qallu li kien tah xi pirmli u hekk. Kien tah parir biex jiehu l-pirmli ghax forsi kien ghadu ma hadhox, kellu r-ricetta u kkonferma r-ricetta u l-primli u kien ghaddhiehom fil-kors tal-inkjesta. Ikkonferma li l-mara stess li haditu ghand Dr. David Cassar jigifieri li hi stess hasset li kellu bzonn kura ta' psikjatra. Is-surgent qallu li l-imputat kien cempel lil ambulanza u cempel lil ohta wara li tah parir biex icempel lil ohtha biex ikollha xi hadd min jakkumpanjaha fl-ambulanza u ohtha inzertat toqghod fuqha. Hu cempel lil ambulanza u l-Pulizija.

**Dr Jonathan Joslin** xehed fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u qal li kien irrilaxxa certifikat meta kien fid-dipartiment tal-Emergenza tal-Mater Dei fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u ddahlet Jacqueline Susan Galea nee' Busuttil, kien hemm allegazzjoni ta' attempted strangulation. Dahlet mitlufa minn sensieha u marki fuq wiccha deher li kien hemm sinjali ta' attempted strangulation. Ma ghonqha kien hemm linear abrasions. Kellha ponot tad-demm madwar ghajnejha u mal-parti ta' fuq ta' wiccha. Kellha demm ukoll fuq in-naha ta' gewwa tal-ghajnejjh. Minhabba li ma kinitx qd tiehu nifs sew, kien hemm sinjali ta' dak li jghidulu anoxic brain injury, jigifieri nuqqas ta' ossignu lejn il-mohh u minhabba f'hekk kellhom '*nintubawhha u fil-fatt spiccajna dahhalnieha l-ITU.*' Il-griehi kienu ta' natura gravi. War dak in-nar, hu mar jaraha l-ghada. Li kien hemm tajjeb li l-anoxic brain injury kienu riversibbli minhabba li tawha l-ossignu. Kellimha l-ghada u taghha l-ossignu, hadu hsieb ic-

cirkolazzjoni tal-ossignu fejn il-mohh, fil-fatt il-griehi ma baqghux permanenti. Ma rahiex wara l-ghada u ma ezaminahiex. Kellimha biss wara, kienet qed tkellmu u r-risposti ghad-domandi kienu koherenti.

**PS 1330 Alexander Schembri** xehed fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u qal li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal habta tad-9:02am kien mibghut fi Triq il-maghluq, Marsascala u hejja rapport ta' dak kollu li ltaqa' mieghu. Dan gie immarkat bhala Dok AS. Fuq il-post kellem lis-Sur Galea u qallu kien pprova joqtol lil mara tieghu. Kien urieh fejn qieghda mill-ewwel u ghenhom wkoll idawwaruha fir-recovery position. Kien qallu li kien jaf li kellha wicc haddiehor il-mara tieghu. In kontro-ezami mistoqsi b'referenza ghar-rapport fejn Kevin Galea kien talab l-assistenza tal-Pulizija u stqarr '*Ejjew malajr ghax kont ser noqtol lill-mara. Huwa stqarr ukoll li huwa kien diga' informa lill-ambulanza dwar dan l-incident*' ikkonferma li ivverifika mal-ambulanzi u t-telefonata lill-ambulanzi kienet 9:01am u lill-ghassa kienet fid-9:02am.

Fir-rapport li jinsab immarkat bhala Dok. AS tnizzel li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fid-9:02HRS, il-Pulizija ta' Haz-Zabbar cioe' WPS 8 Stephanie Glanville irceviet telefonata fuq il-linja tal-extension mill-GHQ Haz-Zabbar li fiha certu Kevin Galea (PC1476) talab l-assistenza tal-Pulizija u stqarr '*Ejjewmalajr ghax kont ser noqtol lil mara*'. Stqarr ukoll li huwa kien diga' informa lil ambulanza dwar dan l-incident. Il-Pulizija divizjonali ta' Marsaskala PS1330 u PC1132 marru immedjatament fir-residenza 'Flat 1, Sunrise' Triq il-Maghluq Marsaskala fejn fuq il-post sabet lil vittma Jacqueline Suzanne Galea K.A Jackie Galea bin-numru tal-karta tal-identita' 48501L mixhuta fl-art gewwa l-kamra tall-banju b'wiccha l-fuq b'rasha thares lejn il-banju li jinsab faccata tal-bieb saqajha lejn il-bieb. Hija kienet qieghda tiehu nifs baghtut u ghalkemm il-Pulizija ippruvat tkellem lil vittma din qatt ma kienet konxja. Il-Pulizija sabet fir-residenza lir-ragel tal-vittma certu Kevin Galea, li hekk kif waslet il-Pulizija kien fi stat ta' ansjeta kbira. Ir-reazzjoni tieghu kienet li huwa kellu argument ma martu Jackie u llum huwa kien ikkonferma li martu kellha wicc haddiehor. Huwa stqarr li huwa ipprova joqtol lil martu u waqt li kien qieghed jipprova jghallaq lil martu, huwa rrealizza dak li kien qed jaghmel u cempel lil ambulanza u lil Pulizija.

Il-Pulizija hadet hsieb li taghmel lil vittma f'recivery position minhabba li hija kienet qed tbati milli tiehu in-nifs. Ftit minuti wara waslet fuq il-post ambulanza b'team mediku li f'qasir hin haduha fl-isptar Mater Dei. L-Ispettur Jesmond Borg mill-Ghassa ta' Bormla kien ukoll infurmat u wasal fuq il-post. Mill-ewwel stharrig tal-Pulizija irrizulta li Kevin huwa membru tal-Korp tal-Pulizija fit-taqsima tat-traffiku u bhalissa huwa jinsab bis-sick leave. Meta mitkellem mill-Pulizija Kevin stqarr li f'dawn l-ahhar tlett (3) xhur huwa kien qieghed jinnota li martu ma kinitx baqghet li kienet mieghu u beda jissuspetta li hija setgha kellha wicc haddiehor. Huwa stqarr li daghodu wara li hija kienet hadet iz-zewg ulied taghhom, tifla u tifel ta' 10 u 12 il-sena rispettivament, l-iskola, huwa kien ipprova jerga jkellem lil martu sabiex jara kif isolvi il-kwistjoni ta' bejniethom. Huwa stqarr li f'hin minnhom hija kienet indikatlu li wara li t-tfal kienu ser jispiccaw l-ezamijiet taghhom, hija ma kinitx ser tibqa mieghu aktar. Huwa kompla jistqarr li f'dak il-hin huwa qabad il-wire tac-charger tal-mobile u dawwarulha m'ghonqa u ipprova jifga bih. Huwa stqarr ukoll li waqt li kien qed jaghmel dan irrealizza dak li kien qed jaghmel u filwaqt li cempel lil ambulanza u l-Pulizija, ipprova jaghti l-assistenza tieghu lil martu Jackie. Fuq il-post issejhu wkoll il-Pulizija forensici cioe PS 171 Karl Glanville li gie fuq il-post u iffotografa ix-xena tar-reat.

Fir-residenza il-Pulizija ma nnotat l-ebda taqblih, anzi d-dar hija mizmuma tajjeb hafna. Gie nnutat ukoll li Kevin Galea kellu xi grif f'wiccu fuq in-naha ta-xellug u ghaldaqstant dawn il-griehi gew fotografati minn PS171 Glanville wara li l-Pulizija zgurat li familjari ta' Kevin kienu ser jiehdu hsieb jigbru lil uliedu mill-iskola. Kif ukoll wara li kelb zghir tal-familja gie mholli mal-girien. Il-Pulizija ghalqet il-post u barra fit-triq thalla pulizija ghasa ma din ir-residenza. Kevin gie mehud fl-ghassa ta' Haz-Zabbar fejn immedjatament wara gie mehud fic-centru tas-sahha ta' Paola fejn gie ezaminat minn Dr. Alexandra Baldacchino MD 2180 li ccertifikat li huwa kellu stat ta' xokk qawwi u rrakomandat li huwa jibqa mghasses 24 siegha minhabba l-biza li setgha jkun ta' periklu ghalih innifsu. Il-Pulizija marret ukoll l-Isptar Mater Dei fejn jirrizulta li Jackie Galea kienet ezaminata minn Dr. Jonathan Joslin MD1920 li ccertifika li Jackie kienet qed issofri minn griehi gravi u kinet tinsab fil-periklu imminenti tal-mewt. Il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Anthony J. Vella LL.D gie

immedjatament infurmat u huwa hatar lil esperti Dr. Mario Scerri MD, Robert Cardona bhala Socjologu, Perit Alexei Pace A&CE, Avukat Dr. Richard Sladden LLD u lil Alexia Curmi bhala scene of crime officer, biex jghinuh fl-inkjesta magisterjali. Aktar tard il-pulizija tkellmet ukoll mal-girien tal-familja Galea cioe' ma Carmel Darmanin u Angela Darmanin li joqghodu flat 2, Sunrise Flats li stqarru li bejn is-7:30am u t-8:30am huma kienu marru il-Quddies u wara li waslu d-dar, Carmel kien mar il-Bank HSBC u kif irritorna lura sab li wara l-bieb kien hemm l-ambulanza u meta qal lil martu Angela, din ma kienet taf b'xejn.

L-istharrig tmexxa mil-Ispettur tad-Distrett Jesmond Borg u mill-Ispettur tal-iskwadra tal-Omicidji Christopher Pullicino. Fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Pulizija tad-Distrett ta' Haz-Zabbar gew infurmati li mill-ITU Jackie Galea giet trasferita ghal ward M2. Fit-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008)[1] id-Distrett ta' Haz-Zabbar gew infurmati li Jackie Galea giet mibghuta d-dar.[2]

**WPC8 Stephanie Glanville** xehdet fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn qalet li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) kienet stazzjonata l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar. Ghal habta tad-9:00am daqq it-telefon u rrispondietu hi u kien xi hadd b'lehen maskili fejn qalilha "*Ejjew malajar ghax kont ser noqtol lill-mara.*' Staqsietu ghall-indirizz, qalilha li Sunrise flats, Triq il-Maghluq Marsascala. Staqsietu ghal xi darbtejn kif inhi l-mara u beda jghidiha '*ejjew, ejjew*'. Fl-ahhar qalilha li huwa membru tal-korp tal-Pulizija u qalilha li avza lil ambulanza hu. Hi ma stabbilitx min kien cemplilha izda immedjatament qalet lis-surgent fuq il-kaz u immedjatament marru fuq il-post. Il-lehen kien eccitat hafna.

**Il-Maggur Noel Felice** li xehed fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) spjega li Kevin Galea huwa ufficjal fil-korp tal-pulizija u li dahal fil-pulizija fl-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u tmenin (1987) u ghadu membru. Huwa esebixxa record of service tieghu bhala Dok NF.

---

[1] Din id-data hija skoretta peress li l-incident sehh fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008)

[2] Ir-rapport jipprovdi wkoll li hemm annessi certifikati medici mar-rapport izda dawn ma jinstabux annessi.

Fit-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) xehdet **Karen Zammit Souternwood** rapprezentanta ta' Vodafone li qalet li gew mitluba jesebixxu subscriber details ta' zewg numri partikolari in-numri 9944 1640 u 9980 8218. Intalbu ukoll l-incoming u outgoing profile tal-calls u l-sms ta' dawn iz-zewg numri bejn l-1 ta' Mejju 2008 u 26 ta' Gunju 2008. Bhala dettalji ta' registrazzjoni instabu biss ta' numru wiehed jigifieri 9944 1640 u n-numru l-iehor ma gietx stabbilita l-identita' tal-persuna li tipposjedi l-linja. Gew esebiti l-calls u l-SMSs.

Gew prezentati zewg rapporti tal-Psikjatra Dott Ethel Felice datati l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u l-erbgha (4) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) a fol 61 et sequitur.

**Dr Alexandra Baldacchino** xehdet fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn meta murija Dok CP 2 a fol 25 qalet li hargitu hi mill-Paola Health Centre. Xehdet li kien hemm tlett pulziija li gabu pazjent Mr Galea li deher imdejjaq hafna u meta staqsietu xi gralu qal li attakka lil mara. Apparti l-brix li kellu, deher li kien taht stress kbir, kien emozjonalment imdejjaq hafna. Deher imdejjaq hafna u dehrilha li kellu bzonn jarah psikjatra kemm jista' jkun malajr. Ikkonfermat li l-firma taghha u li l-persuna li ezaminat huwa fl-awla Kevin Galea bin-numru tal-karta tal-identita' 296067M.

**Dr Ethel Felice** xehdet fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn qalet li kien hemm request li johrog bil-leave minn Mount Carmel u li hi kellha taghmel report fuq dan. Xehdet li rapporti diga’ ghandha wiehed meta qalulha biex titla' d-depot u l-iehor kull gimghatejn mindu beda johrog bil-leave minn Mount Carmel. Fl-erbgha (4) ta' Settembru nghata permess minn din l-Onorabbli Qorti ghal leave rakkomandat mill-psikjatra tieghu Dr. David Cassar li johrog ghal ftit sieghat tlett (3) ijiem fil-gimgha. Dan kien kontinwament akkumpanjat jew taht is-supervizjoni ta' membru wiehed tal-familja tieghu u fl-ebda waqt ma resaq lejn Marsascala u fl-ebda hin ma kien hemm direttament komunika jew attentat komunika mal-mara tieghu. Spjegat li '*Ghandi d-data u l-hinijiet li hareg bil-leave. Dan mill-4 ta' Settembru sal-25 ta' Settembru. Hareg tliet darbiet fil-gimgha min-*

*12.30pm sas-6:30pm u dan obda kull regola u kollox kif suppost u wkoll rajt ir-rapporti tat-tobba inkarigati mill-helsien u l-kura tieghu.* '. Hi rrakomdat li jibqa' taht il-konsulent prezenti tieghu ta' Dr. Joseph Cassar li allura jkollu wkoll l-inkarigu li jaghti l-informazzjoni lura lil Qorti. Spjegat li mill-komuniaka li kellha ma Dr. Cassar wkoll rat in-noti li dan tjieb hafna, mar tajjeb hafna bil-leave u jixtieq li dan ikun fid-decizjoni tieghu u jkun hu li jkun jista' jiddeciedi kemm sieghat johrog bil-leave. Per ezempju li jkun ta' kuljum jew jibda jorqod id-dar, kundizzjonijiet li jistghu ghall-kura tieghu jiswew, li jaghti Dr. Cassar ghax Dr. Cassar ghandu tahtu l-kura tas-Sur Kevin Galea u jista' jidderiegi iktar hu l-kundizzjonijiet l-ahjar ghalih. Ir-rapport taghha datat il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) gie esebit bhala Dok EF a fol 110.

**Nadya Fiott** xehdet fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u prezentat il-proces verbal bin-numru 574/2008 redatt mill-Magistrat Dr. Anthony Vella u maghluq fis-sebgha (7) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) rigward attentat ta' qtil ta' Jacqueline Suzanne Galea gewwa Marsascala nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) li gie mmarkat bhala Dok NF.

A fol 15 tal-proces verbal giet prezentata x-xhieda ta' **Jacqueline Galea** li ttiehdet bil-lingwa ingliza quddiem Dr. Anthony Cutajar fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn qalet li ila mizzewga lil Kevin Galea ghal dawn l-ahhar erbatax (14)- il sena u li ghandhom zewgt'itfal, tifel ta' tnax (12) il-sena u tifla ta' ghaxar (10) snin. Fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) tahseb li filghodu ghal habta tat-tmenja u kwart (8:15am) kienet id-dar flimkien ma' zewgha Kevin Galea. It-tfal kienu diga' telqu ghall-iskola. Kienet qed tiprepara biex tmur ghax-xoghol u Kevin li huwa ufficjal tal-Pulizija kien off duty. Tiftakar li kienet fil-kamra tal-banju qed tahsel wiccha u kienet libsa l-hwejjeg li kienet tuza biex twassal lit-tifel l-iskola. Kellha f'mohha li tbiddel il-hwejjeg ghal ohrajn biex tmur ghax-xoghol. Dak biss tiftakar u f'daqqa wahda ir-ragel gie minn warajha fil-kamra tal-banju fejn spjegat li '*he put one of his arms around my neck and started pressing hard trying to strangle me and I asked him 'why are you doing this ?' and all of a sudden, I lost consciouisness and do not remember anything else.*' Wara dan, tiftakar li qamet fis-sodda tal-isptar. Spjegat li Kevin ilu jsoffri minn dipressjoni ghal dawn l-ahhar xahrejn u taf

li t-Tnejn it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghamlet appuntament ghalih ma tabib psikjatra David Cassar li huma zjaru u ppreskriva pirmli. Ma qalitx lil Kevin minn qabel dwar dan l-appuntament u minflokk qaltlu li l-appuntament ghaliha.

Dottor Cassar ezamina lil Kevin u f'dak il-punt irrealiza li l-appuntament kien filfatt ghalih. Wara li ppreskrivilu pirmli, telqu lil Dr. Cassar u marru jgibu il-plloli mill-ispizerija tal-Isptar u kif kienu qeghdin isuqu d-dar qaltlu jaghmlilha weghda li se jiehu l-pirmli u qal iva pero' bejn it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u dak inhar tal-incident kien kontwinament qed jghidilha '*I hope you are not going to lock me up in Mount Carmel.*' Ghal bidu kien irrabjat li '*I tricked him*' biex haditu ghand psikjatra tippretendi qisu l-appuntament kien ghaliha. Qabel ma beda jbaghti minn depression, kienet thoss li huwa '*somewhat withdrawn from me*', Apparti minn hekk, Kevin kien kwiet dan l-ahhar u kien igerger li ddejjaq ix-xoghol.

Spjegat li '*Kevin never beat me or in any way harmed me before this incident. He is not that kind of person. He is a caring person and I think he needs help. I also think that I will not be able to go back to him.*' Kevin qatt ma qalilha li kien jghir u qatt ma taghha l-impressjoni li kellu xi forma ta' fixation. Dak in-nhar tal-incident, Kevin ma qaliliex li kien down imma setghet tinnota. Qalet li '*He was deteriorating gradually for the past three months.*' Qalet li hi stess irrealizat li kien qieghed ibghati minn depression u li l-psikjatra kemm ikkonfermala l-hsibijiet taghha. Qabel dan l-incident, filghodu Kevin u hi kellhom konversazzjoni normali. Saqsietu ukoll biex jigi maghha fuq il-post tax-xoghol biex ma joqghodx wahdu d-dar. Umbghad grat. Ir-relazzjoni taghhom dawn l-ahhar xhur kienet xi kultant tajba, u xi kultant mhux daqstant tajba, skont il-burdata ta' Kevin. Qatt ma hasbet biex tissepara minn mar-ragel imma kien il-hin kollu jakkuzaha, dan l-ahhar, li hekk kif it-tfal jispiccaw skola ghas-summer holidays, hi kienet titilqu. It-tifla taghha spiccat skola fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju u t-tifel fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju.

Fil-process verba gie prezentat rapport ta' Dr. Ethel Felice datat is-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008).

Fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) xehed **PS 46 Charlo Casha** li qal li kien nominat fl-atti tal-inkjesta dwar incident fuq il-persuna ta' Jacqueline Susan Galea mill-fond Sunrise Apartments Flat 1 Triq il-Maghluq Marsascala. Gie nominat bhala scene of crime officer flimkien ma PS 171 Karl Glanville mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Anthony Vella. Hu u PS 171 hejjew ir-rapport taghhom li prezenta. Xehed li flimkien mar-rapport hemm faxxikolu u hemm xi esebiti imwahhlin mieghu bhala Dok CC u Dok CC1

Xehed **PS 516 Alfio Borg** fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) li qal li prezenta DVD bhala Dok AB li jikkonsisti f'access li kien sar gewwa l-fond Sunrise Flats, Flat 1, Triq il-Maghluq Marsascala nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008).'

Fit-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) xehed Dr. **Anthony Cutajar** li qal li b'digriet moghti mill-Magistrat Inkwerent kien gie nominat sabiex jisma x-xhieda ta' Jacqueline Galea fl-isptar Mater Dei u kien acceda l-isptar stess u ha x-xhieda taghha fejn spjegat dak li kien gara. Giet esebita ir-relazzjoni quddiem il-Magistrat Vella stess. Ikkonferma dik li tidher a fol 13 sa 22 tal-proces verbal fl-inkjesta.

**PC 1132 Stephen Saydon** xehed fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u qal li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) kien qieghed first watch, kien l-ghassa ta' Haz-Zabbar u l-orderly rceviet telefonata mill-control room li certu Kevin kellu daqxejn argument. Nizlu malajr u sa dan it-tant qaltilha jekk ghandhiex bzonn jinfurmaw lill-ambulanza u qaltlu li Kevin stess kien diga′ cempel ghall-ambulanza u nizlu fuq il-post. Sabu lil Kevin qed jistenniehom. Beda jghidilhom biex jghinuh u sa dan it-tant qed jiccekkjaw biex tigi l-ambulanza. X'hin marru fuq il-post, beda jghidilhom biex jghinuh lilu l-hin kollu. Is-surgent hin minnhom mar biex jiltaqa' mal-ambulanza peress li kienet ftit difficli biex isibu l-post fejn u sakemm giet l-ambulanza qghad ma Kevin u ma Jacqueline biex jaraw li l-affarijiet ikunu miexja kollox sewwa. Imbghad giet l-ambulanza u telqu l-isptar.

Spjega li malli waslu fuq il-post ma kienux jafu ezatt il-flat liema wiehed hu u sabu lil Kevin barra biex l-affarijiet kemm jista' jkun ikunu mghagglin biex ma jkunx hemm telf ta' hin u dahlu gewwa. Wriehom fejn kien hemm Jacqueline u beda jghidilhom biex jghinuh kemm jista' jkun halli ma jigrux affarijiet li ma ghandhomx isiru.

In kontro-ezami qal li oht il-mara ta' Kevin dak il-hin kienet ghadha ma waslitx. Biss mill-control room stess, mill-orderly qalulu li kien hu stess li cempel il-control room u li kien diga' avza lill-ambulanza. Pero' regghu cemplu u kkonfermaw li l-ambulanza kienet fit-triq. Spjega li meta qallu biex jghinu qal biex jghinuh kemm jista' jkun izommu lil mara tieghu f'sensieha, kien qed jiehu hsiebha. Dak il-hin kien jidher naqra panikuz wara l-affari li kienet ghadha kemm grat, mhix sitwazzjoni li jkun relaxed. Kien jidher naqra mitluf, beda jghidilhom '*ghinuni, ghinuni ghax inhobbha*' dawk l-affarijiet u huma tefghuha recovery position. Hu beda jghinhom ghax x'hin is-surgent mar biex igib l-ambulanza ix-xhud beda johrog, jerga icempel lill-ambulanza biex jekk jistghu jaghtuh informazzjoni x'jista jaghmel u sakemm hu kien qieghed barra, hu b'referenza ghall-appellant beda jzommha lagemba biex tiehu nifs tajjeb u ahjar.

**Christine Busuttil** xehdet bil-lingwa Ingliza fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn qalet li hi ma rat u semghet xejn umbghad irceviet telefonata minghand Kevin Galea li qalilha biex tinzel isfel mill-ewwel u nizlet u kien hemm pulizija fejn il-bieb ta' otha. Hi tghix fuq is-sular ta' fuq u staqsiet x'gara u Kevin gie mal-bieb u l-pulizija bdew jipruvaw izommuh lura u qal li kien ipprova joqtol lil 'Jacky'. Ikkonfermat li kienet diga' xehdet fl-inkjesta mill-Magistrat Dr. Anthony Vella u li ikkonfermat dak li qalet bil-gurament. Il-Qorti kkumentat li ma kienx hemm xhieda tax-xhud fl-inkjesta izda ghamlet statements lil Pulizija.

**PS 1152 Manuel Saliba** xehed fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn qal li kien xhud tal-istqarrija ta' Kevin Galea a fol 20 li ttiehdet fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) gewwa Mount Carmel Hospital ghall-habta tal-11:45am. Din ittiehdet fil-prezenza tieghu fejn Kevin Galea gie mwissi

bis-solitu twissija, wiegeb ghal kull domanda li saritlu u ffirma l-istqarrija. Huwa gharaf lill-imputat.

**Dr Mario Scerri** xehed fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u qal li ezamina lil Jacqueline Susan Galea fit-taqsima tal-kura intensiva tal-Isptar Mater Dei li kienet mitlufa minn sensieha u intubata. Kellha xi lezjoniiet fuq gisimha li hu ha ritratt taghha u elenkhom. Ha ritratti tal-lezjonijiet u ghandu l-konkluzjonijiet fir-relazzjoni. Ir-relazzjoni giet esebita bhala Dok. MS.

**PS 171 Karl Glanville** xehed fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u qal li r-rapport tieghu gie prezentat minn PS 46 Casha flimkien ma' faxxiklu fotografiku. Gie muri Dok CC u Dok CC1, l-ewwel wiehed huwa ir-relazzjoni tieghu konguntiva ma' PS 46 Casha li gharaf il-firem tieghu fuqha u kkonferma il-kontenut. Hemm xi esebiti wkoll *sealed* mill-kollega. Ra Dok CC1 li jikkonsisti minn faxxikolu fotografiku ta' 45 ritratt li gibed hu stess. Ikkonferma li hadhom hu u gharaf il-firem taghhom.

**Alexia Curmi** xehdet fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) li qalet li kienet mahtura mill-Magistrat Inkwirenti bhala scene of the crime officer. Xehdet li ghandha r-rapport izda regghet qratu u ghandha xi zbalji ta' ortografija u biex ticcekja li kollox qieghed sew u ghandha is-CD tar-ritratti li trid tipprintjahom.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sea elfejn u tmienja (2008) gie vverbalizzat li Jacqueline Galea il-mara tal-imputat u l-allegata vittma tiddikjara li ma tixtieqx tixhed.

Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) xehed **Martin Bajada** li kien nominat mill-Magistrat Inkwerenti Antonio Vella sabiex jaghmel analizi tal-kontenut ta' tliet mobile phones u zewg computers. Xehed li l-computers qeghdin ghand l-exhibit officer. Qal li mir-rizultanza ma jirrizulta xejn li huwa konness mal-kaz. Dok. M.B jinsab a fol 154.

**Alexia Curmi** xehdet fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn qalet li kienet mahtura mill-Magistrat Anthony Vella sabiex taccedi fuq il-post sabiex jara il-prime scene x'kien fiha u ma kienx hemm u x'hadu bhala pulizija bhala evidenza maghhom. Qalet li ghandha lista ta' affarijiet li huma hadu. Maghha kien hemm il-crime scene officer Charlo Casha u PS 171 Karl Glanville. Hadu mobile phone tad-ditta Nokia u hadu wkoll PDA mill-kamra tas-sodda tat-tifel ki kienet orangjo bil-fidda qisha. Kellhom gizirana kulur bajdanija u kien hemm pendent zghir wkoll li haduha maghhom. Kien hemm qabel li ha mieghu l-Ispettur Jesmond Borg, ha ic-charger ukoll tal-mobile phone li kienet fuq ix-xellug fuq il-bank, fuq in-naha tax-xellug tal-fridge.

Fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) xehdet il-**Psikjatra Ethel Felice** li qalet li inhatret mill-Magistrat Dr. Anthony Vella. Dwar Kevin Galea spjegat li kien koperattiv, koherenti u orjentat ghal dak li huwa post, persuna u hin. Memorja tajba, anzi elevata jghidulu 'hyperemisia', kemm ghal dak li hu ricenti u dak li hu remot u intelligenza normali. Ghal dawn l-ahhar tliet (3) xhur dahallu hsieb dwar martu li kellha xi kuntatt ma' haddiehor u huwa rreagixxi billi waqa' fi dwejjaq kbar '*.... biex joqghodilha ghassa u interpeta kull avveniment jew mossa li tikkonfermali li dak li haseb ghandu qerq fil-verita. Hija nnegat imma kollu ghal xejn ghax baqa' jinsisti u jghassilha. Il-hsieb kkoncentra fuq persuna li kkonfrontaha u ghalkemm cahad, xorta' baqa' jsostni li dak li haseb huwa kien jikkorrispondi mal-fatti. Il-hsieb ta' infedelta okkupa kull hsieb iehor go mohhu u ha supervent fuq kull haga ohra. Ha leave mix-xoghol ghax ma kienx jikkoncentra, naqaslu l-aptit u l-piz, staqsieha ripetutament jekk kelliex wicc haddiehor. Kien hemm nuqqas fis-sess. Beda jara wicc martu trist meta tkun mieghu waqt li ma haddiehor ma kinitx. Interpreta kull manuvra biex twarrab min-nofs u interpreta li jmur ghand psikjatra ghax ghaddewh mentali.*' Spjegat li '*Fil-psikjatrija din insibuha bhala morbid pathological jealousy jew ahjar Othello Syndrome u billi attakka vjolentement lil martu, juri li huwa kien tant influwenza patologika li trendieh nieqes minn kull frenn, kontroll u deliberazzjoni u li din hija akkumulazzjoni ta' tliet xhur thewdin, ruminazzjoni u dipressjoni. Jidher car li psikjatrikament l-imputat huwa taht divizjoni paranodie mmirat lejn persuna wahda u ghal hekk kien indikat li jittiehed that osservazzjoni l-isptar psikjatriku Mount Carmel Hospital u jinghata l-kura mehtiega. Ergajt kont ezaminajtu diversi drabi fl-isptar Monte Carmeli u*

*waqt l-ezami psikjatriku li ghamilt, jidher li kien car, koherenti, koperattiv u orientat u ghal hekk seta' jigi intervistat mill-agenti tal-ligi. Ghax jiena kont mistoqsija biex naghmel hekk.'*

In kontro-ezami mistoqsija dwar is-sitwazzjoni mentali dak il-hin tar-reat wiegbet li '*nghidulha morbid jealousy li kien deluzjoni ta' infedelta lejn il-mara tieghu. Barra minn hekk kellu wkoll dipressjoni qawwija li kif diga' ghidt din ma kienx kapaci hu jaghmel gudizzju.*' Qalet li '*dak il-hin meta rajtu jiena u ezaminajtu, le dak il-hin waqt l-att, ma kellux la intendere u lanqas volore*'. Ikkonfermat li baqa' Mount Carmel taht il-kura ta' Dr. David Cassar u '*dak iz-zmien ukoll gejt imqabbda mill-Magistrat Scerri Herrera biex naghmel rapporti fuq l-istat mentali tieghu.*' Ghal bidu kienet tarah kull gimghatejn. Xehdet li ghandha rapport li prezentat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmieja (2008) li dak iz-zmien il-konkluzjoni kienet '*Ta' min jinnota li bhal issa il-pazjent ghadu ghaddej minn tensjoni qawwija kif appositament juri r-rakkont mill-punto di vista tieghu. Din l-enita klinika titqies bhala esperjenza psikologika traumatika, dan wara li gara, fejn ikun hemm esperjenza ta' tensjoni, agir ta' disperazzjoni li jibqghu jitturmentaw lill-pazjent.*' Tghid li dak iz-zmien il-konkluzjoni kienet hekk fl-24 ta' Lulju. ''*Sakemm tibqa' din it-tensjoni li ggib maghha memorji vividi ta' l-avveniment in kwistjoni, diment li l-pazjent ma juri l-ebda insight jew gudizzju li wara kollox seta' kien zbaljat imma jibqa' twemmin assolut u ma jirrendi ghall-ebda raguni alternattiva, sakemm tibqa' il-predominanza assoluta ta' dan il-hsieb li jelimina kull hsieb iehor fil-mohh, il-pazjent jibqa' fil-bzonn ta' kura li tinkludi firda mill-mara li hija l-oggett tas-suspett tieghu.*'' Dan kien ftit zmien wara li dahal l-isptar, imbghad ghandha rapport iehor tal-erbgha (4) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja fejn regghet ezaminatu u dan iz-zmien kollu kien taht il-kura ta' Dr. David Cassar. Kien qed jiehu l-kuru u medicini jigiferi kien qed jiehu Respiridone ghal hsieb u kienu jarawh spiss. Il-konkluzjoni tal-erbgha (4) ta' Awissu kienet "*Ta' min jinnota li l-pazjent ghandu gudizzju, f'dak li kien jahseb u kkonkluda li seta' dak li kien jahseb mhux bil-fors relatat mal-fatti li kienu qed jigru.*" Xehdet li dan huwa punt importanti fil-psikjatrija li huma jghidulu insight. Fil-psikjatrija '*term insight jew judgement jiehu sinifikat qawwi ghax juri li d-deluzjoni qed titlef l-gheruq taghha.*' '*Wiehed wara wkoll li l-emozjonijiet huma kongruenti imma ma jirriflettux xi agir aggressiv. Il-pazjent juri dispjacir kbir ta' dak li ghamel u konvint illi huwa boghod mill-intenzjoni li jirrepetih. Konkluzjoni, il-pazjenti juri . . . . . . . . . agir. Juri wkoll gibda konsiderevoli lejn il-familja tieghu. Il-konsulent tieghu gharrafni li huwa lest li jibghatu xi*

*perjodi qosra billi bil-prekawzjonijiet adegwati minn dak li kkonkludejt, ma nistax ma nirrakomdax dak li propona l-konsulent tieghu li tahtu qed jinghata l-kura.*' Tghid li umbaghad dehru quddiem il-Qorti Kriminali l-Imhallef Dr. Scicluna fejn kien hemm rikors u tah permess li jibda johrog bil-levae u taghha d-dover li tikteb id-dati li kien qed johrog u kienet kitbithom u wkoll il-konkluzjoni kienet li kien qed imur tajjeb u regghet ezaminatu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru u wkoll fis-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u kien qed imur bil-leave, kien qed jibghatu l-konsulent tieghu. Kien qed johrog kuljum minn Mount Carmel u qed jorqod biss Mount Carmel. Xehdet li qed imur tajjeb hafna u l-hsieb l-emozjonijiet tieghu, la ghandu hsieb kontra l-mara u anzi jixtieq li wkoll jkun hemm kuntatt mal-familja tieghu u mal-mara. Spjegat li '*dik kienet il-kundizzjoni li kien qed johrog li ma jkunx hemm kuntatt mal-mara tieghu izda issa wara xhur li kien ilu Mount Carmel u xhur li ha l-kura tieghu, il-konsulent tieghu Dr. David Cassar ghadni kif kellimtu wkoll u hu tal-opinjoni li minhabba l-familja tieghu u anke l-emozjonijiet kemm tat-tfal tieghu u kemm tal-mara li hija accettat wkoll li jkollha kuntatt mieghu, li issa l-pazjent Kevin Galea jkollu permess biex jibda jiltaqa' anke fil-presenza tal-familja tieghu, il-kuntatt bejnu u bejn il-mara u t-tfal.*' It-tfal jarahom diga' wahdu mal-familja izda kuntatt mal-mara ma kienx hemm. Ikkonfermat li jkun ta' gid jekk jiltaqa' wkoll mal-mara u t-tfal flimkien u li Dr. Cassar wkoll ilu isegwieh u jara l-kura tieghu, fl-opinjoni li issa wasal iz-zmien li jibda jkun hemm kuntatt mal-famija tieghu u specjalment mal-mara wkoll ghax jekk din ma ssirx fir-rijabilitazzjoni tal-familja, jista' jkun li titfarrak il-familja. Il-hsieb li jwegga' u ta' infedelta u dawk id-deluzjonijiet li kellu fil-bidu meta ezaminatu, dawn ma ghandhomx jezistu. Qed jiehu l-kura u irid jigi segwit mill-psikjatra tieghu u jibqa' taht il-kura tal-psikjatra tieghu.

Ikkonfermat li qed tirrakomadna li hu jibqa' segwit u jibqa' taht il-kura pero' fl-istess hin il-pass li jmiss ghar-rijabilitazzjoni tieghu hija li jiltaqa' wkoll mal-mara. Id-deluzjonijiet ma ghadhomx hemm bil-patt u kundizzjoni li jiehu l-kura. Ghal bidu tahseb li ma jkunx wahdu mal-mara, ghandu jkun taht supervision u anke jkun hemm certu preparazzjonijiet kemm ghall-mara u kemm ghalih. Qalet li l-Qorti kienet tat il-permess li Dr. Cassar jiddeciedi jekk imurx bil-leave u kemm idum bil-leave ghax kien qed imur tajjeb. Sa issa ghadu qatt ma raqad id-dar u tahseb li dik

hija pass iehor li Dr. Cassar jixtieq jaghmel. Ikkonfermat li l-ewwel riedu jibda jiltaqa' maghha under supervision.

L-**Ispettur Chris Pullicino** fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) prezenta certifikat taz-zwieg u certifikat tat-twelid ta' Jacqueline Susan Galea.

**Perit Alexei Pace** xehed fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn spjega li gie nominat bhala espert tal-Qorti fil-mori tal-inkjesta fejn ghamel numru ta' accessi fuq il-post fejn instabet il-vittma tal-incident dakinhar u prezenta r-relazzjoni tieghu. Spjega li maghha hemm mazz cwievet li jikkonsistu minn cavetta tal-bieb ta' barra tal-komun tal-blokk tal-appartamenti u cavetta tal-bieb ta' barra tal-fond in kwistjoni.

**Anthony Bonnici** in rapprezentanza ta' Go Mobile xehed fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn rigward il-profiles kif semma l-Ispettur Pullicino il-linja 79913838 ilha maghluqa mis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) u li ma setghax ikun hemm uzu fid-dati imsemmija fit-tahrika.

**Dr Anthony Cutajar** rega' xehed fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn qal li kien inhatar biex jisma x-xhieda biss, dik tal-allegata vittma u kien mar l-isptar Mater Dei u ha x-xhieda taghha li giet esebita. Hu rega' kkonferma r-rapport li prezenta.

**Robert Cardona** xehed fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn qal li kien mahtur mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Anthony Vella nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn kien gie nominat biex jeleva nail scrapings minn fuq id il-leminija u id ix-xellugija u ha xi swabs. Hu ha l-iswabs minn fuq il-persuna ta' Kevin Galea u n-nail scrapings minn fuq il-persuna ta' Jacqueline Susan Galea. Ghamel analizi inizjali fejn sab prezenza ta' demm fuq l-iswab li huma in-nail scrapings plus li kien hemm xi presenza mikroskopici ta' epidermial cells li huma celloli tal-gilda. Huwa prezenta l-esebiti flimkien mar-relazzjoni lil Qorti u ssugerixxa li ssir analizi tad-DNA.

**PS 46 Charlo Casha** xehed fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) li qal li qed jara r-relazzjoni tieghu kongunta ma PS 171 Karl Glanville u qal li kienu gew mahtura bhala scene of the crime officers fl-atti tal-inkjesta dwar allegat attentat ta' omicidju fuq il-persuna ta' Jacqueline Susan Galea fil-fond Sunrise Aps Flat 1 Triq il-maghluq Marsascala nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008). Gharaf ir-relazzjoni tieghu li ghamel flimkien ma PS 171. Xehed li flimkien mar-relazzjoni hemm l-esebiti li kien prezentahom hu stess. Kien hemm esebiti ohrajn li gew mghoddija lil esperti nominati fl-inkjesta ohrajn.

**Dr Marisa Cassar** xehdet fis-seduta ta' nhar it-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn spjegat li l-inkarigu moghti lilha kien li taghmel analizi ta' DNA fuq nail scrapings, kampjun minn fuq il-haddej ta' Kevin Galea u kampjun tal-halq ta' Kevin Galea. Minn dawn il-kampjuni ma hargux DNA profiles shah izda minn nail scrapngs hareg profil genetiku ta' ragel. Il-kampjuni tan-nail scrapings ma kinitx hadithom hi izda kien diga' hadhom Robert Caruana. Hi prezentat ir-rapport immarkat bhala Dok MC.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) gie vverbalizzat li '*Peress li d-difiza qed tissoleva l-eccezzjoni li waqt il-hin ta' l-allegat reat, l-imputat ma kienx jaf x'qed jaghmel, il-Qorti qed tahtar lil Dr. John Mifsus, Dr. George Debono u Dr. Joe Vella Baldacchino sabiex jezaminaw u jirrelataw dwar l-imputat.*'

Fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) xehdu Dr. **Joe Vella Baldacchino**, Dr. **George Debono** u Dr. **John Mifsud**, Psikjatri li qalu li wara li ezaminaw u semghu x-xhieda u raw il-file u n-noti klinici gew bis-segwenti osservazzjonijiet. Qalu li ma jirrizultalhomx li Kevin Galea kellu xi problemi mentali qabel ma sar impotenti u induna li l-mara kienet twarrbu u tfittex relazzjonijiet ohra. Xehdu li jirrizulta kemm mix-xhieda tieghu kif ukoll taghha li hu veru li hi kellha certu komunikazzjonijiet ma persuni ohra kemm bl-internet kif wkoll bit-telefon cellulari. Minkejja li Dr. Cassar li kien wiehed mix-xhieda li interpellaw dehrlu li kien qed ibghati minn psikozi, jigifieri li ma kienx hemm kuntatti mar-realta, it-trattament li huwa tah ma jikkorispondix mal-kundizzjoni psikjatrika li Dr. Cassar

fix-xhieda tieghu stqarr li l-imputat kien qed ibati minnha. Dr. Cassar ma hassx il-bzonn li jinvoka il-Mental Health Act u jospitalizza lill-imputat. Hass li seta' jemmen dak li qallu l-imputat u li mhux ser jaghmel hsara lil mara tiehu, haga li minnha nnifisha qed teskludi stat psikotiku. Ix-xhieda tal-imputat teskludi li waqt l-aggressjoni hu kien b'xi mod fi stat konfuzjonali jew dissocjattiv. Dan minhabba l-fatt li l-imputat ftakar fid-dettalji certu aspetti u hinijiet fl-izvolgiment ta' l-attentat. Bhala konkluzjoni, bhala periti psikjatri kkonkludew li jidhirlhom li l-imputat fil-mument tal-attentat kien ghaddej minn stress emozjonali, ma kienx fi stat ta' genn fit-termini tal-ligi u kellu l-kapacita' di intendere u di volere.

A fol 233 et sequitur immarkat bhala Dok. JVB giet prezentata x-xhieda li ta' Kevin Galea, Jacqueline Galea, Dr. David Cassar kif ukoll il-kunsiderazzjoni peritali ta' Dr. Joe Vella Baldacchino, Dr. George Debono u Dr. John Mifsud. **Kevin Galea** fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) quddiem l-esperti psikjatrici fejn kien akkumpanjat mill-infiermier George Cutajar. Kevin Galea qal li hu akkuzat b'attentat ta' qtil tal-mara tieghu, liema allegat reat sehh fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008). Gimgha qabel l-allegat reat kien ikkonsulta lil Dr. David Cassar ghal problema psikjatrika u Dr. Cassar kien ordnalu xi medicinali li kienet Risperdal 1/2 mg kuljum. Il-mara kienet ghamet appuntament ma Dr. Cassar u taghtu x'jifhem li kien biss se jakkumpanja lilha minhabba li kellha xi problemi psikjatrici. Waqt il-vista ghand Dr. Cassar, Kevin Galea induna li l-appuntament kien sar apposta ghalih. Dwar l-incident qal '*Il-gurnata kienet 26 ta' Gunju, 2008. Jien kont id-dar, ghax kont qiieghed bis-sick leave ghax kont qed inbghati minn depression. Kelli halqi xott u nitriehed. Malli qomt kont imdejjaq hafna minhabba il-hsiebijiet koroh li kelli fuq il-mara u li kienu qed ikidduni ferm, i.e. hsiebijiet li ghandha wicc haddiehor*'. '*Hadt shower biex forsi nigi f' tieghi u wassalt it-tfal l-iskola bhal ma naghmel is-soltu waqt li l-mara baqghat id-dar. X'hin irritornajt, id-dar kien hemm il-mara u oht il-mara. Jiena ghidilhom li ma kontx qed inhossni sew. Kelli dwejjaq kbar fl-istonku tieghi u mohhi ried jispara bil hsibijiet li kelli. Ohta irrakomandatli biex imur naghmel mixja imma jiena ma flahtx immur nimxi. Ohtha telqet lura id-dar. Ghal habta tad-disa neqsin ghoxrin waqt li l-mara kienet qed tlesti ghax-xoghol. Hi qalti << I can take it no more>>*'. Skont Kevin Galea hi kienet qed tirreferi ghal hafna mistoqsijiet u akkuzi li kien qed jaghmilha repetutament. Kienet qed tirreferi ukoll ghall fatt li hu kien qed isegwiha kontinwament, anke minn kamra

ghall-ohra. U fuq ix-xoghol ukoll. Kien imur jaraha fuq ix-xoghol. Ix-xhud ikompli jghid, '*Xhin smajt hekk, jigifieri << I can take it no more>> jien infqajt nibki minhabba li kont naf li minn hawn u fit iehor se titlaq lejn ix-xoghol u nispicca wahdi*". Spjega li '*Waqt li hi kienet qed taghmel xaghra quddiem il mera jien mort warajha u mort nannaqha u nbusa. Dak il hin jien hassejt li qed indejjaqa u gieni hsieb li nohrog mill-kamra tal-banju imma ma stajtx. Ftit mumenti wara qbaddtha minn ghonqa bl-intenzjoni li nohrogha mieghi. Billi kont qed nafasha, hi ma setghetx titkellem. Kont qed naghfasha bil goff u ahna waqajna it tnejn mal-art*'.

Ix-xhud jghid li ghandu problema jiftakar xi hsibijiet kellu minn meta waqa mal-art sakemm gie f'sensieh. Hu jghid li dam mitluf minn sensih ghal madwar zewg minuti. Xehed li '*Malli waqajt mal art apparentament sibt l-wire tac-charger qrib ghonqha u apparentament dawwartulha ma ghonqha u ippruvajt nifgaha bih. Malli gejt f'sensijja nara il-mara mitlufa minn sensijha pero' kont cert li qed tiehu n-nifs. Jiena infqajt nibki u bdejt naghti fuq wicci u fuq sidri u esklamajt 'Madonna x'ghamilt b'idejja'. Jien ghidt hekk ghax ndunajt li kont wegghajtha. Ftit sekondi wara jien mort nigri incempel lil ambulanza u immedjatament wara, cempilt ukoll lil pulizija. Imbaghad wara mort nigri lura lejn il-mara biex naghtiha l-ghajnuna. Jien u sejjer zlaqt quddiem il-mera tal-kurutur. X'hin rajt lili innifsi fil-mera, id-dehra ta' wicci kenet tal biza. Il-kulur ta' wicci kien qiesu fl-ahdar. Immedjatament wara mort lejn il-mara, bdejt inxarbilha wicha, tfajta fuq genba biex tkun tista' tiehu nifs ahjar. Ma niftakarx minn gie l-ewwel jekk hux l-ambulanza jew il-pulizija imma sakemm gew jien bqajt niehu hsieb il mara, ghax dak il hin kont imwerwer li tista' tmut. Meta gew il-pulizija, il-mara haduha lejn l-isptar u lili lejn id-depot.*'

Fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) moghtija quddiem l-esperti psikjatrici Kevin Galea xehed '*jiena iltqajt mal mara tieghi ghal habta ta' Gunju 1991 f'Wied iz-Zurrieq. Domna gharajjes madwar tlett snin.*' Qal li fl-gherusija minn naha tieghu ma kien hemm l-ebda problema ta' ghira, kien ihaliha taghmel li trid ghax kien jafda 100%. Fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u erbgha u disghin (1994) izzewgu u sa fejn jaf hu ma kien hemm l-ebda problemi. Matul iz-zwieg ma kienx jghir ghaliha anzi kien iheggiga biex darba kultant tohrog ma shaba. Ma jafx jirrispondi dwar xiex kien ikollhom misunderstandings, jghid li l-mara kienet taghmel il-geddum meta darba kultant kien johrog ghal xi ikla mal-

hbieb. Ma kellhomx l-ebda problemi fuq l-flus u fuq xiex jintefqu. Qatt ma sawwata u hi qatt ma sawtitu. Qatt ma kellu problemi ta' xorb u lanqas ta' droga. Gieli kellhom xi jghidu dwar punti fuq trobbija tat-tfal. Il-mara hija socjali hafna u kienet tkompli ma kulhadd u qatt ma ha ghalih. Il-mara gieli irrimarkatlu li hu qatt ma jghirx ghaliha u hu kien jghidilha li ma jghirx ghax jhobba u jafdha. Fid-dar kien jiehu hsieb kollox hu inkluz finanzjarjament pero' affarijiet ohra bhal internet u trobbija tat-tfal kienu jiddeciedu flimkien. Eventwalment l-affarijiet isiru kif jifhimhom hu. Kien ikollu diffikulta icedi imma l-mara tara li hu jifhem b'certu mod kienet iccedi hi. Ghal habta ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) kien qed jinnota li l-attenzjoni taghha lejh kienet qed tonqos per ezempju sa qabel April il-mara kienet tistennih sakemm jigi lura id-dar imbaghad ma baqatx. Bil-mod il-mod bdiet tonqsu minn affarijiet ohra bhal meta ma tlestilux ix-xugaman meta jasal u baqghetx tistaqsih kif ghadda il-gurnata fuq ix-xoghol. Kien qed ihoss li l-interess taghha lejh kien qed jonqos. Dawn kienu qed jaffetwawh hazin fil-fatt kien imur ix-xoghol jewden fuq x'seta' gara u ghala il-mara qed taghmillu hekk. Minn dak iz-zmien ma baqax ihossu fi zgur fir-relazzjoni maghha u beda kuljum jaghmlilha diversi mistoqsijiet ghala qed jirregaixxi hekk u ghala inbidlet. Kien juriha li qed jahseb hazin fuqha, li qed jissuspetta li ghandha lil xi hadd iehor. Qal li '*Ghal dawn il hsiebijiet u s-suspetti tieghi jien bdejt niccekjha ripetutament. Kont immur niccekjha fuq ix-xoghol, meta mort hdejha fuq ix-xoghol kien jihossni nistrieh. Meta kont niffitaha b'dawn il mistoqsijiet dwar li ghandha il haddiehor. Hi kienet dejjem tinnega. Meta hi kienet tinnega jien ma tantx kont nemmienha. Jiena ma kontx nemminha minhabba l-attitudni taghha. Meta kont nista' ghax hi tkun id-dar jien kont repetutament nistaqiha l-istess haga bejn ghaxra u ghoxrin darba kulljum. Minn dak iz-zmien jien bdejt niccekjala il mobile. Kont niccekjah bejn darbtejn u tlett darbiet kulljum. Dan l-iccekjar kont naghmlu fl-assensa taghha. Per. ez. il mobile kont niehdu mil-basket taghha waqt li hi titla tonxor jew tkun fil-banju. Jien kont niccekja kemm ghandha credit f'hin particulari imbaghad immur nofs siegha wara u niccekja kemm kien baqalha credit. Ovvjament jekk insib credit anqas dan kien jiffisser li hi kienet baghtet messagg jew cemplet lil xi hadd. Darba tant kont qed ihossni hazin li anke telefonata ma missierha qghadt nismahha. Dan ghamiltu billi qbadt it telefon mill kamra tas-sodda. Din id-diskurzata kienet ta' madwar hames minuti u l-iskop tieghi kien li nara jekk johrog xi haga li tikkonferma is-suspetti tieghi. Meta kont niccekja il credit sibt li kienet cemplet mill-anqas hmistax-il darba, jiena pero' ma kont insemmielha xejn biex ma nurihiex li qed niccekjala il*

*mobile. Eventwalment jien kont urejtha li qed insib dawn id-diskerpanzi fil credit tal mobile cellulari. Jiena kont qed nistaqsiha lil min cemplet jew baghtet messagg. Hi kienet tghidli li cemplet jew baghtet xi messagg lil xi klienta taghha.. Jiena ma tantx kont nemminha.'*

Kompli jghid '*Darba fost l-ohrajn nasal lura id dar mix xoghol ghal habta tal 11.30. ta' fil-ghaxija, il mara sibtha rieqda fis-sodda. U waqt li kienet rieqda jiena mort niccekjalha il mobile. Hemmhekk sibt messagg li kienet baghtet hi stess li kien jghid bejn wiehed u iehor: 'You are all excuses saying that you don't have enough credit to send back. U iffirmat 'your lady friend from Malta.'* Meta qara dan il-messagg, hassu imkisser, halqu xott u qalbu se tispara u immedjatament qajjimha u staqsieha x'kien dak il-messagg. Hi rrispondiet '*that was the last message I sent.*' L-ghada kien imdejjaq hafna minhabba dak il-messagg. Ma kienx emminha li dak kellu jkun l-ahhar messagg. Din l-istorja tal-messagg grat f'April ta' 2008 u minn dak iz-zmien beda jhossu imur lura. Jghid li '*Tense, insecure u komplejt insaqsiha kuljum. Minkejja li kont inhossni tense u suspettuz jiena qatt ma sawwattha. Biex nippruvaw nirrangaw l-affarijiet bdejna immorru ghand marriage counseller. Mara barranija mill Kappara ma niftakarx l-isem taghha.'*

**Jacqueline Susan Galea** xehdet quddiem l-esperti psikjatrici fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u qalet li ltaqet ma Kevin l-ewwel darba Wied iz-Zurrieq, bdew johorgu regolarment flimkien ghal madwar tlett (3) snin li matulhom kienu tajjeb hafna u sa fejn taf hi ma kellhomx problemi. Qatt ma kien ghajjur ghaliha jew qatt ma nnotat li kien ghajjur. Wara tlett (3) snin gherusija izzewgu u t-tnejn kienu kuntenti hafna Matul l-ewwel sena kellhom xi problemi fis-sens li Kevin kien mummy's boy u l-genituri tieghu qisu kienu riedu jindahlulhom f'kollox. Matul l-ewwel sena ma kien hemm l-ebda kazi fejn kien suspettuz jew joghod iqis il-passi taghha. L-affarijet baqghu sejrin tajjeb sa Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) u minn Dicembru elfejn u sebgha (2007) bdiet tinnotah li kien qed ikun maghluq fih innifsu, ma jitkellimx, jinkwieta hafna mix-xejn, ikabbar l-affarijet u kien iqatta sieghat jiccassa lejn it-televizjoni qisu ma hemm hadd madwaru. Minn dak iz-zmien ir-relazzjoni intima ta' bejniethom waqfet ghal kollox minhabba li zviluppatlu l-impotenza. Kienet waslet ghal konkluzjoni li ma ghadux attirat lejha. Kienet tirrimarkalu li fil-fehma taghha hu ma ghadux migbud lejha u kien jirrispondi li ma kienx jaf x'qed jigrilu. Minhabba dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni kemm fuq

livell fiziku kif ukoll emozjonali, is-Sinjura Galea tghid li kien ihossha wahedha u biex timla dan il-vojt bdiet taghmel komunikazzjoni mal-ohrajn permezz tal-kompjuter chatting. Qalet li hasset li ma kienx dak li xtaqet u allura qalet lir-ragel li jkun ahjar jekk ifittxu ghajnuna professjonali ghaz-zwieg taghhom u qaltlu li ma kinitx tahseb li hu sew li jkollha tfittex relazzjoni ohra permezz tal-internet. Hu qal li ma kellhomx bzonn imorru l-ebda guidance imma eventwalment accetta li jmur ghand iz-zija taghha li hi psikologa. Minn dak iz-zmien beda jsir suspettuz hafna fuqha. Beda jiccekja il-movimenti kollha taghha, il-mobile taghha ripetutament u jinterrogaha b'mod repetituz u kull darba li tkun fil-prezenza tieghu kien il-hin kollu jistaqsiha mistoqsijiet bhal fejn marret, ma min iltaqghet, x'qaghdet taghmel, jekk uzatx il-mobile u mistoqsijiet ohra bhal dawn. Mir-risposti li kienet taghtih ma kienx jidher li qed jemminha. Qalet li darba kien ra xi rucksack ghand habib tieghu dahhal f'rasu li kienet taghtulu hi. Spjegat li bdiet tarah jidditerjora kemm fizikament kif ukoll psikologikament. Kien qed jonqos fil-piz, kien jidher imdejaq u ghalkemm baqa jmur ghax-xoghol wara madwar nofs siegha kien jerga jigi lura biex jiccekjaha. Malli jasal kien jibda jistaqsiha s-soltu mistoqsijiet. Kienet dratu li malli jasal fil-bieb, kienet tghidlu li setgha jerga' jibda jistaqsiha s-soltu mistoqsijiet. Tghid li f'dan il-perjodu kien hemm tlett (3) okkazzjonijeit fejn Kevin prova jnehhi hajtu b'idejh. L-ewwel darba ghal habta ta' Mejju 2008 fejn kienu d-dar qabad sikkina kbira mill-kcina u quddiemha ghamel sikkina fuq il-polz u kien qisu se jaqta pero' zammitu fizikament hi milli jaghmel dan. Imbaghad fl-ewwel gimgha ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) meta kienu holiday Pisa kien heddidha li ried jaqbez gholi ta' madwar erba' (4) jew hames (5) sulari. Ghalkemm f'din il-holiday ma haditx il-mobile maghha biex turih x'intenzjoni tajba kellha, xorta beda jakkuzaha li qed tibghat messaggi bil-mohbi. Hu qatt ma heddidha bil-vjolenza. Xi gimgha wara waqt li Kevin kien qed jaghmel kors l-akkademja tal-Pulizija, kien cemplilha biex jghidilha li ghandu '*Magnum (revolver) f'idu*'. Qalet '*Mit ton tieghu jiena fhimtu li kien qed jikkontempla li kien se joqtol ruhu b-idejh. Jien kont cempilt liz-zija tieghi Rose Galea li cemplet lil Kevin u jidher li ikkalmatu. Minn naha tieghi jiena kont cempilt li s-spettur tieghu Joe Hersey. Ma irrnexxilix inkellmu diettament minabba li kien qieghed meeting u hallejtlu risposta. U cempilli ftit wara u jien infurmajtu bl-inkwiet li kellhi. Zijti Rose infurmat lir-ragel taghha Mario Galea li minn naha tieghu cempel lil Kumissarju tal-Pulizija.*' Ghalkemm sa fejn taf il-Kummissarju kien infurmat b'dan il-periklu u sa fejn taf hi

kien wieghed lil Mario Galea li kien se johorgu minn hemm u se jibghat ghalih biex ikellmu waqt li jiehdu cafe flimkien ma sar xejn u filfatt thalla jispicca l-kors. Wara li spicca l-kors l-akkademja baqa suspettuz immens u baqa' jinterrogaha kuljum. Fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju filghodu hasset li ma tiflahx izjed u iddeciediet li ried isir xi haga. Kienet taf li hu mhux lest imur ghand tabib ghax kien jghidilha li ma ghandu xejn u ma ghandux bzonn ghajnuna. Giha hsieb li tghidlu li ghandha bzonn tmur ghand tabib hi ghax kienet taf li zgur kien se jigi maghha. Qalet li '*Ziti kienet fil-fatt irrangat ma Dr. Cassar biex dak in nhar i.e It-Tnejn jiena niehdu ghand Dr. Cassar (ma nafx x'jismu) biex niehdu lil Kevin Mater Dei halli jarah. Dana Dr. Cassar kellmu u Kevin assigurah li ma kellu l-ebda intenzoni li jaghmilli hsara. Dr. Cassar emmnu u tah il pilloli. Il pilloli li tah kien jisimhom Risperdal (ma niftakarx id doza) It tabib tah appuntament ghal gimgha ta' wara Minn dak in nhar hu hareg bis-sick leave*'. Spjegat li '*Kien il Hamis 26 ta' Gunju 2008. Qomna ghal xi s-sitta ta' filghodu. Ghal habta ta' s-sebgha, Kevin, bhala ma jaghmel is-soltu, wassal lit-tifla tieghi u lit tfal t'ohti lejn l-iskol. Jien wassalt lit-tifel l-iskola. It Tnejn ergajna morna lura d-dar. Bhal ma taghmel hafna drabi, ohti li toqoghod fil-flat ta' fuqna, nizlet ghandna biex ticcekkja kif kien sejjer Kevin. Kevin qalilna li dak in nhar xejn ma kien f'siktu. Hi kienet issuggeriet li hu u jien immoru ghal miexja, pero' jien ma stajtx minhabba li kellhi x-xoghol. Dak in nhar Kevin kien ghadu bis-sick leave. Jien kont issugerejtlu li jigi ghax-xoghol mieghi bhal ma ghamilt hafna drabi f'okkazjonijiet ohrajn. U kien qalli issa naraw. Jien dhalt fil kamra tas-sodda biex inlesti ghax-xoghol. Ergajt mort lura lejn il bathroom u sibt lil Kevin bil-qeghda kokka, b'idejh it tnejn maqudin ponn u ma sidru, u wiccu kien jidher (really evil), fil-fatt ghalija kien jidher qisu x-xitan.*' Qalet '*Wiccu kollu kien tal-biza. Dak il hin ma rajt l-ebda affarijiet li ma jappartjenux lil bathroom. Jiena x'hin rajtu hemm ghidtlu Kev, xil marelli qed taghmel. Hu ma qal xejn imma fil-pront qabez ghal fuqi b'mod selvagg qiesu tigra*'. Qalet '*Malli qabez fuqi jien waqajt mal art. Ma kien hemm l-ebda diskors bejnietna. Fis split second hu kien gharkobtejh fuqi u ma stajtx nitkellem. Ftit mument wara intlift minn sensija u ma niftakar xejn izjed hlief li meta qomt sibt ruhi fl'intensive therapy unit ta' l-isptrar Mater Dei*'. Hi cahdet li hu mar jghannaqha waqt li kienet qed taghmel xaghra jew xi haga simili. Ix-xhud qalet li qatt ma tibrushja xaghrha u ma kien hemm l-ebda hin fejn ghannaqha jew biesha. Qatt ma ccargjaw il-batterija tal-mobile fil-bathroom tant li lanqas ma hemm plakka fil-bathroom.

Fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) il-Konsulennt Psikjatra Dr. **David Cassar** xehed quddiem l-esperti psikatrici fejn ikkonferma li jaf lil imputat Kevin Galea li hu pazjent tieghu madwar tlett (3)'ijiem qabel sar l-incident. Hu kien gie ghandu wara li persuni fil-familja tieghu insistew li ifittex l-ghajnuna. Ir-raguni li sar jaf dak inhar kien li jemmen b'mod falz li l-mara tieghu kien qed ikollha relazzjoni ma xi hadd iehor. Meta rah hu, '*kien car li kien qed ibati minn psikosi fejn kellhu deluzjonijiet (twemmin falz) ta' infidelita kif ukoll delusional perceptions. Innotajt li kien qed jara affarijiet li kien qieghed jinterpreta b'mod erroneju jew deluzjonali.*' Kevin Galea kien qallu repetutament kien jara lil pulizija siehbu jibghat messagg bil-mobile u kien jemmmen li qed jikkomunika mal-mara tieghu. Dan kollu sar jafu fl-ewwel gurnata li ltaqa' mieghu professjonalment. Fl-evalwazzjoni tar-riskju Kevin Galea ripetutament accenna li zgur ma jasalx li jaghmel hsara lil martu. Hu kien jaf li tnejn mill-ahwa jibghatu minn mard mentali ta' tip Psikosi Kroniku. Fl-evalwazzjoni intensiva dak inhar ma irrizultalux li Kevin Galea kellu bzonn jigi ospitalizzat.

Fil-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) **Kevin Galea** rega' xehed quddiem l-esperti psikjatrici fejn qal li l-ewwel darba li ra psikjatra f'hajtu kien madwar gimgha qabel il-kaz. Dak in-nhar kien emmen li se jmorru ghand il-psikjatra minhabba l-problemi tal-mara. Kien jemmen li dak iz-zmien il-mara kellha bzonn ghajnuna psikjatrika minhabba li kien ghajjiha bil-hafna mistoqsijiet li kien jaghmlilha kuljum. Hutu kienu indikaw kemm il-darba li kellu bzonn jara tabib. Ir-raguni taghhom huwa li kienu jarawh imdejjaq hafna u kienu jafu bl-istorja li kienet ghaddeja bejnu u l-mara. Diversi minn shabu kienu jigu jikkunslawh minhabba li kien ikun imdejjaq. Dik il-habta kien ihoss u kellu suspetti u hsiebijiet hziena dwar il-maggoranza tan-nies li kienu jigu jkellmuh. Kien jemmen li l-mara tieghu qed ikollha x'taqsam sesswalment mal-kollegi tieghi tax-xoghol, '*illum dan it twemmin gheb ghall kollox.*' Dwar family histroy qal li tnejn minn hutu bniet qeghdin taht kura psikjatrika. Il-marda sa fejn jaf hu hija depression u li sa fejn jaf hu ma hemm hadd aktar fir-razza li jbaghti minn mard iehor. Meta ra l-ewwel darba lil Dr. Cassar kien ghamel madwar nofs siegha mieghu u wara kien ippreskrivilu Risperidone 1mg darba kuljum. B'referenza ghal gurnata tal-accident qal li kien ghal habta tat-tmienja u nofs ta' filghodu fejn il-mara tieghu dahlet fil-bathroom biex taghmel xaghra. Ftit

sekondi wara hu dahal warajha u immedjatamnt beda jistaqsiha il-mistoqsijiet tas-soltu. Hi rrisponditu billi qaltlu li dejjaqa b'dawn il-mistoqsijiet.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) gie vverbalizzat li '*Dr Gianella Caruana Curran ghall-imputat Kevin Galea tirrileva li d-difiza mhux tikkontesa l-fatt li fin-nail scrapings mehuda minn Jacqueline Suzanne Galea jista' jkun hemm profile tad-DNA jaqblu ma ta' l-akkuzat.*'

Fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehdet **Jackie Galea** li qalet li hija Kanadiza. Mistoqsija dwar meta xehdet quddiem il-Perit Legali Dr. Anthony Cutajar fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fejn kienet qalet '*Kevin never beats me or in any way harms me before this incident He is not that kind of person. He is a caring person and I think he needs help.*'[3] ikkonfermat li dawk kliemha ezatt, qalet '*That was not Kevin that day. He is sick*'. Ikkonfermat li kienet innutat li '*Kevin was sick*' u pruvat igib ghajnuna ghalih izda hadd ma ghen lanqas il-Korp tal-Pulizija. Hi kienet qed tghix mieghu u bdiet tirrealiza li Kevin mhux il-Kevin li taf hi. Hi tafu sew. Tghid '*He is a great guy*'. Ila tafu tmintax (18) -il sena u ilhom mizzewgin erbatax (14) il-sena u l-gurnata ta' qabel kien l-anniversarju. Ikkonfermat li kienet inkwetata dwar '*his mental health*'. Ikkonfermat li f'xahar niezel minn 40 waist ghal 32 waist, xorta kien jiekol imma l-piz beda niezel. Xorta kien jorqod qalet '*Kont inzommu . . . . shih ghax kont nibza' li ser iqu u ser jaghmel xi haga*'. Mistoqsija jekk kienx suicidal wiegbet '*Sometimes he said certain things but I don't think he meant them. I think izjed biex jara x'ser naghmel jien. Kif ser nirragixxi jiena*'. Ikkonfermat li xi kultant kellu tendenzi suwicida. Ghamlet taparsi kellha bzonn tmur ghand psikjatra u kienet taf li Kevin kien se jigi maghha zgur ghax *caring*, kienu jaghmlu kollox flimkien. Haditu tippretendi li ghaliha meta kien ghalih. Mistoqsija met haditu t-tabib qallux jekk tajjeb jew le qalet li ma kienx tajjeb, lanqas xejn u li din ma kinitx sorpriza ghaliha ghax kienet taf li ma kienx tajjeb. Ikkonferma dak li kienet diga' taf. Ikkonferma li kellu depression u tah medicina. Minn dak-in nhar tal-incident ghadu jorqod Mount Carmel. Ommha kienet tmur tarah Mount Carmel ghax thobbu u taf x'kien Kevin. Qalet li tahfirlu lil Kevin ghax Kevin ghandu bzonn

[3] Il-kliem ezatt ta' Jacqueline Galea fit-28 ta' Gunju 2008 quddiem Dr Anthony Cutajar kien '*Kevin never beat me or in any way harmed me before this incidentHe is not that kind of person. He is a caring person and I think he needs help...*'

l-ghajnuna u li ghamillha mhux ghax ried. Ghax marid. Qalet li ma tixtiequx jehel habs ghax '*he did what he did to me ghax he is sick*'.

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) stante bdil fil-magistrat sedenti, il-partijiet ezentaw lil Magistrat Dr. Marse-Ann Farrugia milli terga tisma' lix-xhieda kollha li ngabru f'din il-kawza sa llum pero' Dr. Joseph Giglio xtaq li l-Qorti terga' tisma' lil vittma Jackie Galea. Ghalhekk regghet xehdet **Jacqueline Galea** f'din is-seduta fejn ikkonfermat li hi l-mara tas-Sur Galea li qalet li hi Kanadiza u wara l-accident tkelmet bl-Ingliz biss, ma tafx ghala. Fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) kienet qalet '*Kevin never beats me or in any way harms me before this incident. He is not that kind of person. He is a caring person and I think he needs help.*'[4] Ikkonfermat li kollu veru u qalitu. Qalet li ragel tajjeb hafna u missier tajjeb hafna imma marad u ghamel li ghamel ghax kien marid. Mistoqsija x'kienet il-marda, qalet li ghall-ewwel ma kinitx taf. Hasbet li depression imma imbghad rrizulta li kienet xi haga imsejjha morbid jealousy li jibda jahseb li qed tmur ma xi hadd iehhor. Ikkonfermat li kellu impotenza sesswali li zviluppat f'morbid jealousy u dan wara hmistax (15) jew erbatax (14)- il sena. Minhabba f'hekk bdiet tfittex l-ghajnuna tal-pulizija, haditu ghand tabib psikjatra David Cassar taparsi ghaliha minflokk kien ghalih ghax meta kienet tghidlu ghandu bzonn imur ghand tabib kien jghidilha li jaf x'ghandu bzonn hu u li mhuwiex marid u mhuwiex tifel zghir u minhabba li Kevin kien dejjem jaghmel kollox maghha, qalet li jekk tghid li ghandha bzonn kien jigi maghha u vera gie maghha imma kienet diga' ftehmet mat-tabib biex jistaqsi lilu. Kienu ilhom erbatax (14) il-sena mizzewgin u tlett (3) snin gharajjes. Qatt ma kellhom xi incidenti flimkien. Ikkonfermat li t-tabib ikkonferma l-inkwiet u suspett taghhom u tah il-medicina li ghandu jiehu, certu pilloli u biex jarah gimgha wara. Mistoqsija mill-Qorti qallux x'ghandu wiegbet le. Kien qed jonqos hafna, kien jiekol xorta imma kien naqas hafna. Kien joqghod jibki li mhux soltu. Kien joqghod wahdu bil-qeghda u joqghod jibki. Ghalxejn. Kienu jghidulu x'ghandu u jghidilhom ma ghandi xejn, kien xorta jmur ghax-xoghol il-Pulizija. Kienu cemplu lil Kumissarju tal-Pulizija biex jghidulu li Kevin ma jiflahx biex jiehdu hsiebu ghax hu xorta dedikat hafna kien ghal pulziija u kien kollox ghalih u bil-mohbi tieghu

[4] Il-kliem ezatt ta' Jacqueline Galea fit-28 ta' Gunju 2008 quddiem Dr Anthony Cutajar kien '*Kevin never beat me or in any way harmed me before this incident...*'

kienet taghmel certu affarijiet biex ma turihx li pruvat tiehu hsiebu. Qalet li kien 40 waist u nizel ftit qabel l-accient ghal 34 waist. Mistosija dwar 32 waist ikkonfermat li niezel minn 40 waist to 32 waist. Kien jiekol normali imma tahseb li bil-mard tilef il-weight. Haditu it-Tnejn ghand it-tabib u l-incident gara il-Hamis. L-Erbgha kien l-anniversarju taz-zwieg taghhom. Kienet tibza li se iwegga lilu innifsu ghax kien jghidilha certu affarijiet. Darba minnhom ha sikkina ghal idejh, darba ohra kienu imsiefrin ghax ghall-ewwel hasbet li kellhom bzonn isiefru u beda jghidilha li jrid jaqbez mit-tieqa tal-hotel u l-ahhar wahda li kien l-akkademja tal-pulizija u cemplilha mix-xoghol u qallilha ghandu xi tip ta' gun f'idejh. Dak il-hin ippannikjat u cemplet lll-ispettur u surgent u lil kulhadd u ma sabitx ghajnuna. Mistoqsija jekk ma sabitx ghajnuna minghand il-Pulizija wiegbet li le ghax kulhadd kien habib ta' Kevin u kulhadd haseb li hi veru qed teqlibielu. Kienu jemmnu lil Kevin imma Kevin kien marid. Qalet li '*In-nies jiehdu pjacir bil-hazin, ihobbu jghidu. It hurts*'. Ikkonfermat li kien mentalment marid anke minhabba l-impotenza li zvillupat. Ikkonfermat li ghandu history ta' depression fil-familja, hutu bid-depression '*imma depression huwa mod u mental illness huwa mod iehor. Jien fil-bidu kont nahseb li depression imma mhux.*' Ikkonfermat li Kevin ghadu out patient Mount Carmel u ilu jmur sentejn u nofs wara l-accident. Dam residenti tahseb li xi sentejn straight issa minghaliha darba fil-gimgha jorqod hemm. Qatt ma marret tarah imma ommha u t-tfal marru. It-tfal dejjem qaltilhom mill-ewwel biex imorru jarawh ghax taf li jekk Kevin ser jarahom ikun ahjar ghalih u ommha kienet tmur tarah ukoll. Ma marritx ghax suppost ma ghandhiex kuntatt ma Kevin. Ikkonfermat li meta xehdet kienet hafritlu lil Kevin '*Ghax Kevin huwa ragel tajjeb hafna u Kevin ghamel li ghamel ghax kien marid. U nibqa' nghidha.*' Hi xorta tahfirlu. Dwar li ghamlilha wire ma ghonqa qalet '*Definitely. He did it because he was sick. That is not Kevin. U nibqa nghid it was not Kevin*' L-ewwel darba li giet f'taghha kien l-isptar. Mistoqsija jekk ghandhiex xi haga ohra li xtaqet tghid qalet '*Li Kevin ghamel li ghamel ghax kien marid u ma haqqux habs. Definitely not. He is a good man. He was a great husband. He is a great father.*'

Fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed l-imputat **Kevin Galea** li b'referenza ghall-istqarrija a fol 20 tal-process fejn hemm Dok CP1, l-Avukat difensur qaratha biex l-imputat jara iridx jikkonfermaha jew le. Din hija

datata l-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008). Gie moqri '*M. Ara Kevin qabel nibdew id-domandi, ghadni kfi wissejtek li inti ghandek id-dritt li mintix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem imma dak li qed tghid jista' jingab bi prova. Sewwa qed nghid? T. iva nikkonferma li ghidtli hekk. M. Kif taf inti stess ukoll inti spiccajt hawn hekk fl-isptar Monte Carmeli wara incident li sehh gewwa r-residenza tieghek nhar is-26 ta' Gunju 2008. X'tiftakar tghidilna dwar dan l-incident? T. Nixtieq nibda l-istorja mill-bidu. Madwar 3 xhur qabel sehh l-incident li qed tistaqsini dwaru kont qieghed ninnota li l-mara kienet qed tibghat hafna messaggi fuq il-mobile phone taghha lil persuna li jien ma nafx min kien. S'hemm hekk ma kontx qed naghti hafna importanza minhabba l-fatt li hi bil-business u dawn il-messaggi setghu kienu relatati max-xoghol taghha. Wara ftit taz-zmien il-mara ammettiet mieghi li kienet qed ticcetja ma xi rgiel fuq l-MSN u hemm hekk hfirtilha u qisu qatt ma kien xejn. Dan kien madwar 3 xhur ilu. Qabel dan li qed nghid pero, f'okkazzjoni ohra, il-mara kienet qaltli li ghandna bzonn nitkellmu dwar ir-relazzjoni taghna. Wara xi gimgha mill-incident fejn din qaltli li kienet qed ticcettja ma xi rgiel fuq l-MSN gietni l-kurzita biex niccekkjalha l-mobile phone taghha ghax kont osservajt li anke kienet qed tircevi messaggi tard bil-lejl. Darba fost l-ohrajn iccekkjajtilha l-mobile u sibtilha messagg li kienet baghtet hi stess lil terza persuna li jiena ma nafux. Dan il-messagg kien jghid 'You are all excuses saying that you have no credit to send me back. Your lady friend fro Malta.' X'hin rajt dan il-messagg kien bil-lejl u jien qajjimt lill-mara u tlabtha spjegazzjoni dak il-hin. Kull ma qaltli kien 'I messed up, I messed up. I am leaving and take care of the kids yourself.' Qaltli pero' li dak kien l-ahhar messagg li kienet baghtet lil din il-persuna u qaltli li dan kien ragel barrani. Jien ghidtilha illi sahha hfirtilha li kienet qed ticcettja ma rgiel ohra fuq l-MSN, kellha ghalfejn tibghat il-messaggi bil-mobile phone ukoll? Ghalkemm dak il-hin qamu t-tfal u hi riedet titlaq dak il-hin stess, jien assolutament ma ridthiex titlaq, qbadt lill-mara u lit-tfal, ghannaqthom kollha f'aqqa biex nirrangaw l-affarijiet u hi nfexxet tibki. Ftit wara, f'dak il-lejl stess jew l-ghada ghax ma niftakarx bl-ezatt, il-mara argumentat mieghi illi jien ma kontx qed intiha l-attenzjoni xierqa u ma kontx nikkumplimentaha qabel nohorgu per ezempju. Nixtieq nghid li dan li qaltli hi forsi veru ghax jien minni hekk pero' kont infahharha ma kulhadd u dejjem lejali kont klejha. Kont anke niftahar biha ma kollegi tieghi kemm hi mara tajba u tiehu hsieb kollox. Minn dak inhar ppruvajt niddedika iktar hin ghaliha u ppruvajt naghmel l-almu tieghi biex nuriha li jien veru nhobbha u li ridt li l-familja terga tinghaqad bhal ma kineet. Minn dak inhar 'l hemm, l-affarijiet bdew sejrin lura u bdejt ninduna li l-affarijiet bejnietna ma kienux qed jitrangaw minhabba l-fatt li qabel, meta kont inkellimha, hi kienet tkellimni b'certu karizma u hlewwa izda issa, meta kont inkellimha, hi kienet tkellimni*

*b'ton iehor. Biex forsi jirrangaw xi ftit l-affarijiet, konna ddecidejna bejnietna biex immorru holiday minghajr it-tfal u fil-fatt hekk ghamilna u morna xi granet Pisa flimkien. Il-mara hemm bdiet tidher qisha insiet kollox minn dak l-argument li spjegajtlek pero' anke f'dawk il-granet li konna vakanza, xorta wahda gieli spiccajna nitkellmu fil-kamra tal-lukanda dwar l-argument ta' bejnietna kif insemmilha, hi kienet qisha tinfexx tibki ghax kont indejjaqha u kienet tghid li trid tirritorna Malta. Qabel ma sifirna, madwar xi tlett gimghat qabel l-incident tas-26 ta' Gunju 2008, morna flimkien ghand marriage councellor li naf li hija mara barranija u tkellem in-nies il-Kappara. Wara li ghidnilha bil-problemi li konna ghaddejin minnhom, din ssugeriet li kellna nippruvaw inkomplu nirangaw l-affarijiet bejnietna u jekk ikollna bzonn iktar ghajnuna, kellna nergghu nkellmu lilha. Minn meta gejna lura mis-safar, jien bdejt nimmissjaha hafna lill-mara u bdejt inhoss li ghandi nkun kwazi l-hin kollu hdejha kif ikolli ic-cans. Bdejt nonqos mill-piz u bdejt inhossni qed naqa' f'depression u l-mara kienet qaltli li ghajjejtha bil-mod kif kont qed nagixi minhabba li kont qed inqatta hin twil hdejha u ghalhekk ssuggeriet li ghandha bzonn l-ghajnuna ta' psikjatra biex jghinha fis-sitwazzjoni li kienet fiha. Hi staqsietni jekk ridtx mmur maghha u qaltli li jekk ma ridtx mmur, hi kienet sejra xorta wahda. Jien wegibtha li jien inhobbha hafna u kont lest li naghmel dak kollu li kien hemm bzonn. Xi granet qabel l-incident tas-26 ta' Gunju 2008, niftakar li kien it-Tnejn, morna ghand Psikjatra Cassar l-isptar Mater Dei. In-nies li bdejt nara hemm hekk impressjonawni. Kienu kollha nies bi problemi mentali u ghalhekk waqajt 'down' hafna. Hemm hekk bdejt nghid lill-mara li hi ma kienx postha hemm u li ma kellhiex bzonn dik it-tip ta' ghajnuna. Dan qed nghidu ghaliex meta kienet per ezempju tkun ix-xoghol jew ma xi hadd tal-familja, il-mara kienet tagixxi normali. Il-problemi kienu jibdew meta kont inkun maghha jien. Dhalna xorta wahda nitkellmu mal-psikjatra pero' hemm hekk indunajt li l-appuntament ma kienx ghall-mara tieghi izda ghalija. Hemm hekk waqajt veru down ghax kif bdejt nispjega lill-psikjatra li bdejt nahseb hazing fil-mara, dan mill-ewwel qalli li kelli bzonn l-ghajnuna u qabad u ordnali il-pilloli. Jiena accettajtha xorta wahda din is-sitwazzjoni u bdejt niehu l-pilloli li ordnali. Minn x'hin tlaqna minghand il-psikjatra tas-26 ta' Gunju 2008, jien bqajt nipprova nirranga is-sitwazzjoni mal-mara u bdejn nitlobha bil-hniena biex terga titrattani bil-karizma li kellha qabel lejja izda l-affarijiet ma trangawx. Dak inhar tal-incident cioe tas-26 ta' Gunju 2008, qomna filghodu, mort inwassal lit-tifla u n-neputijiet l-iskola u kif wasalt id-dar, kont imxarrab ghasra bil-gharaq. Qalbi bdiet thabbat hafna, naf li poggejt hdejn il-mara fil-kamra tas-sodda u ergajt ppruvajt nibda nkellimha biex nirrangaw. Hi qaltli 'I have to go to work... I can't stay here and I'm tired of hearing the same discussions.' Imbghad marret tkompli xi haga fil-kamra tal-banju u bdiet taghmel xagharha.*

*Dak il-hin, minn gewwa l-kamra tal-banju, qalet xi haga li ma niftakarx x'kienet pero' kienet xi haga li taghtni x'nifhem li qed indejjaqha hafna. Gietni bhal dalma kbira quddiem ghajnejja, dhalt fil-kamra tal-banju, qbadtiha b'idi u sibt ruhi fuqha mal-art. Dak il-hin ma kelli xejn f'idi. Imbghad fl-istess dalma li gietni quddiem ghajnejja, gie f'idi ic-charger tal-mobile phone u dawwartulha ma ghonqha ukoll. F'dan il-waqt gejt qisni f'tieghi u ndunajt x'kont qed naghmel b'idi. Ergajt nehhejt il-wire tac-charger minn ma ghonqha, bdejt nghajjat le le le Jackie inhobbok u x'qed naghmel b'idejja u mort nigri ncempel lill-ambulanza u lill-pulzija. Ftit wara, cempilt lil ohtha ukoll li toqghod fl-istess blokk ta' appartamenti. Minn dak il-hin 'l hemm, sa kemm waslet l-assistenza, jien bqajt hdejha, nghannaqha, inzarbilha wiccha u nghidilha kemm inhobbha. Ftit wara waslet l-ambulanza li hadet lil Jackie l-isptar u jien gejt mehud mill-pulizija l-ghassa ta' Haz Zabbar. Minn hemm haduni l-clinic ta' Rahal il-Gdid, gejt ezaminat minn tabib u wara haduni d-depot. Hemm hekk regghet kellmitni Dr. Ethel Felice u gejt mehud Mount Carmel. Minn dak inhar, illum hija l-ewwel darba li ergajt gejt mitkellem mill-pulizija. M. Ghidtilha li Jackie kienet ilha zmien tibghat il-messaggi lil xi hadd li inti ma tafx min kien u sahansitra sibtilha anke messagg partikolari li tak x'tifhem li din kienet qed ticcettja ma ragel iehor. Tiftakar tghidilna fuq liema mobile phone number Jackie kienet baghtet dan il-messagg? T. Le. M. Il-gurnata u l-hin meta intbghat dan il-messagg inti taf tghidulna? T. Le ma nafx. X'hin sibtu jien nista nghid pero' x'hin u meta kienet baghtitu ma nistax nghid. Dak inhar kienet l-ewwel darba li ccekkjajt il-mobile phone taghha izda wara gieli anke ccekkjajtilha l-credit biex nara jekk baghtitx smses. Fil-fatt hi kienet tghid li ma baghtitx messaggi u l-credit kien jonqos xorta wahda u hi kienet tghid li l-mobile la cemplet u lanqas uzatu bl-ebda mod iehor. M. Ara nghidlekx sew li dak inhar tas-26 ta' Gunju 2008 inti mort ppreparat id-dar biex jekk ma tirrangax is-sitwzzjoni mal-mara, inti kont lest taghmlilha dak li fil-fatt ghamiltilha Veru dan? T. Dan zgur li le. Ma nafx kif ha naqbad nispjega ruhi kif graw l-afarijiet dak il-hin ghax lanqas jien stess ma naf. Jien nahilfu quddiem Alla li qatt ma bsart li ser jigri dan kollu u naf zgur li lanqas kelli cans nahseb x'ser naghmel b'idi. Kieku kelli ic-cans nahseb u kieku kelli ic-cans imqar nahseb fit-tfal u fl-4 snin servizz li baqghali, jien zgur ma knotx nasal naghmel hekk. Dan biex ma nsemmix l-imhabba tal-genn li kelli u li ghad ghandi lejn marti. Forsi veru il-mara qaltli xi drabi li jien kont qed indejjaqha jew li qed niffissa pero' jien kont qed insegwi l-passi taghha ghax ma xtaqtx li jitkisser iz-zwieg taghna minghajr ma jien inkun ghamilt xejn biex nipprova nsalvah. M. Ilwire tal-mobile phone li qed ssemmi li dawwartu ma ghonq il-mara, dan kien l-istess wiehed li ghaddejt int lill-pulizija minn gewwa l-kexxun tal-kamra tal-kcina? T. Iva. M. kif spicca hemm wara l-incident? T. Waqt l-incident ma nafx kif gie f'idi.*

*pero' li naf zgur li wara l-incident, nehhejtu minn ma ghonq il-mara u jien stess poggejtu f'dak il-kexxun. M. Tixtieq zzid xi haga ohra? T. Gara li gara ghax veru waqghet dalma quddiem ghajnejja. Taghni panic attack dak l-hin. Kif diga' ghidt, jien lil marti dejjem habbejtha u qatt ma ghaddieli minn mohhi li ser jinqala dak kollu anke sa l-ahhar mumenti li jien intlift u gara li gara. Nirringrazzja lil Alla li llum infurmat li l-mara harget mill-isptar u tinsab tajba u nixtieq nerga ninghaqad maghha u mat-tfal.'*

Dwar l-istqarrija li nghatat erbat' ijiem wara, fit-tmienja (8) ta' Lulju li tinsab a fol 27 tal-process esebita bhala Dok CP4 gie moqri '*M. Ghadha kif inqratlek l-istqarrija li inti rrilaxxjajt mal-pulizija nhar l-4 ta' Lulju 2008. inti din tikkonfermaha? T. iva nikkonfermaha. M. Trid tibdel, tnaqqas jew zzid xi haga minn dak li ghadni kif qrajtlek? T. Le. M. Ara Kevin, qabel ma rrilaxxjajt din l-istqarrija li ghadni kif semmejtlek u propjament meta l-pulizija arrestawk minn gewwa darek dak inhar tal-incident, inti ghiditlhom li dak inhar tal-incident stess, il-mara kienet qaltlek li hekk kif jispiccaw l-ezamijiet it-tfal, din kienet ser titilqek. Dan tiftakar li ghidtu lill-pulizia dan id-diskors u jekk iva, ghaliex u x'hin qaltlek hekk? T. Lili ma qaltlix dan id-diskors direttament. pero' b'diskorsha kienet taghtini x'nifhem li kienet ser taghmel hekk. Jekk ghidt hekk mal-pulizija dak inhar forsi ma spjegajtx ruhi sew. Hi kienet taghtini x'nifhem biss li kienet ser taghmel hekk. M. Dak inhar tal-incident fuq il-post, inti ghidt lill-pulizija wkoll li kien ilkom ghaddejin b'din l-istorja inti u l-mara u ghiditlhom ukoll xi kliem fis-sens li fl-ahhar 'sibt iz-zbiba.' Tista tghidilna naqa x'ridt tfisser b'dan id-diskors? T. Ma niftakarx li ghidt hekk. Dak il-hin ma kontx qed inhossni sew. M. Trid zzid xi haga ohra llum ma din l-isqarrija? T. Le sir.'*

Huwa kkonferma z-zewg stqarrijiet bil-gurament. Ikkonferma li kien ghaddej minn depression. Xehed dwar kopja ta' certifikat mediku li kien bis-sick leave dak inhar tal-incident ghax ma felahx imur ghax-xoghol u ghandu formola originali tas-sieghat li beda jaghtih leave Dr. David Casar mill-isptar. Huwa ghadu taht il-kura ta' Dr. David Cassar. Dawn gew immarkati bhala Dok KG1 u KG2. Meta dahal Mount Carmel Hospital, jissejjah bhala leave biex jitlaq mill-isptar. Ikkonferma li fid-dokument hemm miktub li beda jinghata leave permission tlett sieghat kuljum ghal tlett darbiet fil-gimgha u hemm id-dati umbghad zdiedet sitt sieghat fil-gurnata ghal tlett (3) darbiet u seba' (7) sieghat ghal tlett darbiet fil-gimgha. Fil-kumplament tal-hinijiet ma jkunx on leave ikun l-Isptar Mount Carmel. Dwar li hemm f'data tat-tlieta

(3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) '*transferred to MW3A*' qal li hi Male ward 3A u ghadu hemm sal-lum il-gurnata. Ghadu inpatienti bl-iskema tal-leave. Ikkonferma li fejn hemm miktub *4 days leave at a time, (sleep at mother's home) 16/12.2010* hija sitwazzjoni li bdiet fis-16 ta' Dicembru 2010 u ghadha fis-sehh sa llum. Mistoqsi kellux sesswalment problema mal-mara qal '*Yes jiena kont waqajt f'depression u sesswalment iva kelli problema biex ikolli x'naqsam mal-mara*'. Kienet ila fuq tlett (3) xhur qabel l-incident. Ikkonferma li kellu erectile problem f'dawk it-tlett (3) xhur. Ma kienx semmieha fl-istqarrija ghax kien qed ihossu skomdu. Jghid li ghadu jhobbha hafna lil mara. Fuq mistoqsija tal-Qorti wiegeb li gimgha qabel il-kaz rah it-tabib Dr. David Cassar. Mistoqsi li ma kienx fuq pilloli wiegeb '*No no, kemm il-mara, kemm huti, kemm ommi, il-familja kollha qaluli biex mmur nara psikjatra u jiena pirmli f'hajti qatt ma hadt u bdejt nahseb li din giet wehedha u titlaq wehedha. Sa frattant gharrali ghax waqajt f'depression vera ikrah*'.

L-**Ispettur Joseph Hearsey** xehed fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn qal li huwa stazzjonat id-Depot. Lill-imputat ilu jafu erbgha u ghoxrin (24) sena. Dahlu fil-pulizija flimkien, ghamlu l-kors flimkien, kienu johorgu fi klikka flimkien u kien anke mar it-tieg tieghu jafu sew. Apparti li kienu jahdmu flimkien, kien johorgu anke man-nisa wara li zzewweg u baqgghu hbieb regolari ghalkemm ix-xhud ghamel zmien nieqes mit-traffic ghax Kevin dejjem traffic pero' minn 1990 sa 1996 kien stazzjonat it-traffic u kien is-surgent ta' Kevin u kienu jahdmu flmkien ukoll u fil-2004 rega' gie staazzjoni bhala Spettur it-traffic u kien l-ispettur tieghu. Mill-2004 sa meta gara l-kaz fl-2008 kienu gieli anke meta kellu bzonn driver ghal filghaxija meta kien ikun night patrol, kien jiehu lilu. Ghal habta ta' April, Mejju 2008 kien qed jara hafna tibdil f'Kevin u shabu l-istess kienu jigu jghidulu '*isma Kevin fejn is-soltu dejjem ferhan u dejjem jidhaq u dejjem idahaqqna. Kont bghatt ghalih u bdejna nitkellmu u ghidtlu Kev apparti li nahdmu flimkien ahna kollegi speci u hbieb. Lil Jackie nafha sew u staqsejtu x'ghandu ghax fejn is-soltu kien jigi jarani hekk meta jidhol l-ufficcju, meta jidhol ghax-xoghol, ma kienx qed jigi. U shabu bdew jghiduli li qed jaqta ghalih fejn speci dejjem maghha. U qalli ghax qed indahhal f'mohhi li Jackie ghandha lil haddiehor. Ghidtlu imma Kev ghamiltilha xi ghassa jew rajt lil xi hadd jew sibt lil xi hadd jew ma gietx id-dar wara x-xoghol? Kif qed tissuspetta hekk? Qalli le le pero' qed nifissa li Jackie ghandha lil haddiehor. Ghidtlu imma hawn hafna affarijiet x'tista taghmel, taghmlilha l-*

*ghassa u mhux taqbad suspett hekk ghax qed nara hafna tibdil fih. Kevin kif qed tarah llum pero' dak iz-zmien kien nizel mhux hazin bhala piz. U baqa jinsisti li qed jiffissa li Jackie ghandha lil haddiehor. Staqsejtu kif nista nghinu. Qalli li kellu apputnament mal-Kummissarju ghax apparentament din il-problema tieghu kienet waslet anke ghand il-Kummissarju.*' Ma jafx kienx Kevin li talab jew inkella kellimx lill-Kummissarju haddiehor ma jiftkarx pero' kien qallu li ghandu appuntament mal-Kummissarju minhabba din il-problema. Pero' ma jafx kienx kellmu l-Kummissarju sakemm gara l-kaz jew le, ma jiftakarx. pero' Kevin kien tbiddel hafna. Il-hin kollu jidhak u jdahhakhom u jorganizzaw ikliet l'hawn u l'hemm u hiergin anke dawra u f'daqqa wahda kien tbiddel kompletament, kien '*a different person*'. Mistoqsi jekk baqghux johorgu u x'kienet l-aspett socjali tas-sitwazzjoni jekk kien hemm tibdil qal li dak iz-zmien maghhom le ghax dejjem qisu ma ghandux mohh. '*Kevin kien jidhol ghax-xoghol per ezempju wara nofsinhar fit-3.00pm u ma nghidlekx jibqa gej l-ufficcju tieghi imma ftit hin wara, xi hin qabel ma johrog fuq barra kien jigi l-ufficcju jew jghidli jekk rridx xi kafe jew xi haga. Jew jghidli xi haga fuq il-familja. Lil Kevin nafu bhala ragel tal-familja. Dejjem jitkellem fuq it-tfal u fuq Jackie u fejn marru u x'ser jaghmlu u forsi ser isiefru u meta ser niltaqghu u meta ha mmorru bit-tfal hemm u meta ha mmorru naraw hekk pero' dak il-perjodu ta' April May 2008 qisu he was up to nothing. Tghidlu x'tghidlu, kien qisu cass. Minn hemm bdejna ninnutaw ahna. Fejn dejjem jidhaq u hekk kien jidhol dejjem qisu long face u hekk u speci all right kulhadd ikollu problemi imma this went on too long.*' Sa fejn jaf hu kien jirraporta ghax-xoghol, ix-xhud spjega kif kien jahdem is-shift u li Kevin ma kienx irid jithallat bhala ma dejjem jafuh.

Il-lejl ta' qabel l-incident kien night patrol. L-ghada ma kienx ser jidhol pero' cemplulu u qalulu x'gara. Kien mar mill-ewwel l-isptar u lehaq lil Jackie diehla l-isptar u kien hemm missierha, ohtha u ommha u speci kien naqra xxukjat x'gara u ma garax. Imbghad mar il-polyclinic ta' Rahal il-Gdid ghax qalulu li Kevin qieghed hemm u kien mar ikellmu hemm pero' l-istess '*blank. Inkellmu u jhares lejja u la iva u la le u xejn*'. Meta jghid blank irid ifisser li no response '*Kev x'gara? X'garalek? Kif wasslet ghal hekk? U xejn*'. Qal li kemm dam responsabbli ghal Kevin fix-xoghol kemm bhala surgent u kemm bhala spettur, qatt ma kellu problema bih, jigifieri meta kien hemm kien jibghat ghal certu nies jghilhom li qed jaqtghu lura fix-xoghol u kif gabu daqshekk biss xoghol dan ix-xahar izda Kevin qatt ma kellu problema bih. Ix-

xoghol dejjem ghamlu. Jekk tibghatu x'imkien ha jmur. Jekk qieghed sal-hin, fil-10:45 tarah diehel pero' l-hin jaghmlu. Complaints minghand in-nies qatt ma kellu.

Meta kien baghat ghalih kien xi Mejju. Meta kien jarah cass, almenu kien ikelmu. Kien jghidlu '*Kevin speci toqghodx tiffissa. Jekk ghandek taghmel xi haga ghamilha pero' l-bqija speci ser timrad int u kont nibza wkoll ghax dan ix-xoghol tieghu kien bil-mutur. Niftakar darba zgur kont ghidtlu Kev halli l-mutur hawn ha nwassluk. Kien jghidli le le I'm all right. pero' meta mort dak inhar tal-polyclinic lanqas kellimna. Issa ahna we are more colleagues, all right superjur tieghu pero' iktar kollegi. Qed nghidlek kelli 40 nies tahti dak iz-zmien u jekk rrid lil xi hadd biex isuqni filghaxija, kont naqla lilu. Lil Jackie nafha sew. Konna nohorgu u mmorru nieklu u mmorru parties. I could tell the difference mill-ewwel. Kevin dejjem jidhaq, anke speci thares lejh jaqbad jidhaq. Gieli ghal xi cucata. Dejjem hekk kien Kevin u dejjem hekk nafuh.*' Qal li '*everyday problems kulhadd ikollu pero' dejjem qed nghidlek jitkellem fuq it-tfal u fuq Jackie u fejn marru fil-weekend u x'ghamlu. Dejjem bhala famillja. Qatt ma taghni x'nifhem li kien hemm xi problemi serji hlief meta kont bghatt ghalih hlief meta kont bghatt ghalih u qalli li qed jiffissa li Jackie ghandha lil haddiehor.*' Jghid li '*Dhaqtha ghax l-ewwel nies lil Jackie nafha u bhal ma qed nghidu, all right ma tista tahlef ghal hadd, pero' kif kont narahom hekk, as a fmaily, propja family. Speci ghalhekk dhaqtha speci ghidtlu Jackie? pero' hu kien diga' qisu imferfex hafna hekk. U dik li ma kienx jidhak kienet dejjqitni hafna ghax jien qed nghidlek lil Kevin dejjem nafu u dejjem nidhqu.*'

**Dr Ethel Felice** xehdet fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) u qalet li hi consultant psychiatrist u ila tahdem f'dan ix-xoghol bhala consultant minn 2002 u fil-psychiatry minn 1986, gradwata mill-Universita ta' Malta u ghandha BC Psych mill-University of London. Ikkonfermat li kienet giet nominata bhala esperta mill-Qorti dak inhar tal-incident fejn marret id-Depot biex tezaminah u tirrelata dwar l-istat mentali tieghu. Kellha ordni biex tibqa ssegwieh qisu darba fix-xahar. Meta rat lis-Sur Galea kien koperattiv, koherenti u orjentat ghal dak li huwa post, persuna u hin. Il-memorja kienet tajba, anzi naqra elevata, kemm ma dak li hu ricenti u dak li hu boghod u l-intelligenza tieghu hija fil-limiti normali. Xehdet li qal '*li dawn l-ahhar 3 xhur dahallu hsieb dwar martu li kellha xi kuntatt ma haddiehor u hu rreagixxa billi waqa' fi dwejjaq kbar u f'luminazzjonijiet kontinwi biex joqghodilha ghassa u interpreta kull avveniment jew mossa li tikkonfermalu li dak li haseb ghandu mill-verita. Hi nnegat*

*imma kollu ghal xejn ghax baqa' jinsisti u jghassilha'*. Ir-rapport qieghed a fol 164. Hu kien indikat li jidhol l-isptar psikjatriku ghax dak iz-zmien ma kienx l-isptar u imbghad kien hemm id-domanda jekk jistax jigi ntervistat mill-pulizija. Ikkonermat li kienet qalet li jidher car li psikjatrikament l-imputat huwa taht deluzjoni paranoide mmirata lejn persuna wahda u ghalhekk kien indikat li jittiehed taht osservazzjoni.

Qalet li fl-opinjonni taghha meta hi ezaminatu sabet li ma kienx kapaci dak iz-zmien li jaghmel din il-volere u intendere. Ikkonfermat li fi kliem l-Avukat difensur '*he could not come to a reasoned judgment*' u spjegat li '*Ghax dan kien that il-hsieb li din kienet qed taqlibielu u kien jemminha. Dak iz-zmien hu dan il-hsieb kien jemmnu u barra minn hekk wkoll kellu l-effett tieghu. Kien imdejjaq u kien hemm is-sintomi bijolgici ta' dwejjaq. Ma kienx jiekol, ma kienx johrog, ma kienx jista' jikkoncentra. Lanqas ix-xoghol, xoghol ma kellux kwiet, kien imur jara fejn qeghda. Jigifieri dan kollox, il-hsieb tieghu li l-mara qed taqlibielu ha over. Jigifieri dan kien il-hin kollu jahseb fuq dan il-hsieb, u jemmen dan il-hsieb ghax kieku ma temminx ma toqghodx tibqa' ghassa tal-mara tieghek. U dan il-hsieb nafu li kkaguna kemm l-imgieba tieghu u kemm il-mod kif ohossu u kien imdejjaq hafna'*. Ikkonferma li dawn l-affarijiet qalhomla dak inhar, kienet kitbet verbatim x'qalilha. Mistoqsija kellux mard mentali jew psikjatriku dak il-hin, wiegbet li '*jiena nemmen li kellu dak il-hin. Ghax dan mhux il-bierah qam u haseb li l-mara qed taqlibielu u mar u ghamel hekk. Dan kien ilu 3 xhur sejjer biha. Jigifieri dan kien hsieb li rega' gie u rega' gie. U mhux talli kien hsieb imma talli dan il-hsieb, ahna jkollna hsibijiet kultant li jigu fuqna imma dan il-hsieb emmnu. Mela dan inti temmen xi haga u inti tipprva ssib il-provi u dan hekk prova jaghmel. Allura kien ikellem lil ohtha, kien jiffolowjaha, kien icemplillha, kien jiccekjaha, jigifieri dan l-agir tiehu u l-imgieba tieghu, kienet ghal hsieb li kien qed jigih. Dan gieh hsieb u emmnu u meta inti temmen xi haga, dak hu li ahna nghidulu deluzjoni, a false belief*'. Ikkonfermat li l-false belief '*made him sick*'. Ikkonfermat li tielef hafna piz, ma kienx qed jiekol u ma kienx qed jorqod bil-lejl u kien ihossu mdejjaq. Anke l-mod li kien qed jinterpreta l-espressjonijiet taghha, hu kien qed jahseb li ghax qed taghmel wicc trist ifisser li ma tridx lilu u dan kien qed jinterpeta hekk kollox li kien qed jigri. Interpreta din li qed jigri b'mod kif kien qed tahseb. Spjegat '*Mela jekk jiena nilbes nuccali iswed, ser nara kollox iswed u dan hu l-mod kif qed jara l-affarijiet. Il-mod kif kien qed jara l-affarijiet kienu qed ifissru ghalih li dak li kien qed jahseb huwa realta.*' Ikkonfermat li judgment '*was impelled*'. Ikkonfermat li kien clouded u skorett. Qalet li '*Deluzjoni*

*mhux bil-fors tkun xi haga barra minn hawn. I mean jista' jkun hemm xi verita fiha imma ovja jiena dak il-hin ma jkunx naf jekk hemmx verita fiha jew le. Imma l-mod kif hu jemminha u hu jahseb fuqha, u jiffolowja u jaghmel dak kollox li qed taghmel u jara fejn qeghda u jiccekkja u kollox, dik tirrifletti li hija out of proportion ma dak li hu realta. U b'hekk hu din wasslitu biex hu wasal ghal dak li ghamel. U hafna drabi meta jigri hekk, ahna noqghodu hafna attenti ghax nafu li tant tkun qawwija din li jistghu jaslu. U infati meta kien l-isptar anke access biex jara lill-mara tieghu qatt ma kellu sakemm hu kien ghadda z-zmien u ha l-kura li kellu bzonn.*' Qalet li damet issegwieh. Ma kinitx qed tikkurah. Il-kura kien tahielu Dr. David Cassar imma hi kienet qed issegwieh biex tara naqra kif inhu. Qalet li tah tip ta' anti psychotics li dak iz-zmien kienu qed jghinuh ghax kienu qed inaqqsulu l-hsibijiet tieghu.

Mistoqsija li Dr. Joe Vella Baldacchino, Dr. Joe Debono u Dr. George Mifsud li wkoll kienu gew nominati, il-konkluzjoni taghhom kienet li dak li kien ghaddej minnu l-akkuzat, kien biss stress emozzjonali u li ma kienx fi stat ta' genn fit-termini tal-ligi u li kellu l-kapacita' kemm di intendere e di volore peress li dawn raw li l-istatement tieghu 'was sort of coordinated in some way' wiegbet li '*ma jfissirx li l-affarijiet li jghidu dejjem ikunu inkoherenti. I mean hafna drabi meta tisma xi hadd li jahseb hazin jew ikollu tip ta' gelosija, ikun koherenti ghax hu jispjegalek ezatt x'gara u ma garax. Jiena ghalija ma jfissirx, kien hemm sintomi wkoll, jekk ahnainharsu lejn id-depressjoni, ma kienx imdejjaq biss. Hafna drabi nkunu imdejjwin ahna imma jrid ikun hemm certu sintomi biex ahna naghmlu daiagnsis ta' depression. U kien hemm dawn is-sintomi wkoll, secondary ghall-hsieb li kellu.*' Ikkonfermat li kien hemm hsieb li sar ossessjoni. Qalet '*Dan kellu trigger. Hu qal 'Dan beda l-ahhar tliet xhur wara li sibt messagg fuq il-mobile tal-mara tieghi. Dahalli suspett.' Jigifieri dik ttigerrjat lid an beda jahseb hazin fiha.*'

Mistoqsija '*Issa huma qalu li l-fatt li dak il-messagg kien verament sar, allura ma jfissirx li speci he was mad, he was not capable, mhux kapaci di intendere e volere. Ghax speci dak il-messagg verament sar. pero' r-reazzjoni tieghu ghal dak il-messagg u kif beda jiinterpeta kollox wara dak il-messagg, kien normali? Kien b'mod san?*' Wiegbet '*Le ghall-mod kif rreagixxa, jekk inti ser ssib messagg bhal dan, jiddependi wkoll fuq il-karattru tieghek u fuq il-mod kif inti tinterpreta l-affarijiet. Il-mod kif hu rreagixxa kien juri bic-car li hu hadha bi kbira hafna u dahal f'suspett. Mela jekk inti jidhollok suspett, dan hadem fuq is-suspett. u dan*

*il-hsieb ha over...*' Mistoqsija '*Jigifieri kkontrollalu mohhu?*' wiegbet '*Kollox. Jghid 'kull cans li kelli ghal dawn l-ahhar 3 xhur, mort hdejha.*' *Jigifieri dan tant kien cert mis-suspett li prova minn kollox li jkun hdejha, 'biex nipprova ingib l-imhabba taghha.*' Qalet li ha sick leave ghax ma kienx jista' jikkoncentra fuq ix-xoghol '*Jigifieri dan lanqas seta*' *jahdem fuq xi haga ohra hlief fuq dak is-suspett*'. Qalet li tista tghidilha '*an overvalued idea.*' Qalet ghax id-dipressjoni nsibuha wkoll. Qalet li dak l-hin dan hu l-mod kif ra l-affarijiet. Ma rahiex b'mod kif jista' jara l-affarijiet imma kien imdejjaq, kien b'dan il-hsieb li dak il-hin, hu li gietu huwa li mhix tieghu iktar ghax kien hemm dan il-hsieb. Ikkonfermat meta l-Avukat difensur issugeriet li qisu bhal meta tara tnejn qed jitkellmu u b'mod deluzjonali tahseb li qed jitkellmu fuqek, li qed jghidu kontra tieghek, li qed jipprovaw ifixkluk. Ir-reazzjoni ta' x'taghmel u ma taghmilx ghal dan il-hsieb huwa differenti skond il-persuna li tkun. Il-mod kif wiehed jahseb kien estrem u dan geghlu jaghmel dak li ghamel. Ikkonfermat li ma kienx kapaci jikkontrolla dak il-hsieb u lanqas l-agir tieghu. Qalet '*Le ma kienx ghax kieku ma kienx jaghmel l-agir li kien qed jaghmel. U meta jkun hemm dan il-hsieb, dan huwa li jbezghani. Li jaslu li jaghmlu xi haga li jwegghu lil haddiehor minhabba dan il-hsieb. Jigifieri din hija haga li ahna ma nehduhiex lightly ghax jistghu jaslu ghal haga ohra*'. Mistoqsija '*U nonostante li qalu dawn it-tliet psikjatri, li hu kien ghaddej minn stress emozjonali, ma kienx fi stat ta' genn fit-termini tal-ligi u li kellu l-kapacita d'intendere u volere, inti li rajtu dak inhar, inti you maintain that?*' wiegbet '*Yes*'. Mistoqsija '*you stick to what you said?*' wiegbet 'Yes'.

Moqrija l-konkluzjonijiet tat-tlett psikjatri, spjegat li '*Jiena li ma naqbilx, vera kien hemm stress u kien hemm trigger. Issa jekk kienx vera jew le, hafna drabi ma nehudhiex fuq jekk kienx hemm vera sms jew le. imma dik il-mod kifhu interpreta dak il-messagg kien eccessiv, tant hu li din haditlu hajtu. Haditlu kull aspett ta' hajtu. U meta ahna nitkellmu meta rajtu, jigifieri kien hemm affarijiet bijologici ohra barra l-hsieb, juri li kien hemm affarijiet li jiena fit-termini taghna nistghu nispjegawha bhala mard mentali. Issa l-mod kif thares lejha hija differenti mill-mod kif inhares lejha jiena u inti u l-mod li jharsu lejha l-esperti. Issa l-mod li l-messagg vera kien hemm, bhala ma ghidt inti, dawn kienu qed jitkellmu, veru kienu qed jitkellmu, veru kienu qed jiccajtaw. Veita hafna drabi jista' jkun hemm imma l-mod kif tinterpreta dan l-att u kif jirreagixxi turi li dan ma kienx f'sensieh fit-terminu tal-ligi*'.

Ikkonfermat li hi ratu dak inhar. Mistoqsi jekk kienx kapaci jikkontrolla l-hsieb u l-agir tieghu wiegbet '*Jiena meta rajtu dak inhar nghid u nibqa nghid li ma kienx kapaci. U jiena infatti dahhaltu l-isptar mentali u ma bghattux il-habs. Ghax fl-istat li kien, ma kienx f'posizzjoni li dan ikun il-habs ghax kien hemm periklu li dan seta' jaghmel xi haga lilu nnifsu wara li jinduna li kien ddispjacieh talli ghamel. Ghalhekk dahal l-isptar u dam l-isptar u kien hemm rehabilitation. U anke sakemm rega' kellem lill-mara tieghu, damu hafna xhur qabel ma kienu fil-presenza ta' xulxin minghajr ma jkun hemm xi hadd prezenti maghhom*'. Ikkonfermat li tiftakar li qalilha li ghandu family history ta' depression. Qalet '*nghidu li jkun hemm iktar tendenza li taqbad lil xi hadd minnhom jekk hemm family history. Issa kif ssir ma nafux ezatti imma hemm it-tendenza. U I mean, ovja kien very cooperative dak inhar. Ma kienx daqshekk ecitat li ma stajtx inkelmu u meta dahhluh l-isptar wkoll kien obda u ha l-kura li kellu bzonn. Ma kienx hemm rezistenza min-naha tieghu.*' Ikkonfermat li '*he wanted help and he was also sorry ghall-agir tieghu li ghamel. U hafna drabi insibiha din, li jiddispjaciehom ghal dak li ghamel. Imma hu stess qalli, 'ghamilt l-ghar lejl ta' hajti ghax ma stajtx norqod. Dalghodu qabel ma wassalt lit-tfal kelli dexgha u kont imdejjaq hafna.' Jigifieri anke dak inhar stess kien hemm bidla u kien hemm bidla qawwija. 'Meta allura mort lura d-dar kelli biza' kbira li titlaqni. Hassejt pressjoni f'rasi. Xaqq l-gharaq ghalija. Rajt dalma u qbadtha minn ghonqha.*'' Qalet li dan ifisser li dak il-hin vera kien taht l-influwenza tal-mod kif kien qed ihossu. Ikkonfermat li l-hsieb ma kienx ko relatat ma-verita ghax kieku vera kien imdejjaq, kieku hemm dik il-biza li hi ser taqlibielu, issa jekk kintix jew le ma dahlitx fiha ghax dak il-hin lilha ma kelmitiex. Imma l-mod kif raha hu. Hafna drabi huma mhux ir-realta jezaminaw imma l-percessjoni kif jaraha l-persuna. Il-mod kif taraha hi, hi differenti kif jaraha hu ezempju. Ikkonfermat li dak il-hin ma setax jirrazzjonalizza. Ikkonfermat li kollox urieha li kienet korretta fir-rapport taghha.

Il-**Psikjatra David Cassar** xehed fis-seduta tat-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn qal li l-ewwel darba li ltaqa' ma Kevin Galea kien it-Tnejn ta' qabel ma gara l-incident. Kien rah l-outpatietns l-isptar Mater Dei b'urgenza. L-ewwel darba li sar jaf fuq il-kaz kien il-Hamis ta' qabel, tlett'ijiem qabel cemplulu l-familja inkwetati ferm fuq is-sitwazzjoni. Meta cemplulu membri tal-familja, gharaf is-serjeta tas-sitwazzjoni u qalilhom lest li jigi l-lejla. Il-persuna li cemplitlu hi Rose Galea li hija iz-zija tal-mara ta' Kevin Galea u hija psikologa jigifieri hija

professjonista ta' sahha mentali li kienet preokkupata hafna. Meta spjegatlu l-kaz, hu gharaf is-serjeta' ta' sitwazzjoni. Hi spjegat li n-neputija taghha u Kevin Galea kienu mizzewgin, kien ikollhom problemi kbar bejniethom fejn r-ragel tan-neputija taghha kien qed jghid li kellha relazzjoni ma persuna ohra. Hu gharaf dan il-kaz bhala kaz serju fix-xoghol tieghu minhabba l-implikazzjonijiet li jistghu jizviluppaw. Qal li l-avveniment kif kienu qed jizviluppaw l-affarijiet li kienu qed jinghadu, il-mod li gie deskritt ghalih, kien car li kien hemm sitwazzjoni serja. Bhala professjonista mhabbat hafna u biex jinqala u mmur, jekk mhux sejjer zball Wied il-Ghajn mhux cajta. Il-fatt li kien lest li jaghmilha, kien preokkupat sew fuq is-sitwazjoni. Kien preokkupat professjonalment. Mistoqsi x'qaltlu, wiegeb li ilu xi sitta jew seba' snin u ma jistax jiftakar id-dettalji. Qalulu li kellhom ikellmu lil familja biex hu jmur. Izjed tard cemplitlu u qaltlu '*Dr Cassar, qaltli isma l-familja tkellimna maghhom u ghal issa jippreferu li ma tigix id-dar u narawk malajr kemm jista' jkun. Dan kien il-gimgha filghodu u qaltli jekk inhallu l-weekend jghaddi u nigu l-outpatients, inti all right ghalik? Ghidtilha jiena koncernat imma Rose Galea ma tistax tikkmanda lill-familja x'jaghmu u ma jaghmlux u qaltli ghax huma qed ihossu li jippreferu jigu l-outpatients u ser jistennew. Jiena lis-sinjur, jiena jkolli outpatients tqil hafna u ghidtilhom jigu ghall-habta ta' nofsinhar halli jkolli l-hin mieghu. U gie it-Tnejn wara nofsinhar. U rajtu xin-12:30pm. Ghamilt tal-inqas siegha mieghu ghax kont koncernat hafna hafna hafna fuq dan il-kaz. Ghaliex kont koncernat? Ghax fl-esplorazzjoni psikjatrika tieghi, imbghad jiena sibt evidenza cara kristall fejn jiena nista nghid li dan il-persuna huwa psikotiku, mhux f'kuntatt mar-realta. Kellu deluzjonijiet ta' infedelta u kellu wkoll, mhux biss deluzjonijiet ta' infedelta imma kellu wkoll dak li ahna nghidulu sudden dillusional perception jew sudden dillusional percept. Dillusion percept tfisser li inti tara persuna jaghmel azzjoni inokwa u inti tinterpreta b'mod deluzjonali, b'mod assolut, li inti cert li dik il-haga inokwa tfisser xi haga reali, personali ghalik li ghandha a very intense special meaning. U jiena niftakar, avolja issa ghadda hafna snin, lil Kevin jispjegali. Ezempju jara pulizija jirkeb fuq mutur u l-fatt li pulizija li huwa pulizija li jahdem bil-mutur, il-fatt li ra lil dan il-pulizija jirkeb il-mutur tieghu fit-tali hin, ifisser li dan zgur kellu relazzjoni mal-mara tieghu. That is a sudden dillusional perception. That is a first rank symptom of schizophrenia. And of that I am absolute. Qed nitkellem bhala psikjatra bit-training kollu tieghi. Jiena psikjatra li ilni minn 1989 psikjatra*'. Ghall-appuntament gie mal-mara u tkellem quddiem il-mara tieghu u jekk jiftakar tajjeb kellmu wkoll wahdu. Xehed li '*Imma jiena kont koncernat hafna. Minhabba is-sudden dillusional*

*perception li huwa first rank symptom ta' schizophrenia u sussgwentement Kevin dahal that il-kura tieghi u ghadu that il-kura tieghi sa llum bil-kura li qed naghtih jien, jiena kont cert li Kevin kien marid serjament. Il-kundizzjoni tieghu taqa' that ir-rubrika ta' morbid jealous. Morbid jealosy hija syndrome li tista tkun kawza ta' hafna kundizzjonijiet. Mhix kawza ta' haga wahda. Fil-kaz ta' Kevin, schizophrenia tista tikkawza morbid jealousy u jiena cert u qed nghidha taht gurament, jiena cert 100% li Kevin ghandu schizophrenia. Jiena kont koncernat hafna hafna hafna ghas-safety tal-mara tieghu. Wahda mir-ragunijiet li jiena domt daqshekk ma Kevin, tapprezzaw li ahna jkollna 60 pazjent gewwa l-outpatients u ma jkollix cans naghmel siegha ma kull pazjent. Imma biex naghmel siegha ma pazjent it shows how worried and concerned I was. U jiena esplorajt u esplorajt biex inkun mohhi mistrieh li huwa safe ghax jiena fejn tidhol issue ta' safety, jiena ghandi obbligu li l-persuna ndahhlu l-isptar. Esplorajt u esplorajt u esplorajt. Is-soltu kazijiet ta' morbid jealousy, meta jisplodu l-affarijiet u jkun hemm tragedja, tkun ilha gejja l-haga. Tkun ilek tarah snin lill-persuna u f'daqqa wahda tigi. Dan kien l-ewwel darba li qed narah lil dan l-individwu. Naf li ghandi bzonn li jafdani u naf li ghandi bzonn li l-mara tafdani. Ma rridx li naghmel affarijiet li nitlef il-fiducja taghhom pero' fl-istess hin ghandi obbligu kbir fuq safety. U esplorajt fuq li esplorajt biex inkun cert u niftakar lil Kevin bid-dmugh f'ghajnejh, jghidli 'jiena mmiss lill-mara tieghi? Jiena kif nista mmiss lill-mara tieghi. Dik il-mara tieghi. Zgur minix ser immissha.'* Xehed li dan huwa bilanc li mhux facli fix-xoghol tieghu imma dak il-hin '*hassejt li considering all the aspects, kont ser nerga narah il-gimgha ta' wara, u ghidt ok rridek tiehu din il-kura. Lill-mara spjegajtilha ir-riskji. Il-mara wkoll jekk niftakar sew ma riditx li Kevin jidhol l-isptar. Probabbli kellimt kemm lil Kevin wahdu u kemm lilha wehedha. U hi ma riditx li hu jidhol l-isptar u jiena bghattu d-dar. With the proviso li jekk jinqala xi haga mill-ewwel ghandhom jikkuntattjawni. Imbghad minghalija kien l-Erbgha filghodu li nqala l-incident. Wara l-incident Kevin ngab l-isptar mill-Pulizija.*' Qal li dan kien l-unika kaz li kellu fejn potenzjalment kien hemm omicidju. Qal li '*Il-kura li tajt kienet pillola antipsychotic, jigifieri li wiehed juza f'kazijiet ta' psikosi. F'dan il-kaz, id-dijanjosi ta' schizophrenia, ahna ma naghmluhiex at one point in time. Naghmluha over a period of 3 years halli wiehed jara l-andament. Ghax li taghmel dijanjosi ta' schizphrenia l-ewwel darba li tara pazjent tista taghmillu hsara kbira. Imma ghalija gewwa fija kont car kristall li Kevin kien schizophenic minhabba is-sudden dillusional perception u t-treatment li tajtu kienet treatment ghal schizophrenia.*' Li hi '*a disease of the brain. The mind is the way we think. Schizophrenia is a disease of the brain where you have brain change*'. Spjega li '*The mind is the way we think and that depends on our past experiences, it depends on our attitude, on the way we see*

*things. But the brain is the organ. Now schizophrenia is a disorder of the organ. There is brain change. There is chemical change in the brain and there is biological nerve change of the brain.*'

Spjega li '*it effects the way that you think and in the case of shizophrenia, a dillusion is a false unshakeable belief. It is out of keeping with culture it is out of keeping with upbringing. Jigifieri dan you can sit down with a person who has dillusion and talk until the cows come home. Ma tistax tikser illusion. It is unshakeable by definition.*' Hu kkonferma li taffetwa l-mohh. Fil-maggoranza tal-kazijiet tkun kundizzjoni genetika. Kevin ghandu *family history* ta' mard mentali wkoll. Qal li fil-maggoranza tal-kazijiet tkun genetika imma tohrog wara l-eta' ta' 18-il sena. Hafna drabi bejn 18 u 45 sena. Tista tohrog wahedha. Hafna drabi jkun hemm *major life event*, jinqala xi haga u l-istress f'persuna li ghandha tendenza genetika ghaliha, tohrog il-kundizzjoni. Bhal bniedem li ghandu tendenza ghal dijabete ghax ghandu genituri bid-dijabete, u kellu l-inkwiet u hariglu.

Xehed li lil Kevin kien diga' rah l-isptar Mater Dei u li ingieb l-isptar Mount Carmel u Kevin dahal taht il-kura tieghu u ghadu taht il-kura tieghu sal-lum. Bdielu *antipsyhotic medication*, beda josservah ghal perjodu frekwenti, jarah darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha hu jew it-*team* tiehu biex jara l-andament tieghu bit-*treatment* li qed jiehu. Ghal perjodu ta' zmien, Kevin beda jizviluppa *insight* fil-kundizzjoni tieghu. L-ewwel bdew telqin d-deluzjonijiet imma l-*insight* damet ma giet. Pero' biz-zmien bil-mod il-mod zviluppa izjed u izjed *insight* fejn beda jgharaf lil-hsieb tieghu u dak li kien gara kien tragedja li hu wera hafna rimors u dispjacir. Sa dan it-tant hu hadem mal-mara tieghu ukoll u mat-tfal ghax jaghti support lill-familja kollha. Lil Kevin ghal perjodu ta' zmien trasferih minn *acute ward* ghal *long stay ward.* Bil-mod il-mod beda jibghatu bil-*leave*. L-ewwel ghal ftit sieghat, umbghad ghal nofs ta' nhar u imghad hhal nofs ta' nhari fost il-gimgha u llum Kevin ilu barra mill-Isptar ghal perjodu twil hafna. Jghix barra u jigi l-isptar '*jarana intermittently biex ahna niccekjaw l-andament tiehu. U Kevin ghadu fuq il-kura.*'

Ma jafx jekk rahx qabel jew wara Dr. Felice izda kien ghadu psikotiku ezatt bl-istess mod li kien rah l-granet ta' qabel ghax il-psikosi ma taqbadx u tmur. Kien *distressed,*

anzjuz imma wiehed irid jifhem dak fil-kuntest kemm tal-event fih inifsu u l-mod li zviluppa li hu kien pulizija u shabu l-pulizija gabuh l-Isptar, dahluh l-isptar u l-implikazzjonijiet kollha li dak kien ifisser ghalih. Moqri parti mill-istqarrija tal-imputat, qal li meta bniedem ikollu emozzjonijet intensi hafna, fil-kuntest ta' dawk l-emzjonijiet intensi, wiehed zgur jista' jitlef il-kontrol. Avolja lil Kevin kien ilu jafu jumejn u kien ilu jaf bil-kaz mill-Hamis ta' qabel, jiftakar car li Kevin kien ilu minimu ta' 8 xhur bil-problemi bejniethom imma possiilment anke izjed. Spjega li meta ma dahhlux l-isptar, dik zgur kienet wahda mill-fatturi li taghha weighting, '*jigifieri mhux beda jahseb hazin illum, tant kien hazin li listen it is going to happen today.*' Ghax dawn kienu ilhom minimu ta' 8 xhur ghaddejin u possibilment izjed imma ma jistax jiftakar, ghaddejin bil-problemi bejniethom. Dak iz-zmien kollu ta' intensita u emozjoni, dak iz-zmien kollu ta' distress, iz-zwieg huwa wiehed mill-izjed affarijiet specjali ghall-bniedem, ir-relationship hi wahda mill-izjed affarijiet li persuna jghozz '*u li inti tkun qed thoss li martek mhix tieghek u li martek possibilment qed tmur ma haddiehor u ser titlef zwieg, ser titlef il-familja, ser titlef dak kollu li tant huwa ghaziz ghalik u li investejt fih f'hajtek, over a long period, increases the intensity of yur emotion in a very major way.*' Kien *build up* sakemm Kevin tilef il-kontroll. Qal li '*very intense emotions can lead to a dissociated state.*' Qal li '*l-mohh jaqta' jigifieri the person is no longer in touch with himself. Bniedem li jkun dissociated jaqbdu l-ajruplan u jmorru l-Amerka u jispicaw Kennedy airport u f'daqqa wahda jghidu jiena x'qed naghmel hawn u ma jkunux jafu kif waslu. That is a dissociated state. Imma issa dan mhux schizophrenia, even in anxiety disorders. And anxiety disorders are much milder than schizophrenia. So anxiety in its own right, stress in its own right, can stop the mind to stop functioning properly in diverse ways. U din id-dalma is definitely explainable at that level.* '

Spjega li '*id-deskrizzjoni tieghek ta' meta staqsewh inti din ppjanajtha u ridt taghmilha, reminds me very clearly Kevin on Monday meta rajtu jiena l-outpatients Mater Dei, meta jiena qed nesplora mieghu kemm inti perikoluz ghal martek, kemm tista tasal li ttaghmlilha xi haga u kemm tista tasal li tweggaghha u kemm tista tasal li toqtolha u Kevin jghidli dawk l-affarijiet bid-dmugh niezel ma wiccu. So that is genuine. Hemm hekk jiena nemmen li dak li kien qed jghid, kien qed jghidu ghax vera emmnu. Ma kienx qed ipprova jghaddi lill-pulzija biz-zmien ghax jiena li minix pulizija u kont qed nesplora fil-fond bil-kapacitajiet tieghi ta' psikjatra, lili kkonincieni li he really loved her and cared for her and would not harm her...*'

Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk id-dalma jassocjaha ma *intense emotions* iktar milli *schizophrenia* wiegeb '*Intense emotions in the context of schizophrenia. Kien ilu 8 xhur jahseb hazin u ghax kien qed jahseb hazin kien qed jimmagina li z-zwieg ser jispicca. Issa jiena imbghad naf li kien hemm problemi ohrajn ghax jiena imbghad naf li, ghax jiena tkellimt hafna fit-tul mal-mara tieghu u niftakar li kien hemm sms jew email li kien sabilha li kien preokkupat fuqha. Imma dak trid tifmhu fil-kuntest ta' koppja li kienu ilhom bil-probemi. Il-mara tieghu ma kinitx qed ssib il-wens li kellha bzonn fiz-zwieg ghax kien qed ikollhom il-problemi bejniethom u kien hemm sa inappropriate emails li ntbghatu li Kevin izjed preokkupawh. Imma fil-fond ta' dan kollu, what fuelled all this, what was the substraight underneath, was his illness. So his psychiatric disorder, his brain disrdermw as making him think an inappropriate very terrifying way ghalih li ser jitlef kollox and that caused him anxiety and distress.*' Mistoqsi mill-Avukat difensur '*B'mod li allura the mind is disassociated u dik hija d-dalma*' wiegeb iva.

Fit-trattazzjoni orali quddiem l-Ewwel Qorti giet prezentata sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur George Cremona) v. Pauline Vella</u>**'[5].

Fis-seduta ta' quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali ta' nhar is-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) xehed **Dr. David Cassar** li qal li l-kaz ta' Kevin Galea ghal professjonalist bhalu huwa kaz li ma tista' tinsa qatt. Kien ircieva telefonata kien il-Hamis minn zija tal-mara ta' Kevin Galea li hija psikologa li tahdem mieghu taf lix-xhud sew. Qaltlu li inkwetata hafna fuq din il-persuna ghax jidher li huwa ma jiflahx. Spjegatlu l-kaz fuq it-telefone, il-persuna jisimha Rose Galea u qalilha li inkwetat hafna u li ghandu bzonn jarah mill-aktar fiss possibli. Qalilha li jekk mhux lest jigi, lest li jinzel hu. Jekk mhux sejjer zball kien Birzebbugia jew Marsascala il-boghod ghalih izda jiftakar li inkwieta sew fuq it-telefon. Cemplitlu lura u qaltlu li l-familja jhossu li jistghu joqghodu mieghu ghal ftit granet pero' jekk tista' tarah mill-aktar fiss u kien rah l-ewwel outpatients u mhuwiex cert jekk Mater Dei jew St. Lukes. Kien it-Tnejn u kien car kristal li Kevin kien marid serjament. Ghalih kien psikotiku b'deluzzjonijiet ta' infedelta' u kelllu s-sintomu li kien qallu, qallu Kevin kien pulizija u kien jara l-kollega tieghu kif jirkeb il-mutur tieghu u mill-mod li jirkeb

[5] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru, 2011 (Appell Civili Numru. 42/2007/1)

il-mutur tieghu kien car ghalih li kien qed jaghtih messagg li martu qed taqlibielu. Dik jghidulha a dilunisional percept, jigifieri tara xi haga u tinterpreta b'mod deluzjonali u b'referenza ghalik. Xehed li ghandu zewg kotba bibbji tal-psikjatrija, wiehed miktub minn Andrew Sims li huwa kien il-president tar-Royal College of Psychiatrists li jghid hekk: '*Dilusional Percept: When the person receives a normal perception which is interpeted with dilusional meaning and has immens personal significance. This is a first rank symptom of schizophrenia.*' Dak huwa l-ktieb Symtoms in the Mind ta' Andrew Sims. Hemm ktieb rakkomandat mill-Royal College of Psychiatrists li jghid: '*It is generally held that primary dilusional experiences are diagnostic of schizophrenia. The dillusional apofenis perception*'.... '*is the attribution of a new meaning usually in the sense of self reference to a normally perceived object and this is considered a first rank symptom of schizophrenia.*' Kien cert li Kevin kien ma jiflahx sew u ried li Kevin jidhol l-isptar. Kevin b'sahha ma riedx jidhol l-isptar, kien hemm il-mara tieghu spjega s-sitwazzjoni lil mara tieghu, spjegala ir-riskju lill-mara tieghu u l-mara tieghu ddecidiet li tixtieq taghtih cans iehor u zzommu d-dar. Bdielu l-kura immedjatament ghall-psikozi u qalilhom jergghu jigu wara gimgha, ma qallux jigi wara xahar jew xahrejn. Kien verament inkwetat fuq is-sitwazzjoni. Xehed li l-ghada gara l-kaz. Jghid '*Thankfully l-eżitu tal-każ ma kienx terminali*' Jghid li ma jistax ma jinsihx. Fil-bidu Kevin Galea kien intbghat taht il-kura ta' Dr. Etile Felice u wara ammont zghir ta' zmien, wara ftit gimgha Dr. Felice ghax kienet taf li Kevin kien diga' rah kienet baghtitu taht idejh. Kevin ilu taht idejh ghal izjed minn ghaxar (10) snin. Jarawh regolari l-isptar, qed jiehu l-ghola doza ta' antipsycotic jisimha risperdal consta. Bhala prattika meta jkunu mohhom mistireh li persuna tajjeb bizzejjed inaqsulu d-doza. Kull meta naqsulu d-doza lil Kevin, sussegwentement kellhom jergghu iziduwielu. Ma huwiex qed jiehu pilloli, qed jiehu injection u qed jiehu pilloli ohrajn biex jghinuh ghall-anzjeta ghax ic-cirkostanzi ta' hajtu gabulu hafna anzjeta wkoll, imma qed jiehu medicina antipsychotic fil-forma ta' injection kull gimghatejn apposta biex huma jkunu certi mija fil-mija li qed tinghata ghax pillola jista' ma jehhodix imma injection irid jigi ghaliha u jekk ma jigix ikunu jafu jekk ma hadix u dik biex ikunu certi li jibqa' jiehu l-kura kif suppost. Ghal ghaxar (10) snin dejjem kellu jzomm din il-prattika u dejjem kellu jzomm l-ghola doza minhabba certu riskji.

Mistoqsi dwar il-kapacita' *di intendere e volere* f'dak iz-zmien ta' meta gara l-kaz, wiegeb '*Jiena ċert mija fil-mija li Kevin dak il-ħin kien marid u nemmen b'mod qawwi li Kevin jibqa' f'riskju li jerġa' jimrad u għalhekk qed jieħu d-doża ta' mediċini li qed jieħu u minhiex qed nilgħab, mhux qed natih doża żgħira, qed nagħtih l-għola doża ta' risperdal consta.*' Kopji tal-partijiet tal-kotba li x-xhud ghamel referenza ghalihom inghataw lil Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. L-appellant kien Pulizija mizzewweg lil vittma Jacqueline Susan Galea[6] u kellhom zewgt' itfal. Lejliet l-incident huma kellhom l-erbatax (14) anniversarju taz-zwieg taghhom;

2. L-appellant kienet zvillupatlu impotenza sesswali. Xhur qabel l-incident, jirrizulta li l-appellant beda jinghalaq fih innifsu u kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-kopja. Jacqueline Susan Galea kienet ammettiet mieghu li kienet qed taghmel komunikazzjoni ma' ohrajn permezz ta' *chatting* bil-*computer.* Sussegwentement l-appellant kien anke sab messagg fejn martu kienet qieghda tikkomunika ma' ragel;

3. Illi l-appellant beda jissuspetta li l-mara kellha relazzjoni ma haddiehor u kien beda jissorveljalha l-messaggi fuq il-mobile u kien jinnota li kien jonqsilha l-kreditu ghalkemm kienet tghid li la kienet tkun cemplet u lanqas baghtet messaggi.

4. Jacqueline Susan Galea tghid li l-appellant tlett (3) darbiet hedded li jaghmel suwicidju;

5. Jacqueline Susan Galea talbet l-ghajnuna ta' psikjatra u qalet lill-appellant li riedet tkellem psikjatra ghal problemi taghha u dan biex l-appellant jakkumpanjaha kif ghamel izda fil-verita' l-appuntament kien ghalih;

[6] Xi kultant indikata bhala Jacqueline Galea jew Jackie Galea.

6. Dr. David Cassar fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) iddecieda li ma jospitalizzax lill-appellant izda kien ippreskriva pilloli. Tlett'ijiem wara, fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) sehh li l-appellant prova jghallaq lil martu;

7. Kien l-appellant li cempel lill-ambulanza u lil Pulizija u ta' l-ewwel ghajnuna lil martu;

8. L-appellant ghamel snin jirisjedi Mount Carmel u ghadu sal-lum il-gurnata jattendi regolarment u jiehu l-kura.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt issib lill-appellant hati taz-zewg reati msemmija fil-paragrafu (a) tar-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali, u cioe' kemm tar-reat kontemplat fl-artikolu 211(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrigwarda tentattiv ta' omicidju volontarju bil-kwalifika indikata fl-artikolu 41(1)(b) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fir-reat kontemplat fl-artikoli 214 u 216(1)(a) tal-istess Kodici rigwardanti offiza volontarja ta' natura gravi. Skont l-appellant jidher li l-Qorti giet zgwidata mill-Avukat Generali bil-mod kif gew indikati l-artikoli meta indikahom f'paragrafu wiehed b'mod li ta' x'jifhem li kien jaddebita reat wiehed u mhux zewg reati distinti u necessarjament alternattivi ghal xulxin.

Jissottometti li r-reat ta' tentattiv ta' omicidju jirrikjedi intenzjoni specifika senjatament il-hsieb li toqtol persuna jew li tqieghed il-hajja ta' dik il-persuna f'perikolu car. Mill-banda l-ohra l-intenzjoni rikjesta ghar-reat ta' offiza fuq il-persuna hija wahda generika in kwantu mhux definita fil-ligi. Jissottometti li z-zewg reati ghandhom ezistenza awtonoma li ma jistghu qatt jikkoezistu meta jemanu mill-istess att. Meta l-perpetratur jikkommetti l-att, l-element formali tieghu jkun jew l-animus necandi (fl-omicidju volontarju jew fit-tentattiv ta' omicidju volontarju) jew l-animus nocendi (fl-offiza volontarja fuq il-persuna). Jissottometti li d-dezistenza volontarja (artikolu 41(1)(b)) ma tissostitwix retroattivament dak li kien l-element formali tar-reat de quo fil-waqt tal-kommissjoni tieghu. Ghalhekk fil-mument li l-appellant ikkommetta l-att li jifga lil martu huwa kellu l-hsieb li joqtol jew li jqieghed

il-hajja taghha f'perikolu car. L-artikolu 214 jipprovdi li sabiex jigi kommess ir-reat kontemplat, ma jridx ikun hemm il-hsieb li wiehed joqtol jew iqieghed il-hajja f'periklu car altrimenti l-agent ikun passibbli ghal reat iktar gravi.

L-appellant jissottometti li l-unici reati indikati mill-Avukat Generali fl-imsemmi rinviju huma dawk kontemplati fl-artikolu 214 abbinat mal-artikolu 216(1)(a) u l-artikolu 141. L-ahhar reat ma ghandux ezistenza awtonoma in kwantu jiddependi fuq sejbien ta' htija f'reat iehor. Ghalhekk l-appellant ma setghax jinstab hati tar-reat ta' offiza volontarja, kellu jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant gie akkuzat '*Talli nhar s-26 ta' Gunju, 2008, ghall-habta tad-disgha ta' filghodu, f'Marsaskala, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Jacqueline Susan Galea f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu;*' kif ukoll l-akkuza rigwardanti li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Illi l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju, senjatament fl-ewwel paragrafu dehrlu li tista' tinstab htija '*fl-artikoli 41(1)(b), 211(1)(2), 214 u 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*' filwaqt li indika artikoli ohra f'paragrafi separati inkluz l-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ossia fil-parti disposittiva provdiet li '*il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(b), 211(1)(2), 214, 216(1)(a) u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, <u>issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli</u>, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva.*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti) Ordnat ukoll il-hlas tad-drittijiet tal-esperti *ai termini* tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-Ewwel Qorti kienet qieghda ssib htija '*tar-reati kontemplati*' fl-artikoli indikati u cioe' l-artikoli 41(1)(b), 211(1), 211(2)[7], 214, 216(1)(a) u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti tibda' billi taghmel referenza ghall-artikolu 211(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*(1) Kull min jinsab ħati ta' omiċidju volontarju jeħel il-piena ta' priġunerija għal għomru.*

*(2) Hu ħati ta' omiċidju volontarju kull min, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, jikkaġunalha l-mewt.*'

L-artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li '*Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*'

Filwaqt li l-artikolu 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi ghal meta offiza fuq persuna titqies bhala gravi u dan fosthom meta:

'*(a) jekk tista' ġġib periklu -*
*(i) tal-ħajja; jew*
*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ*'

Il-Qorti fis-sentenza appellata qieset li:

'*Dwar il-meritu, huwa ammess mill-imputat stess li huwa pprova jghallaq lil martu, pero' jirrizulta ampjament mill-provi li iddezista volontarjament milli jikkonsma r-reat. Irrizulta wkoll mill-provi li l-imputat kien ufficjal tal-pulizija meta ikkommetta dan ir-reat.*

*Konsegwentement, l-imputat hu hati ta' attentat ta' omicidju volontarju, aggravat bil-fatt li dan ir-reat gie kommess meta hu kien ufficjal tal-Pulizija.*'

---
[7] Li l-Avukat Generali u l-Ewwel Qorti jindikaw bhala 211(1)(2).

Jirrizulta li filwaqt li fil-kunsiderazzjonijiet taghha, l-Ewwel Qorti ikkunsidrat li kienet qieghda ssib lill-appellant hati ta' attentat ta' omicidju volontarju aggravat bil-fatt li dan ir-reat gie kommess meta hu kien ufficjal tal-Pulizija, meta giet biex tindika l-artikoli fil-parti disposittiva tas-sentenza, indikat ukoll l-artikoli rigwardanti l-offiza volontarja fuq il-persuna.

L-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu issottometta li l-appellant kien akkuzat u misjub hati ta' attentat ta' omicidju volontarju u li kien biss peress li ddezista volontarjament li gew indikati kemm l-artikolu 214 u l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre, l-Avukat Generali issottometta li mhux minnu li l-Avukat Generali ipprospetta zewg reati distinti izda li r-reat ta' griehi ta' natura gravi gie prospettat biss *ai fini* ta' piena stante li ddezista volontarjament u ghalhekk gie kkundannat ghal dak li kien lehaq ghamel.

Din il-Qorti taqbel mal-appellant li filwaqt li r-reat taht l-artikolu 211(2) jehtieg l-intenzjoni specifika ossia l-*animus necandi* jigifieri il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' dik il-persuna fil-periklu, l-artikolu 214 rigwardanti l-offiza fuq il-persuna jeskludi l-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu u ghalhekk jirrikjedi biss intenzjoni generika. In oltre, l-artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda l-elementi tar-reat ta' offiza fuq il-persuna u ma jitkellimx dwar piena, filwaqt li l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula l-piena u jipprovdi wkoll ghal meta l-offiza fuq il-persuna ghandha titqies bhala gravi.

Dwar id-differenza fl-intenzjoni mehtiega, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci'**[8] fejn gie kkunsidrat:

*'Issa, ghalkemm l-appellant ma hux jilmenta b'xi mod mill-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, galadarba huwa qed jikkontendi li l-provi kienu juru bic-car li l-intenzjoni tieghu ma kinitx li joqtol lil Anna Kok (jew li jqeghdilha l-hajja taghha f'perikolu car) izda kienet biss dik li jaghmlilha hsara fuq il-persuna taghha, din il-Qorti hi obbligata li tezamina mhux biss il-provi kollha, izda wkoll l- indirizz tal-Imhallef li ppresjeda l-guri biex tara jekk kienx hemm*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Lulju, 2004 (Numru 12/1998)

*xi haga f'dak l-indirizz li seta' zgwida lill-gurati, u dan tenut kont tal-fatt li hawn si tratta ta' linja ta' demarkazzjoni fina bejn l-intenzjoni specifika omicida (l-animus necandi) u l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara lill-persuna (l-animus nocendi).'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Falzon'**[9] gie kkunsidrat li:

'*Nonostante c-cahda sussegwenti ta' l-appellant li ried joqtol lil martu, cahda li jirrepeti meta xehed waqt il-guri, il-punti suelenkati kienu sufficjenti biex il-gurati setghu jaslu ghall-konkluzjoni li l-appellant kellu verament animus necandi. Ta' min jghid illi din il-Qorti tqis pjuttost inverosimili illi persuna tmur armata b'revolver semplicement biex "twegga'" persuna ohra. Revolver hija arma idoneja biex toqtol – bhalma kien ir-revolver illi l- appellant uza (ara xiehda ta' l-espert ballistiku) – u l- appellant kien sahansitra ippruvaha ftit gimghat qabel u anke hedded li sejjer joqtol lil Lourdes Falzon f'okkazjonijiet precedenti.*'

Din il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghal provi kollha prodotti, sejra tissenjala uhud mill-prova li jikkonfermaw jekk l-intenzjoni tal-appellant kienitx dik li joqtol jew ipoggi l-hajja ta' martu fil-periklu jew jekk l-intenzjoni kinitx dik generika li jaghmel hsara fuq il-persuna taghha.

Dr Ethel Felice li giet mahtura fl-inkjesta skont ma jirrizulta mir-rapport li jinsab fil-process verbal a fol 115 ta' din il-kawza ossia a fol 23 tal-process-verbal, invistat lill-appellant dak in-nhar wara li sehh l-incident u rraportat li l-appellant qalilha '*Ghamilt l-aghar lejl ta' hajti ghax ma stajtx norqod. Dal-ghodu qabel ma wassalt it-tfal kelli deghxa u kont mdejjaq hafna.*
*Mort lura id-dar, kelli biza kbira li titlaqni u li qed taghmel hekk biex nitlaq mid-dar, hassejt pressjoni f'ras, xaqq l-gharaq ghalija, rajt dalma u qbadttha minn ghonqha. Ma kontx naf x'qed naghmel. Gejt f'daqqa wahda f'tieghi u cempilt il-pulizija u l-ambulanza...*' Skont l-istqarrija rilaxxata mill-appellant fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008), huwa spjega li '*Dak in nhar tal-incident u coe fis-26 ta' Gunju 2008, qomna filghodu, mort inwassal lit-tifla u n-neputijiet l-iskola u kif wasalt id-dar kont imxarrab ghasra bil-gharaq. Qalbi bdiet thabbat hafna, naf li poggejt hdejn il-mara fil-kamra tas-sodda u ergajt pprovajt nibda nkellimha biex nirrangaw. Hi qaltli: "I have to go to work...I can't stay here and I'm tired of hearing the same discussions." Imbaghad marret tkompli xi haga*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Settembru, 2006 (Numru 16/2002)

*fil-kamra tal-banju u bdiet taghmel xagharha. Dak il-hin, minn gewwa l-kamra tal-banju, qalet xi haga li ma niftakarx x'kienet pero' kienet xi haga li taghtni x'nifhem li qed indejjaqha hafna, gietni bhal dalma kbira quddiem ghajnejja, dhalt fil-kamra tal-banju, qbadtha b'idi u sibt ruhi fuqha ma l-art. Dak il-hin ma kelli xejn f'idi imbaghad fl-istess dalma li gietni quddiem ghajnejja, gie f'idi ic-charger tal-mobile phone u dawwartulha ma ghonqha ukoll. F'dan il-waqt gejt qisni f'tieghi u ndunajt x'kont qed naghmel b'idi. Ergajt nehhejt il-wire ta-charger minn ma ghonqha, bdejt nghajjat le le le Jackie inhobbok u x'qed naghmel b'idejja u mort nigri ncempel lill-ambulanza u lill-pulizija. Ftit wara, cempilt lill-ohtha ukoll li toqghod fl-istess blokk ta' appartamenti. Minn dak il-hin l'hemm, sa kemm waslet l-assistenza, jien bqajt hdejha, nghannaqha, inxarrbilha wiccha u nghidilha kemm inhobbha....'* Meta mistoqsi '*Ara nghidx sew li dak in nhar tas-26 ta' Gunju 2008 inti mort ppreparat id-dar biex jekk ma tirrangax is-sitwazzjoni ma l-mara, inti kont lest taghmillha dak li fil-fatt ghamiltilha. Veru dan?*' wiegeb '*Dan zgur li le. Ma nafx kif ha naqbad nispjega ruhi kif graw l-affarijiet dak il-hin ghax anqas jien stess ma naf zgur li lanqas kelli cans nahseb x'ser naghmel b'idi. Kieku kelli ic-cans nahseb u kieku kelli ic-cans imqar nahseb fit-tfal u fl-4 snin servizz li baqghali, jien zgur li ma kontx nasal naghmel hekk...*' Ikkonferma li l-wire tal-mobile phone li dawwar ma ghonq il-mara ghaddieh lil pulizija minn kexxun tal-kamra tal-kcina. Mistoqsi kif spicca hemm wara l-incident wiegeb li '*Waqt l-incident ma naf kif gie f'idi. pero' li naf zgur li wara l-incident, nehhejtu minn ma ghonq il-mara u jien stess poggejtu f'dak il-kexxun.*'

L-Ispettur Jesmond Borg fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) xehed li '*fis-26 ta' Gunju 2008, ircevejt telefonata minghand PS 1330 Alexander Schembri fejn infurmani li kien niezel lejn Wied il-Ghajn mill-ghassa ta' Haz Zabbar peress li kien ghadu kemm cempillu certu Kevin Galea li nzertajna nafuh peress li huwa kuntistabbli wkoll u kien qallu fuq it-telefon li kien pprova jifga lill-mara tieghu.*' PS 1330 Alexander Schembri fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) xehed li kif wasal kellem lill-appellant fejn '*Kien qalli li kien pprova joqtol lill-mara tieghu. Kien wrieni fejn qeghda mill-ewwel u ghena wkoll indawwruha fir-recovery position.*' Skont ir-rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 43 u mmarkat bhal Dok.AS jipprovdi fost rapportagg iehor li '*Illum 26 ta' Gunju 2008 fid-9:02HRS, il-Pulizija ta' Haz-Zabbar cioe WPC 8 Stephanie Glanville irceviet telefonata fuq il-linja ta' l-extension mill-GHQ ghal*

*Haz-Zabbar li fiha certu Kevin Galea (PC 1476) talab l-assistenza tal-Pulizija u Stqarr-Ejjewmalajr ghax kont ser noqtol lil mara...'*

WPC 8 Stephanie Glanville fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) xehdet li '*Fis-26 ta' Gunju 2008 kont stazzjonata l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zabbar. Ghall-habta tad-9:00am daqq it-telefon rrispondejtu jiena u kien xi hadd b'lehen maskili fejn qalli 'Ejjew malajr ghax kont ser noqtol lill-mara.'*

Jacqueline Galea li xehdet quddiem Dr. Anthony Cutajar fl-inkjesta nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) spjegat li '*all of a sudden, my husband came from behind me in the bathroom, and if I can remember well he put one of his arms around my neck and started pressing hard trying to strangle me and I asked him 'why are you doing this ?' and all of a sudden, I lost consciousness and do not remember anything else.*' Meta Jacqueline Galea xehdet quddiem it-tlett esperti psikatrici nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) spjegat li '*Jien dhalt fil kamra tas-sodda biex inlesti ghax-xoghol. Ergajt mort lura lejn il bathroom u sibt lil Kevin bil-qeghda kokka, b'idejh it- tnejn maqudin ponn u ma sidru, u wiccu kien jidher (really evil), fil fatt ghalija kien jidher qiesu x-xitan.*' Spjegat li '*Wiccu kollu kien tal-biza. Dak il hin ma rajt l-ebda affarijiet li ma jappartjenux lil bathroom. Jiena x'hin rajtu hemm ghidtlu Kev, xil marelli qed taghmel. Hu ma qal xejn imma fil-pront qabez ghal fuqi b'mod selvagg qiesu tigra*'. Kompliet '*Malli qabez fuqi jiena waqajt ma l-art. Ma kien hemm l-ebda diskors bejnietna. Fis split second hu kien gharkobtejh fuqi u ma stajtx nitkellem u bdejt inhossu kien qed jifgani. Kull ma stajt naghmel hu li naghti b'idi u b'sieqi ghax ma stajtx nitkellem. Ftit mument wara intlift minn sensija u ma niftakar xejn izjed hlief li meta qomt sibt ruhi fl'intensive therapy unit ta' l-isptar Mater Dei.*' Tnizzel ukoll li '*Ghal mistoqsija ta' l-esperti dwar jekk xi hin f'dak in nhar tal incident hu marx jghannaqha waqt li kient qed taghmel xaghra. Jiena nichad kategorikament li hu ghamel dan jew xi haga simili. Ix-xhud izied li hi qatt ma tibrushja xagharha u ma kien hemm l-ebda hin fejn gie jannaqni jew ibusni. Ghal mistoqsija ohra ta' l-espert ix-xhud tiddikkjara li qatt ma iccargjaw il-batterija tal-mobile fil- bathroom tant hu hekk li l-anqas m'hemm plakka fil-bathroom.*'

Minn naha l-ohra meta l-appellant xehed quddiem it-tlett esperti psikjatrici fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) spjega li '*Il-gurnata kienet 26 ta'*

*Gunju, 2008. Jien kont id-dar, ghax kont qieghed bis-sick leave ghax kont qed inbghati minn depression. Kelli halqi xott u nitriehed. Malli qomt kont imdejjaq hafna minhabba il-hsiebijiet koroh li kelli fuq il-mara u li kienu qed ikidduni ferm, i.e. hsiebijiet li ghandha wicc haddiehor*'. Spjega '*Hadt shower biex forsi nigi f'tieghi u wassalt it-tfal l-iskola bhal ma naghmel is-soltu waqt li l-mara baqghat id-dar. X'hin irritornajt, id-dar kien hemm il-mara u oht il-mara. Jiena ghidilhom li ma kontx qed inhossni sew. Kelli dwejjaq kbar fl-istonku tieghi u mohhi ried jispara bil hsiebijiet li kelli. Ohtha irrakomandatli biex imur naghmel mixja imma jiena ma flahtx immur nimxi. ohtha telqet lura id-dar. Ghal habta tad-disa neqsin ghoxrin, waqt li l-mara kienet qed tlesti ghax xoghol. Hi qaltli << I can take it no more>>*' Xehed ukoll li '*X'hin smajt hekk, jigifieri << I can take it no more>>jien infqajt nibki minhabba li kont naf li minn hawn u ftit iehor se titlaq lejn ix-xoghol u nispicca wahdi*'. Qal li '*Waqt li hi kienet qed taghmel xaghra quddiem il-mera jien mort warajha u mort nannaqha u nbusa. Dak il hin jien hassejt li qed indejjaqa u gieni hsieb li nohrog mill kamra tal-banju imma ma stajtx. Ftit mumenti wara qbaddtha minn ghonqa bl-intenzjoni li nohrogha mieghi. Billi kont qed nafasha, hi ma setghetx titkellem. Kont qed naghfasha bil goff u ahna waqajna it tnejn mal-art*'. Qal li '*Malli waqajt mal art apparentament sibt il wire tac-charger qrib ghonqha u apparentament dawwartulha ma ghonqha u ippruvajt nifgaha bih. Malli gejt f'sensija nara il mara mitlufa minn sensijha pero' kont cert li qed tiehu n-nifs. Jiena infqajt nibki u bdejt naghti fuq wicci u fuq sidri u esklamajt 'Madonna x'ghamilt b'idejja'. Jiena ghidt hekk ghax indunajt li kont wegghajtha. Ftit sekondi wara jien mort nigri incempel lil ambulanza u immedjatament wara, cempilt ukoll lil pulizija. Imbaghad wara mort nigri lura lejn il mara biex naghtiha l-ghajnuna. jien u sejjer lejn il mara zlaqt quddiem il mera tal kurutur. X'hin rajt lili innifsi fil-mera, id-dehra ta' wicci kienet tal biza. Il kulur ta' wicci kien qiesu fl-ahdar...*' L-appellant fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) kien ikkonferma l-istqarrijiet rilaxxati minnu.

Illi ghalkemm jirrizultaw divergenzi bejn ix-xhieda tal-appellant u dik tal-vittma, mill-provi kollha prodotti kemm mill-prosekuzzjoni u d-difiza jirrizulta car li l-intenzjoni tal-appellant ma kinitx dik generika ossia li jikkawza griehi fuq martu izda l-intenzjoni specifika li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' martu f'periklu. Kif gie diversi drabi ritenut mill-Qrati ta' Malta, id-demarkazzjoni bejn l-*animus necandi* u l-*animus nocendi* hija wahda sottili li l-gudikant ghandu jqis il-provi kollha prodotti inkluz il-mezz uzat sabiex jigi kommess ir-reat. F'dan il-kaz, huwa ammess li l-

appellant prova jifga lil martu fejn uza wire ta' charger tal-mobile u ghalhekk jirrizulta b'mod car li dak li sehh ma kienx intiz sabiex jikkawza griehi fuq il-persuna ta' martu izda kien kjarament intiz sabiex joqtol jew ipoggi l-hajja f'periklu taghha.

Gialadarba, l-appellant iddezista volontarjament milli jikkonsma d-delitt, din il-Qorti trid tikkunsidra ukoll l-atti li l-appellant lehaq ghamel. Rigwardanti l-offiza sofferta mill-parte leza, Dr Jonathan Joslin li rrilaxxa certifikat mediku fid-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fix-xhieda tieghu ta' nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) li kien invista lil parti leza spjega li '*L-injuries jigu ta' natura gravi*', u mistoqsi jekk il-kaz baqax isegwieh hu wiegeb li kien mar jaraha l-ghada. Xehed ukoll li '*Li kien hemm tajjeb huwa li l-anoxic brain injury kienu riversibbli minhabba li tajnieha l-ossignu. Fil-fatt kellimtha l-ghada u l-fatt li tajnieha l-ossignu hadna hsieb ic-cirkolazzjoni ta' l-ossignu fejn il-mohh, fil-fatt l-injuries ma baqghux permanenti. Ma rajthiex wara l-ghada...*' Din il-Qorti taghmel referenza ghar-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri a fol 144 et sequitur fejn fost numru ta' kunsiderazzjonijiet ikkunsidra il-kondizzjoni taghha kienet wahda stabbli, baqghet stabbli, tjiebet u eventwalment giet licenzjata mill-isptar. Fost numru ta' konkluzjonijiet, ikkonkluda li '*l-kondizzjoni ta'* ***Galea*** *meta din iddahhlet l-isptar Mater Dei kienet wahda kritika u kieku ma sarx intervent immedjat din certament kienet tmut.*' Id-difiza fit-trattazzjoni taghha quddiem l-Ewwel Qorti skont dak li jirrizulta mit-traskrizzjoni ssottomettiet ukoll li t-tabib Dr. Jonathan Joslyn fl-ebda stadju ma jghid li l-mara tal-akkuzat kienet f'perikolu tal-hajja u li lanqas ma jirrizulta li baqgha xi sfregju jew xi mankament. Taghmel referenza ukoll ghal dak li jghid Dr Mario Scerri fir-rapport tieghu li kienet f'perikolu tal-hajja pero' d-difiza tissottometti li ma tafx '*minn fejn hadha din*'u l-difiza tahseb li ghaliex meta bniedemm imur l-ITU dejjem jghidu ghax fil-periklu tal-haajja pero' mhux neccessarjament kienu f'periklu tal-hajja. Din il-Qorti izda taqbel mal-Ewwel Qorti li l-griehi kienu ta' natura gravi kif jippostula l-artikolu 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ossia li tista' ggib periklu tal-hajja u dan tenut kont tal-konkluzzjoni fir-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta li sabet lill-appellant hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u li kkunsidrat il-griehi sofferti bhala gravi taht l-artikolu

216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dak li din il-Qorti issa sejra tikkunsidra huwa l-fatt li l-Ewwel Qorti fid-*decide* iccitat ukoll l-artikoli 214 u 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta kienet qieghda ssibu hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju. Skont l-appellant, l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija tar-reat kontemplat fl-artikolu 211(1)(2) u tar-reati taht l-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Meta wiehed jaqra s-sentenza appellata, fil-parti iddedikata ghal kunsiderazzjonijiet dwar il-piena, wiehed jikkonferma r-raguni li taghhom gew iccitati l-artikoli 214 u 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Filfatt l-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni li l-imputat iddezista volontarjament milli jikkonsma d-delitt u ghalhekk ikkunsidrat li *ai termini* tal-Artikolu 41 tal-Kodici Kriminali huwa kellu jehel biss il-piena ghall-atti li lehaq ghamel u cioe' ta' griehi ta' natura gravi. Minkejja li fil-fehma ta' din il-Qorti kien bizzejjed li l-Ewwel Qorti ssemmi l-artikoli 41(1)(b), 211(1) u 211(2)[10], 216(1)(a) u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk ma kien hemm l-ebda bzonn illi jissemma l-artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gialadarba dan jippostula reat rigwardanti l-offiza volontarja fuq il-persuna u ma jistupulax piena, izda dan bl-ebda mod ma jfisser li l-Qorti kienet qieghda ssibu hati kemm ta' attentat ta' qtil kif ukoll tar-reat tal-hsara volontarja fuq il-persuna izda kienet qieghda ssibu hati ta' tenattiv ta' omicidju volontarju aggravat bil-fatt li kien ufficjal tal-Pulizija u li stante li ddezista volontarjament, kienet qieghda tapplika l-piena ghal dak li kien lehaq ghamel u cioe' griehi ta' natura gravi *ai termini* tal-artikolu 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk kif korrettament issottometta l-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu, l-indikazzjoni tal-artikoli 214 u 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienu indikattivi ta' dak li l-appellant lehaq ghamel, ossia griehi ta' natura gravi. Kif ikkonstata l-espert Dottor Mario Scerri, jirrizulta li bl-eghmil tieghu, l-imputat qieghed il-hajja ta' Jacqueline Galea fil-perikolu tal-mewt u ghalhekk l-Ewwel Qorti gustament ikkwotat l-artikolu 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress li kkunsidrat li ghandu jehel pieni ghal ferita gravi ai termini tal-Artikolu 216(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellant fejn jissottometti li *'l-unici reati indikati mill-Avukat Generali fl-imsemmi*

---

[10] Li l-Avukat Generali u l-Ewwel Qorti tindika bhala 211(1)(2).

*rinviju huma dawk kontemplati fl-artikolu 214 abbinat ma' l-artikolu 216(1)(a) u l-artikolu 141. Dan l-ahhar "reat" ma ghandux ezistenza awtonoma in kwantu jiddependi fuq sejbien ta' htija f'reat iehor. Ghalhekk, galadarba li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-esponent ma setghax jinstab haati tar-reat ta' offiza volontarja, kellu jigu lliberat mil-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.'* Jirrizulta kjarament li l-Avukat Generali apparti li indika l-artikolu 211(1) u l-artikolu 211(2)[11] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, indika ukoll l-artikolu 216(1)(a) bhala indikazzjoni tal-att li l-appellant lehaq ikkometta u ta' liema ghandu jinghata l-piena.

Ghalhekk filwaqt li l-element formali tal-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car ma jigix nieqes bil-fatt li l-appellant waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena li ghandha tinghata hija dik ghall-atti li huwa lehaq ghamel u dan kif wara kollox jipprovdi l-artikolu 41(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Jesmond Micallef vs David Zammit Gauci'**[12] fejn gie kkunsidrat:

*'Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b'zewg imputazzjonijiet. Permezz tal-ewwel imputazzjoni huwa jinsab addeitat bl-imputazzjoni ta' attentat ta' omicidju. Waqt it-trattazzjoni finali d-Difiza ssottomettiet li din il-Qorti ma tistghax tiddeciedi dwar din l-imputazzjoni stante li trattandosi ta' attentat ta omicidju fejn il-piena applikabbli hija aktar minn ghaxar snin tesorbita l-kompetenza ta' din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Il-Qorti tirrileva li l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu tal-20 ta' Lulju 2010 indika l-Artikolu 41(1)(b) u mhux l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-*

**41.** *(1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort'oħra, -*

*(b) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena għall-atti li jkun laħaq għamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-liġi.*

[11] Li l-Avukat Generali u l-Ewwel Qorti tindika bhala 211(1)(2).
[12] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-4 ta' Novembru, 2011 (Numru: 540/2009)

*Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz irrizulta minghajr ebda dubju dettat mir-raguni li l-imputat David Zammit Gauci agredixxa lil zijuh Michael Zammit Gauci waqt li dan tal-ahhar kien rieqed fis-sodda u tah daqqiet ta' martell u mbaghad kompla jaghtih bil-ponn. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-istess vittma izda wkoll mill- istqarrija tal-imputat li kkonferma wkoll li huwa waqaf jaghtih bil-martell ghaliex l-istess martell inkiser. Mill-provi izda rrizulta wkoll li kien l-istess imputat li malli rrealizza x'kien qed jaghmel waqaf u ghalhekk huwa ghandu jitqies li ddezista volontarjament milli jkompli jagredixxi lill-vittma u fil-fatt kien huwa stess li cempel ghall-ghajnuna. Il-Qorti jidrilha ghalhekk li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l- aggressjoni maghmula mill-imputat fuq il-vittma kienet tammonta ghal-attentat ta' qtil liema attentat waqaf ghaliex l-istess imputat ghazel li jiddesisti volontarjament milli jkompi jikkonsma d-delitt. Kif gie specifikat aktar 'il fuq l-Artikolu 41(1)(b) tal-Kodici Kriminali jindika li f'dawn il- kazijiet fejn l-imputat jieqaf minn rajh milli jkompli jikkonsma d-delitt meta jinstab hati huwa ghandu jehel il- piena ghall-atti li jkun lahaq ghamel jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi. Fil-kaz in dizamina rrizulta li l-imputat fil-fatt lahaq ikkaguna griehi ta' natura gravi per durata fuq il-vittma u dan jirrizulta mir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Scerri u mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Josef Zahra. Mill-istess rapport tal-espert mediku jirrizulta li l-griehi sofferti mill-vittma kienu gravi per durata u li ghalhekk ghandhom japplikaw l-Artikoli 218(1)(a) u (b) tal-Kodici Kriminali fejn il-piena hija minn disa' xhur sa disa' snin. Jirrizulta ghalhekk li tali imputazzjoni ma tesorbitax il-kompetenza ta' din il-Qorti u l-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-istess imputazzjoni.'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Antoine sive David Monsigneur</u>**[13]' fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra, gie kkunsidrat:

*'Minn ezami akkurat tal-att ta' rinviju tal-Avukat Generali tas-sebgha (7) ta' April elfejn u ghaxra (2010) issib illi l- Avukat Generali kkwota l-artikolu 41(1)(b) u cioé t-tentattiv bic-cirkostanza tad-dezistenza fil-kuntest tal-omicidju volontarju u mhux fil-kuntest tal-ferita gravi kif donnha fhemet l-ewwel Qorti, u l-pieni applikabbli huma dawk tar- reati li lahqu gew ikkunsmati minflok il-piena ta' omicidju volontarju, bi tnaqqis fil-grad, f'liema kaz l-ewwel Qorti xorta kienet se tkun kompetenti biex taqta' dan il-kaz. Dana il ghaliex l-ebda reat minn dawk li lahqu gew kommessi ma kellu piena li kienet tezorbita l-ghaxar snin prigunerija u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkwotat l-artikoli u stqarret li ma kienx hemm*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Ottubru, 2013 (Appell Kriminali Numru: 407/2010)

*htija fit- tentattiv ta' omicidju. Il-fatti juru però illi kien hemm dan it- tentattiv bid-dezistenza ai termini tal-artikolu 41(1)(b), u peress illi l-atti illi lahaq ghamel l-appellat jinkwadraw fi shih fl-artikolu 214 u 218(b) u (c), dawn gew debitament ikkwotati mill-Avukat Generali, fejn allura l-parametri tal- piena jkunu bejn disa' (9) xhur u disa' (9) snin.'*

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda taghmilha cara li l-appellant korrettament instab hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju izda stante li ddezista volontarjament, inghata piena ghal dak li lehaq ghamel, ossia griehi ta' natura grava. Ghalhekk minkejja li l-indikazzjoni tal-artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi intenzjoni generika u ma jippostula l-ebda piena u ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti ma kellhiex ghal xiex ticcitah fil-parti dispositTiva tant li l-Qorti fid-*decide* tas-sentenza appellata nizlet li '*issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli*' setgha jaghti x'jifhem li l-appellant kien qieghed jinstab hati kemm ta' tentattiv ta' omicidju volontarju kif ukoll ta' offiza volontarja fuq il-persuna, l-istess ma jistax jinghad dwar l-artikolu 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jirrizulta b'mod car li gie citat kemm mill-Avukat Generali u mill-Ewwel Qorti abbazi tal-att li lehaq wettaq u dan *ai fini* ta' piena.

Ghalhekk, din il-Qorti qieghda tikkonferma l-htija ossia ta' tentativ ta' omicidju volontarju aggravat bil-fatt li l-appellant kien ufficjal tal-Pulizija meta sehh ir-reat izda l-piena li sejra tigi inflitta sejra tkun tal-atti li lehaq wettaq u cioe' ta' griehi ta' natura gravi. Ghalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellant qieghed jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda il-piena imposta mill-Qorti tal-Magistrati bhala sproporzjoanta tenut kont tar-rizultanzi fattwali kif ukoll l-andament procedurali. L-appellant jaghmel referenza ghall-eccezzjoni ta' genn li huwa invoka quddiem il-Qorti tal-Magistrati li giet michuda abbazi tal-konkluzjonijiet tat-tlett esperti psikjatrici nominati mill-Qorti u cioe' Dr. Joseph Vella Baldacchino, Dr. George Debono u Dr. John Mifsud li kkonkludew li fil-mument tal-incident l-appellant ma kienx fi stat ta' genn fit-termini tal-ligi u li kellu l-*kapacita di intendere e di volere.* Minn

naha l-ohra, l-esperta psikjatra nominata fl-inkjesta magisterjali Dr. Ethel Felice, ikkonkludiet li fil-hin tal-att, l-appellant ma kellux il-*kapacita' di intendere e di volere*. Il-psikjatra kuranti tal-appellant, Dr. David Cassar li kien ezamina lill-appellant qabel l-incident mertu tal-kawza spjega li l-appellant kien affett mill-marda tal-psikozi, jigifieri ma kienx hemm kuntatt mar-realta'.

L-appellant ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet milhuqa mit-tlett esperti nominati mill-Qorti tal-Magistrati mhux biss minhabba l-konkluzjonijiet ta' Dr. Ethel Felice u Dr. David Cassar imma anke ghaliex wara l-incident, l-appellant ghamel snin mizmum fl-Isptar Monte Karmeli u ghadu sa llum il' fuq minn ghaxar (10) snin wara l-incident, jattendi regolarment f'dan l-isptar bhala outpatient izda fi kliem l-appellant fl-appell tieghu '*ma huwiex ser jerga jiftah dan il-kapitolu fl-istadju ta' l-appell.*' pero' jirrimarka li l-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena hija eronja u cioe fejn l-Ewwel Qorti kkunsidrat li '"*Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet tad-difiza li l-agir tal-imputat kien kagunat minn mard ta' natura psikjatriku, anke jekk dan il-mard ma jikkwalifikax bhala genn ai termini ta-ligi.*" Skont l-appellant anke jekk wiehed jaccetta l-konkluzjoni li fil-mument tal-incident, l-appellant ma kienx fi stat ta' genn fit-termini tal-ligi u li kellu l-kapacita' *di intendere e di volore*, dan ifisser biss li ma kienx fi stat ta' genn fit-termini tal-ligi u cioe' tal-artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk mhux ezenti minn responsabilita' kriminali. Pero' skont l-appellant li wiehed jekwipara n-nuqqas tal-estremi li jwasslu ghal tali ezenzjoni mas-sanita mentali huwa zball. Ma jista' qatt ikun hemm dubju li l-appellant kien affett minn mard mentali li kellu rabta diretta mal-incident mertu ta' dan il-kaz. Jaghmel referenza ukoll ghal fatt li Dr. Alexandra Baldacchino li ratu ezatt wara l-incident u dehrilha li kellu bzonn jara psikjatra kemm jista' jkun malajr kif ukoll mart l-appellant li kkoncediet minghajr mezzi termini li dak li sehh sehh biss minhabba li l-appellant kien marid.

Ghalhekk skont l-appellant il-kundizzjoni mentali serja tal-appellant fil-hin tal-incident ma kellha qatt tigi skartata ghal finijiet ta' kalibrar ta' piena. Jaghmel referenza ukoll ghat-trapass ta' iktar minn ghaxar (10) snin mid-data tal-incident sad-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, in-numru ta' differimenti ghall-ghoti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u li ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet l-kawza ta' parti konsiderevoli ta'

dan id-dewmien, li qatt ma kiser diffru mal-ligi u li ghamel minn kollox biex jikkura ruhu. L-appellant ghamel sottomissjonijiet dwar li l-Ewwel Qorti kkunsidrat ir-reat bhala wiehed ta' vjolenza domestika u li skont l-appellant kaz izolat ma ghandux jittiehed in konsiderazzjoni sabiex il-kwalita' tal-piena tigi kkargata u dan apparti il-mahfra inkondizzjonata u genwina tal-vittma. Tant li lanqas ma gew imposti obbligu ta' garanzija jew ordni ta' trazzin jew protezzjoni.

Ikunsidrat;

Illi minkejja li l-appellant ma huwiex jappella mill-fatt li l-Ewwel Qorti sabet li l-appellant kellu l-kapacita' *di intendere e di volere* tant li jissottometti li '*ma huwiex ser jerga' jiftah dan il-kapitolu fl-istadju ta' l-appell*', huwa xorta hass li l-Ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni il-kundizzjoni mentali tal-appellant fil-mument ta' meta gie kommess ir-reat u dan *ai fini* ta' piena, u dan anke tenut kont ta' dak li kkonstataw Dr. Ethel Felice u l-psikjatra kuranti tal-appellant Dr. David Cassar.

Illi fir-relazzjoni tat-tlett esperti psikjatrici nominati mill-Qorti tal-Magistrati esebit bhala Dok JVB a fol 233 et sequitur, senjatament a fol 239 fost numru ta' osservazzjonijiet, osservaw li:

'*Minkejja li Dr. Cassar dehrlu li kien qed ibaghti minn psikozi, igifieri li ma kienx hemm kuntatt mar-rejalta, it-trattament li huwa tah ma tikkorrispondix mal-kondizzjoni psikjatrika li hu (Dr. Cassar) stqarr li l-imputat kien qed ibaghti minnha.*
*Dr. Cassar ma hassx il-bzonn li jinvoka l-Mental Health Act u jospitalizza lil imputat. Hu hassu li seta jemmen dak li qallu l-imputat, li mhux se jaghmel hsara lil mara, haga, li minnha nfiha qed teskludi stat psikotiku.*
*Ix-xhieda tal-imputat teskludi li waqt l-aggressjoni hu kien b'xi mod, fi stat konfusjonali jew dissocjattiv. Dan minhabba l-fatt illi l-imputat ftakar fid-detall certi asetti u hinijiet fl-izvolgiment tal-attentat.*'
*L-esperti kkonkludew li:*

'*1. Kien ghaddej minn stress emozzjonali.*
*2. Ma kienx fi stat ta' genn fit-termini tal-ligi*

*3. Kellu il-kapacita 'di intendere e di volere'.*

Illi Dr. Alexandra Baldacchino li invistat lill-appellant wara l-incident in kwistjoni xehdet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) li '*Deher imdejjaq hafna u jiena dherli li kellu bzonn jarah psikjatra kemm jista' jkun malajr. Hu qal li suppost kien qieghed fuq treatment. It-treatment kien hadu gurnata jew tnejn imma xorta dherli li kellu bzonn jara psikjatra kemm jista' jkun malajr.*'

Meta Dr. Ethel Felice xehdet l-ewwel darba fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja dwar l-ezami li ghamlet fuq l-appellant dak in-nhar tal-kommissjoni tar-reat in kwistjoni fejn ezaminatu fil-kwartieri generali tal-Pulizija u hasset li dak inhar stess kellu jiddahhal l-isptar Monte Carmeli u dan ghal gid tal-imputat. Spjegat '*dak inhar kien qed ibati minn . . . . . . jealousy jigifieri kellu hsibijiet u deluzjonijiet ffkukati biss fuq persuna wahda. Kif wkoll kien qed ibati minn depression qawwija peress li kienu ilhom prezenti ghat-tliet xhur ta' qabel u ghal hekk minhabba dan seta kien hemm riskju kbir li jaghmel hsara lilu nnifsu bhal per ezempju jikkommetti suwicidju u ghal hekk tajt ir-rakomandazzjoni tieghi sabiex jiddahhal l-isptar u dan sabiex jiehu l-kura u trattament mehtieg.*' Xehdet li ratu darbtejn ohra u sabet li huwa kien fi stat li jaghti x-xhieda tieghu meta kellu jigi intervistat mill-pulizija. Hija prezentat numru ta' rapporti. Meta xehdet fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) mistoqsija '*Jigifieri ma kienx kapaci di intendere o volere?*' wiegbet '*Le dak il-hin meta rajtu jiena ezaminajtu, le dak il-hin waqt l-att, ma kellux la intendere u lanqas volere*'.

Meta regghet xehdet fis-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) qalet li '*Fl-opinjoni tieghi meta jiena ezaminajtu sibt li ma kienx kapaci dak iz-zmien li jaghmel din il-volere u intendere*'. Mistoqsija '*Jigifieri he could not come to a reasoned judgment*' wiegbet '*No. ghaliex? Ghax dan kien that il-hsieb li din kienet qed taqlibielu u kien jemminha. Dak iz-zmien hu dan il-hsieb kien jemmnu u barra minn hekk wkoll kellu l-effett tieghu. Kien imdejjaq u kien hemm is-sintomi bijologici ta' dwejjaq. Ma kienx jiekol, ma kienx johrog, ma kienx jista' jikkoncentra. Lanqas ix-xoghol, xoghol ma kellux kwiet, kien imur jara fejn qeghda. Jigifieri dan kollox, il-hsieb tieghu li l-mara qed taqlibielu ha over. Jigifieri dan kien il-hin kollu jahseb fuq dan il-hsieb, u jemmen dan il-hsieb ghax kieku ma temminx ma toqghodx*

*tibqa' ghassa tal-mara tieghek. U dan il-hsieb nafu li kkaguna kemm l-imgieba tieghu u kemm il-mod kif ohossu u kien imdejjaq hafna'.*

Meta mistoqsija '*..l-ewwel nett kellu mard mentali jew psikjatriku dak il-hin?*' wiegbet '*jiena nemmen li kellu dak il-hin. Ghax dan mhux il-bierah qam u haseb li l-mara qed taqlibielu u mar u ghamel hekk. Dan kien ilu 3 xhur sejjer biha. Jigifieri dan kien hsieb li rega' gie u rega' gie. U mhux talli kienhsieb imma talli dan il-hsieb, ahna jkollna hsibijiet kultant li jigu fuqna imma dan il-hsieb emmnu. Mela dan inti temmen xi haga u inti tipprova ssib il-provi u dan hekk prova jaghmel. Allura kien ikellem lil ohtha, kien jiffolowjaha, kien icemplilha, kien jiccekkjaha, jigifieri dan l-agir tieghu u l-imgieba tieghu, kienet ghal hsieb li kien qed jigih. Dan gieh hsieb u emmnu u meta inti temmen xi haga, dak hu li ahna nghidulu deluzzjoni, a false belief*'. Hija kompliet tispjega il-mod ta' kif beda jinterpreta l-affarijiet. Mistoqsija jekk l-appellant kienx kapaci jikkontrolla l-hsieb u l-agir tieghu wiegbet '*Jiena meta rajtu dak inhar nibqa nghid li ma kienx kapaci. U jiena infatti dahhaltu l-isptar mentali u ma bghattux il-habs. Ghax fl-istat li kien, ma kienx f'posizzjoni li dan ikun il-habs ghax kien hemm periklu li dan seta' jaghmel xi haga lilu nnifsu wara li jinduna li hu kien ddisjacih talli ghamel...*' Spjegat ukoll li '*hu stess qalli, 'ghamilt l-ghar lejl ta' hajti ghax ma stajtx norqod. dalghodu qabel ma wassalt lit-tfal kelli dexgha u kont imdejjaq hafna.' Jigifieri anke dak inhar stess kien hemm bidla u kien hemm bidla qawwija. 'Meta allur amort lura d-dar kelli biza' kbira li titlaqni. Hassejt pressjoni f'rasi. Xaqq l-gharaq ghalija. Rajt dalma u qbadtha minn ghonqha.' Dan mhux kliem tieghi. Dawn huma kliem tieghu.*' Spjegat li '*Dan ifisser li dak il-hin vera kien taht l-influwenza tal-mod kif kien qed ihossu. U dak inhar kien qed joghroq hafna u kellu l-biza u dan il-hsieb li hi ser titilqu?*' Mistoqsi '*Imma l-hsieb ma kienx ko relatat mal-verita?*' wiegeb '*Le ghax kieku vera kien imdejjaq, kieku hemm dik il-biza li hi ser qed taqlibielu, issa jekk kinitx jew le, jiena ma dhaltx fiha ghax jiena dak il-hin lilha ma kellimthiex. Imma l-mod kif raha hu. Hafna drabi ahna mhux ir-realta nezaminaw imma l-percessjoni kif jaraha l-persuna. Hafna drabi dak l-ezempju li tajt inti huwa ezatt. Imma l-mod kif naraha jiena hija differenti mill-mod kif jaraha hu per ezempju u dik ahna naraw*'. Mistoqsija '*Ma setax jirrazzjonalizzza hu fuq dak*' wiegbet '*Dak il-hin ma setax. Jiena fl-opinjoni tieghi dak il-hin ma setax*'.

Il-Psikjatra Dr. David Cassar li kien invista lill-appellant ftit tal-jiem qabel ma' sehh ir-reat, meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u

tnax (2012) spjega '*Ghamilt tal-inqas siegha mieghu ghax kont koncernat hafna hafna hafna fuq dan ilk-kaz. Ghaliex kont koncernat? Ghax fl-esplorazzjoni psikjatrika tieghi, imbghad jiena sibt evidenza cara kristall fejn jiena nista nghid li dan il-persuna huwa psikotiku, mhux f'kuntatt mar-realta. Kellu deluzjonijiet ta' infedelta u kellu wkoll, mhux biss deluzjonijiet ta' infedelta imma kellu wkoll dak li ahna nghidulu sudden dilusional perception jew sudden dillusional percept. Dilusion percept tfisser li inti tara persuna jaghmel azzjoni inokwa u inti tinterpeta b'mod deluzjonali, b'mod assolut, li inti cert li dik il-haga inokwa tfisser xi haga reali, personali ghalik li ghandha a very intense special meaning. U jiena niftakar, avolja isa ghadda hafna snin, lil Kevin jispjegali. Ezempju jara pulizija jirkeb fuq mutur u l-fatt li pulizija li huwa pulizija li jahdem bil-mutur, il-fatt li ra lil dan il-puliizja jirkeb il-mutur tieghu fit-tali hin, ifisser li dan zgur kellu relazzjoni mal-mara tieghu. That is a sudden dillusional perception. That is a first rank sympton of schizohrenia. And of that I am absolute. Qed nitkellem bhala psikjatra bit-training kollu tieghi. Jiena psikjatra li ilni minn 1989 psikjatra*'.

Xehed li '*jiena kont koncernat hafna. Minhabba is-sudden dillusional perception li huwa first rank symptom ta' schizophrenia u sussegwentement Kevin dahal that il-kura tieghi u ghadu that il-kura tieghi sa llum bil-kura li qed naghtih jien, jiena kont cert li Kevin kien marid serjament. Il-kundizzjoni tieghu taqa' that ir-rubrika ta' morbid jealous. Morbid jealousy hija syndrome li tista tkun kawza ta' hafna kundizzjonijiet. Mhix kawza ta' haga wahda. Fil-kaz ta' Kevin, schizophrenia tista tikkawza morbid jealousy u jiena cert li Kevin kellu schizophrenia u fuq hekk jiena cert u qed nghidha taht gurament, jiena cert 100% li Kevin ghandu schizophrenia. Jiena kont koncernat hafna hafna hafna ghas-safety tal-mara tieghu. Wahda mir-ragunijiet li jiena domt daqshekk ma Kevin, tapprezzaw li ahna jkollna 60 pazjent gewwa l-outpatients u ma jkollix cans naghmel siegha ma kull pazjent. Imma biex naghmel siegha ma pazjent it shows how worried and concerned I was. U jiena esplorajt u esplorajt biex inkun mohhi mistrieh li huwa safe ghax jiena fejn tidhol issue ta' safety, jiena ghandi obbligu li l-persuna ndahhlu l-isptar. Esplorajt u esplorajt u esplorajt. Is-soltu kazijiet ta' morbid jealousy, meta jisplodu l-affarijiet u jkun hemm tragedji, tkun ilha gejja l-haga. Tkun ilek tarah snin lill-persuna u f'daqqa wahda tigri. Dan kien l-ewwel darba li qed narah lil dan l-individwu. Naf li ghandi bzonn li jafdani u naf lighandi bzonn li l-mara tafdani. Ma rridx li naghmel affarijiet li nitlef il-fiducja taghhom pero' fl-istess hi ghandi obbligu kbir fuq safety. U esplorajt fuq li esplorajt biex inkun cert u niftakar lil Kevin bid-dmugh f'ghajnejh, jghidli 'jiena mmiss lill-mara tieghi? Jiena kif nista mmiss lill-mara tieghi. Dik il-mara tieghi.*

*Zgur minix ser immissha.' U dan huwa bilanc li mhux facli fix-xoghol taghna imma dak il-hin hassejt li considering all the aspects, kont ser nerga narah il-gimgha ta' wara, u ghidt ok rridek tiehu din il-kura. Lill-mara spjegajtilha ir-riskji. Il-mara wkoll jekk niftakar sew ma riditx li Kevin jidhol l-isptar...'* Dwar l-ischizophrenia spjega li hija '*a disease of the brain. The mind is the way we think. Schizophrenia is a disease of the brain where you have brain change*'. Spjega li '*The mind is the way we think and that depends on our past experiences, it depends on our attitude, on the way we see things. But the brain is the organ. Now schizophrenia is a disorder of the organ. There is brain change. There is chemical change in the brain and there is biological nerve change of the brain.*'

Dwar wara l-incident qal li '*..kien ghadu psikotiku ezatt bl-istess mod li jiena kont rajtu l-granet ta' qabel ghax il-psikosi ma taqbadx u tmur. Kien distressed, kien anzjuz imma wiehed irid jifhem dak fil-kuntest kemm ta' l-event fih nfisu u l-mod li zviluppa li hu kien pulizija u shabu l-pulizija gabuh l-isptar, dahhluh l-isptar u l-implikazzjonijiet kollha li dak kien ifisser ghalih*'

Dr David Cassar rega' xehed, din id-darba quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn wara li ta' spjegazzjoni dettaljata dwar il-kura tal-appellant, dwar il-kapacita *di intendere e volere* wiegeb '*Jiena ċert mija fil-mija li Kevin dak il-ħin kien marid u nemmen b'mod qawwi li Kevin jibqa' f'riskju li jerġa' jimrad u għalhekk qed jieħu d-doża ta' mediċini li qed jieħu u minhiex qed nilgħab, mhux qed natih doża żgħira, qed nagħtih l-għola doża ta' risperdal consta.*'

Illi tenut kont tal-fatt li l-appellant la appella mic-cahda tal-eccezzjoni tieghu li kien fi stat ta' genn meta ghamel attentat biex joqtol lil martu u lanqas mic-cahda tal-iskuzanti tal-passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra dan. Ghalhekk mhijiex sejra tevalwa jekk l-Ewwel Qorti kinitx korretta fil-kunsiderazzjonijiet taghha kemm dwar dak li kkonstataw l-esperti psikjatrici mahtura mill-Qorti kif ukoll dwar dak li kkonstataw u xehdu Dr. Ethel Felice u Dr. David Cassar, izda sejra tikkunsidra jekk il-kundizzjoni mentali tal-appellant skont dak stabbilit fil-prova prodotti kelliex tittiehed in konjizzjoni meta l-Qorti giet biex tikkalibra l-piena. Biss pero' din il-Qorti taghmilha cara li l-Qrati ma ghandhom ebda impediment milli jiskartaw dak li jkunu kkonkludew esperti psikjatrici mahtura mill-

Qorti stess. Kif jipprovdi l-artikolu 656 '*Min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu.*'

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Akram Amar Swayah'**[14]:

'*Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l- perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*

*Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l- perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*

***"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."***

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinhass", u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni "hija wahda visibbli minn distanza normali".*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri'**[15] gie kkunsidrat li:

'***19.*** *Jidher li l-gurati skartaw l-opinjoni ta' l-esperti psikjatri (kif del resto kellhom dritt li jaghmlu a tenur ta' l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali*[16]*) u kkonkludew li l-appellant kellu kemm il-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel huwa hazin kif ukoll il-kapacita` li*

---

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju, 2006 (Appell Kriminali Numru. 124/2005)

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Marzu, 2010 (Numru 3333/2010)

[16] L-artikolu 656 jipprovdi: "Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu." (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna ennumerata erbatax (14) fis-sentenza citata)

*jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Din il-Qorti jidhrilha li l-gurati, ben diretti mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, skond il-buon sens, dwar il-kwistjoni li kellhom quddiemhom. Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie[17], b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:*

***"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."*** '

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-appellant meta jissottometti li l-Ewwel Qorti ma kellha qatt tiskarta ghal finijiet ta' piena il-kundizzjoni mentali serja tal-appellant fil-hin tal-incident. Jirrizulta car kemm mix-xhieda ta' Dr. David Cassar li kien l-espert li ezamina lill-appellant ftit jiem qabel l-incident u li baqa' l-psikjatra kuranti tal-appellant sal-lum il-gurnata, kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Ethel Felice mahtura originarjament mill-Magistrat Inkwirenti fejn kienet invistat lill-appellant dak in-nhar li sehh l-incident li dak li sehh kien relatat mal-kundizzjoni mentali serja tal-appellant. Illi ghalhekk, ghalkemm din il-Qorti mhijiex tikkunsidra jekk l-appellant kienx fi stat ta' genn meta sehh ir-reat u dan stante li l-appellant ma appellax dwar dan, sejra tiehu in konjizzjoni dawn ix-xhieda *ai fini* ta' kunsiderazzjonijiet dwar il-piena. Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghax-xhieda tal-Ispettur Joseph Hearsey

[17] **Criminal Law**, Sweet & Maxwell (Edinburgh), 1992 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna ennumerata hmistax (15) fis-sentenza citata)

moghtija fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn spjega t-tibdil li ra fl-appellant fix-xhur ta' qabel ma sehh ir-reat in kwistjoni. Xehed ukoll li '*Lil Kevin nafu bhala ragel tal-familja. Dejjem jitkellem fuq it-tfal u fuq Jackie u fejn marru u x'ser jaghmlu u forsi ser isiefru u meta ser niltaqghu u meta ha mmorru bit-tfal hemm u meta ha mmorru naraw hekk pero' dak il-perjodu ta' April May 2008 qisu he was up to nothing. Tghidlu x'tghidlu, kien qisu cass. Minn hemm bdejna ninnutaw ahna. Fejn dejjem jidhaq u hekk kien jidhol dejjem qisu long face u hekk u speci all right kulhadd ikollu problemi imma this went on too long.*'

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata senjatament fil-kunsiderazzjonijiet dwar il-piena:

'*l-imputat iddezista volontarjament milli jikkonsma d-delitt, u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kodici Kriminali huwa ghandu jehel biss il-piena ghall-atti li lahaq ghamel. Mir-rapport tal-espert Dottor Mario Scerri jirrizulta li bl-eghmil tieghu, l-imputat qieghed il-hajja ta' Jacqueline Galea fil-perikolu tal-mewt*[18]*, u ghalhekk huwa ghandu jehel biss il-piena ghal ferita gravi ai termini tal-Artikolu 216(1)(a) tal-Kodici Kriminali, li fiz-zmien li fih gie kommess ir-reat kien jikkontempla piena ta' prigunerija minn tlett xhur sa tlett snin.*

*In oltre, jirrizulta ampjament mill-provi li l-imputat kien ufficjal tal-Pulizija meta kkommetta r-reat, u konsegwentement din il-piena ghandha tizdied bi grad ai termini tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk il-piena applikabbli hija minn sitt (6) xhur sa erba' (4) snin prigunerija.*'

Din il-Qorti tippreciza li ghalkemm taqbel li l-piena ghal ferita gravi ai termini tal-artikolu 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fiz-zmien ta' meta sehh l-incident kien jikkontempla piena ta' prigunerija minn tlett (3) xhur sa tlett (3) snin, stante li in vista tal-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena trid tizdied bi grad, skont l-artikolu 31 il-piena ta' prigunerija applikabbli b'zieda ta' grad

[18] Ara wkoll ix-xhieda ta' Dottor Jonathan Joslyn a fol. 38-39 tal-process, u tal-Ispettur Jesmond Borg a fol. 31 tal-process. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna ennumerata hamsa u ghoxrin (25) fis-sentenza appellata)

hija dik ta' minn hames (5) xhur sa erba' (4) snin u mhux kif indikat mill-Ewwel Qorti minn sitt (6) xhur sa erba' (4) snin.

Din il-Qorti filwaqt li sejra tikkunsidra li l-appellant iddezista volontarjament, temfasizza l-gravita tar-reat tant li t-tabib Dr. Mario Scerri fir-relazzjoni tieghu a fol 144 ikkonkluda li '*l-kondizzjoni ta'* ***Galea*** *meta din iddahhlet l-isptar Mater Dei kienet wahda kritika u kieku ma sarx intervent immedjat din certament kienet tmut.*' Ghalhekk l-appellant filwaqt li kif ikkunsidrat fil-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju qieghed jigi kkonfermat li l-appellant huwa hati ta' attentat ta' omicidju volontarju aggravat bil-fatt li kien ufficjal tal-Pulizija meta kkometta r-reat, il-piena li trid tinghata hija dik rigwardanti offiza gravi fuq il-persuna aggravat bil-fatt li l-appellant kien ufficjal tal-Pulizija meta gie kommess ir-reat.

Biss pero', din il-Qorti ma thoss li piena karcerarja hija idonea fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan tenut kont tal-fatt li jezistu cirkostanzi specjali u straordinarji sabiex l-Qorti fl-imposizzjoni tal-piena tissospendi l-perjodu ta' prigunerija u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-kunsiderazzjonijiet maghmulha kemm mill-espert Dr. Ethel Felice mahtura fl-inkjesta kif ukoll Dr. David Cassar il-psikjatra kuranti tal-appellant fejn din il-Qorti mill-provi prodotti tikkunsidra li hemm rabta bejn il-marda tal-appellant u r-reat in kwistjoni;

2. Ghalkemm l-Ewwel Qorti kkunsidrat dan ir-reat bhala reat ta' vjolenza domestika, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-fatt li dan kien kaz izolat tant li l-vittma kkonfermat li '*Kevin never beat me or in any way harmed me before this incident. He is not that kind of person. He is a caring person and I think he needs help.*'[19]

3. Il-fatt li l-vittma ossia mart l-appellant hafret lill-appellant;

4. Il-fatt li l-vittma xehdet li l-appellant ma haqqux jehel habs;

---

[19] Xhieda moghtija mill-vittma Jacqueline Galea fit-28 ta' Gunju, 2008 quddiem Dr. Anthony Cutajar LL.D

5. Il-fatt li l-appellant ma huwiex akkuzat li huwa recidiv u li mill-fedina penali jirrizulta li din hija relativament netta, ghajr ghal zewg kundanni relatati ma' ksur tal-ligijiet tas-sewqan, fejn l-ahhar kundanna tmur lura ghas-sena elf, disa' mija u wiehed u disghin (1991) li bi ksur tal-ligijiet tas-sewqan kien ikkawza griehi gravi per durata fuq persuna;

6. It-trapass ta' zmien minn meta sehh l-incident ghal meta inghatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti, tant illi ghalkemm il-kawza intbghatet ghas-sentenza fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghad-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015), is-sentenza tal-Ewwel Qorti inghatat fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018).

Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin kif ukoll sejra tordna l-hrug ta' Ordni ta' Supervizjoni fil-konfront tal-appellant. Sejra tordna ukoll il-hlas tal-ispejjez relatati mal-hatra tal-esperti *ai termini* tal-artikolu 533 tal-Kaptitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda tilqa' limitatament l-appell tal-appellant u qieghda tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma li l-appellant huwa hati ta' attentat ta' omicidju volontarju aggravat bil-fatt li dan ir-reat gie kommess meta hu kien ufficjal tal-Pulizija, tirrevoka fejn il-Qorti ikkundannat lill-appellant ghal sitt (6) xhur prigunerija effettiva u qieghda minflokk tikkundanna lill-appellant ghal sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tissospendihom ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Inoltre, tikkonferma fejn il-Qorti ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali. Jekk l-appellant jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-

ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta′ gurnata habs ghal kull hdax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

In oltre' sejra *ai termini* tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minhabba l-gravita' tal-kaz u anke tenut kont tal-fatt li l-appellant qieghed taht kura psikjatrika, tpoggi lill-appellant taht Ordni ta' Supervizjoni ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti tordna li tul dan il-perjodu ta' tlett (3) snin, l-appellant ghandu josserva rigorozament il-kundizzjonijiet imsemmija fl-annessa ordni ta′ supervizjoni.

Il-Qorti spjegat lil hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita′ tieghu u x′jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul il-perjodu ta′ tlett (3) snin;

Il-Qorti tordna li kopja ta′ din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation sabiex jigi nominat probation officer ghal dan l-ghan u li tinghata kopja ta′ din is-sentenza lill-istess appellant sabiex ikun jaf il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Supervizjoni tieghu.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

**Qorti tal-Appelli Kriminali**

**Imhallef Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**

**V**

**KEVIN GALEA**

**ORDNI TA' SUPERVIZZJONI**

**[Artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, 12 ta' Marzu 2019**

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna imputata Kevin Galea detentur tal-karta ta' identita' Maltija 396067M, **gie ikkundannat** ghal **piena karcerarja ta' sitt xhur sospizi ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Supervizzjoni;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' Supervizzjoni lil persuna imputata innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna li l-imsemmija persuna imputata titqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal dan il-perjodu taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna imputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal ta' Supervizzjoni, inkluz kull direttivi li l-Ufficjal ta' Supervizzjoni jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;
2. Illi l-persuna imputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Ufficjal ta' Supervizzjoni skond d-

direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Ufficjal ta' Supervizzjoni ikun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna imputata ghandha minnufih tgharraf lil Ufficjal ta' Supervizzjoni b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;
4. Illi l-persuna imputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Ufficjal ta' Supervizzjoni kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Ufficjal ta' Supervizzjoni bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess persuna mputata; u
5. Li l-persuna imputata tibqa' taht l-kura medika ta' psikjatra ghaz-zmien kollu li l-istess psikjatra Dr. David Cassar jidhirlu xieraq.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation u Parole Services.**

____________________

Firma tal-hati

____________________

**Franklin Calleja**

**Deputat Registratur**